IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

MT



# Dokument tematiku

## Protezzjoni tad-data personali

Direttorat tar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

curia.europa.eu

# Daħla

Id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali huwa dritt fundamentali li r-rispett tiegħu jikkostitwixxi għan importanti għall-Unjoni Ewropea.

Dan id-dritt huwa stabbilit fid-dritt primarju, b'mod partikolari permezz tal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") kif ukoll tal-Artikolu 16(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dan id-dritt fundamentali huwa barra minn hekk marbut mill-qrib mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta.

Għal dak li jirrigwarda d-dritt sekondarju, il-Komunità Ewropea żviluppat, minn nofs is-snin 90, diversi strumenti intiżi li tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-data personali. Id-Direttiva 95/46 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1], imħassra mill-2018, kienet tikkostitwixxi f'dan ir-rigward l-att ġuridiku ewlieni tal-Unjoni f'dan il-qasam.

Sussegwentement, id-Direttiva 2002/58 [2] ikkompletat id-Direttiva 95/46, billi armonizzat id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata, għal dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-ipproċessar ta' data personali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi [3]. Għandu jingħad li, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali ġodda, il-leġiżlatur tal-Unjoni beda, mill-2017, reviżjoni ta' din id-direttiva [4], li sal-lum għadha għaddejja [5].

Fl-2016, l-Unjoni Ewropea rriformat il-qafas legali ġenerali f'dan il-qasam. Għal dan il-għan, hija adottat ir-Regolament 2016/679 [6] dwar il-protezzjoni tad-data (iktar 'il quddiem il-"GDPR"), li ħassar id-Direttiva 95/46 u li sar applikabbli fil-25 ta' Mejju 2018,

---

1 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355), verżjoni kkonsolidata tal-20 ta' Novembru 2003, imħassra b'effett mill-25 ta' Mejju 2018 (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6).

2 Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), verżjoni kkonsolidata tad-19 ta' Diċembru 2009.

3 Id-Direttiva 2002/58 ġiet emendata bid-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temendi d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU 2006, L 105, p. 54). Din id-direttiva ġiet invalidata mill-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland u Seitlinger *et* (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238), għar-raġuni li kienet twassal għal ksur gravi tad-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali (ara t-Taqsima I.1, intitolata "Konformità tad-dritt sekondarju tal-Unjoni mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali" ta' dan id-dokument).

4 Fl-10 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni ppreżentat proposta sabiex tissostitwixxi din id-direttiva b'regolament dwar il-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet elettroniċi.

5 Fl-10 ta' Frar 2021, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea approva mandat ta' negozjar għar-reviżjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-kunfidenzjalità fl-użu ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika li jippermetti l-bidu ta' negozjati mal-Parlament Ewropew. It-test tar-regolament propost dwar ir-rispett għall-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali fil-komunikazzjonijiet elettroniċi u li jħassar id-Direttiva 2002/58/KE (Regolament dwar "il-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet elettroniċi" huwa disponibbli taħt din il-link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CONSIL:ST_6087_2021_INIT&from=EN.

6 Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

kif ukoll id-Direttiva 2016/680 [7] dwar il-protezzjoni tal-imsemmija data f'materji kriminali li d-dispożizzjonijiet tagħha huma applikabbli mis-6 ta' Mejju 2018.

Għal dak li jirrigwarda l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni, il-protezzjoni tagħhom hija b'mod partikolari żgurata, mill-11 ta' Diċembru 2018, mir-Regolament 2018/1725 [8]. Fl-interess ta' approċċ konsistenti fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni kollha, dan ir-regolament il-ġdid huwa intiż li jallinja kemm jista' jkun ir-regoli f'dan il-qasam mas-sistema stabbilita permezz tal-GDPR.

Fl-aħħar nett, sabiex jiffaċċja l-isfidi mqajma minn teknoloġiji ġodda, il-leġiżlatur tal-Unjoni, mill-2020, nieda l-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi ġodda [9] li huma marbuta mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mal-protezzjoni tad-data personali.

Ikkunsidrata l-ġurisprudenza estensiva tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-protezzjoni tad-data personali, dan il-fajl tematiku għandu l-għan li jippreżenta għażla ta' sentenzi bażiċi f'dan il-qasam kif ukoll sentenzi li taw kontribut importanti għall-iżvilupp ta' din il-ġurisprudenza, b'interess partikolari fis-sentenzi mogħtija mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja. B'mod iktar partikolari, dan il-fajl għandu l-għan li jkopri kemm il-ġurisprudenza relatata mal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data personali, li tirriżulta mill-interpretazzjoni tad-Direttiva 95/46 u tal-GDPR, kif ukoll dik relatata mar-regolamenti settorjali mmirati lejn, b'mod partikolari, is-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tad-dritt kriminali. Barra minn hekk, għandha l-għan li tippreżenta għażla ta' sentenzi relatati ma' regolamenti li japplikaw b'mod trasversali, filwaqt li tenfasizza immedjatament ir-rwol determinanti tal-Karta fl-iżvilupp tal-ġurisprudenza.

---

[7] Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89).

[8] Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

[9] F'dan il-kuntest, b'mod partikolari, għandhom jiġu kkunsidrati tliet inizjattivi leġiżlattivi partikolari: i) ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU 2022, L 152, p. 1) u r-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-Data) (ĠU 2023, L 2854, p. 1); ii) pakkett leġiżlattiv dwar is-servizzi u s-swieq diġitali, kompost mir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU 2022, L 277, p. 1) u mir-Regolament 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU 2022, L 265, p. 1); u iii) l-ewwel proposta leġiżlattiva dwar il-ħolqien ta' qafas regolamentari fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali, li ġie kkonkretizzat permezz ta' regolament dwar l-intelliġenza artifiċjali (ĠU 2024, L, 1689).

# Werrej


DAĦLA ........ 3

I. ID-DRITT GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI RRIKONOXXUT MILL-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TAL-UNJONI EWROPEA ........ 7

1. Konformità tad-dritt sekondarju tal-Unjoni mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ........ 7
2. Rispett tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ........ 19

II. L-IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI FIS-SENS TAL-LEĠIŻLAZZJONI ĠENERALI F'DAN IL-QASAM ........ 20

1. Kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ġenerali ........ 20
2. Kunċett ta' "data personali" ........ 26
3. Kunċett ta' "ipproċessar ta' data personali" ........ 29
4. Kunċett ta' "sistema ta' ħażna ta' data personali" ........ 33
5. Kunċett ta' "kontrollur responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali" ........ 34
6. Kunċett ta' "kontrollur konġunt" ........ 36
7. Kundizzjonijiet għal-legalità tal-ipproċessar ta' data personali ........ 37

III. IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI FIS-SENS TAL-LEĠIŻLAZZJONI SETTORJALI ........ 43

1. Ipproċessar ta' data personali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ........ 43
2. Ipproċessar ta' data personali f'materji kriminali ........ 62

IV. TRASFERIMENT TA' DATA PERSONALI LEJN PAJJIŻI TERZI ........ 66

V. IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI FUQ L-INTERNET ........ 74

1. Dritt ta' oġġezzjoni għall-ipproċessar tad-data personali ("dritt li wieħed jintesa") ........ 74
2. Ipproċessar ta' data personali u drittijiet tal-proprjetà intellettwali ........ 76
3. Tneħħija ta' referenza għal data personali ........ 78
4. Kunsens tal-utent ta' sit internet għall-ħażna ta' informazzjoni ........ 87
5. Ipproċessar ta' data personali fuq in-networks soċjali online ........ 89

VI. AWTORITAJIET NAZZJONALI SUPERVIŻORJI ........ 92

1. Portata tar-rekwiżit ta' indipendenza ........ 92
2. Determinazzjoni tad-dritt applikabbli u tal-awtorità superviżorja kompetenti ........ 95
3. Setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali superviżorji ........ 97
4. Kundizzjonijiet għall-impożizzjoni ta' multi amministrattivi ........ 103
5. Rabta tal-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali superviżorji mal-kompetenzi ta' awtoritajiet nazzjonali oħra ........ 106

# I. Id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali rrikonoxxut mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

## 1. Konformità tad-dritt sekondarju tal-Unjoni mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali

***Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010 (Awla Manja), Volker und Markus Schecke u Eifert (C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662)***

F'dawn il-kawżi, it-tilwima fil-kawżi prinċipali, bejn bdiewa u l-Land Hessen, kienet dwar il-pubblikazzjoni fis-sit internet tal-Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung (l-Uffiċċju Federali tal-Agrikoltura u l-Ikel, il-Ġermanja) ta' data personali li kienet tirrigwardahom bħala benefiċjarji ta' fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). L-imsemmija bdiewa oġġezzjonaw għal din il-pubblikazzjoni billi sostnew, b'mod partikolari, li din il-pubblikazzjoni ma kinitx iġġustifikata minn interess pubbliku predominanti. Min-naħa tiegħu, il-Land Hessen argumenta li l-pubblikazzjoni tal-imsemmija data kienet tirriżulta mir-Regolamenti Nri 1290/2005 [10] u 259/2008 [11], li kienu jirregolaw il-finanzjament tal-politika agrikola komuni u li kienu jirrikjedu l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-persuni fiżiċi benefiċjarji tal-FAEG u tal-FAEŻR.

Kien f'dan il-kuntest li l-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden, il-Ġermanja) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi dwar il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1290/2005 u tar-Regolament Nru 259/2008, li kienu jimponu t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' tali informazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' siti internet operati mill-uffiċċji nazzjonali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, fir-rigward tal-kompatibbiltà bejn id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali rrikonoxxut mill-Karta u l-obbligu ta' trasparenza fil-qasam tal-Fondi Ewropej, li l-pubblikazzjoni fuq sit internet tad-data nominattiva dwar il-benefiċjarji tal-fondi u l-ammonti li dawn irċevew tikkostitwixxi, minħabba l-fatt li dan is-sit huwa liberament aċċessibbli għal terzi, preġudizzju għad-dritt tal-benefiċjarji kkonċernati għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom, b'mod ġenerali, u għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom, b'mod partikolari.

Sabiex ikun iġġustifikat, tali preġudizzju għandu jkun previst mil-liġi, għandu josserva l-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità,

[10] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU 2005, L 209, p. 1), imħassar bir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (ĠU 2013, L 347, p. 549).

[11] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 259/2008 tat-18 ta' Marzu 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 rigward il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji tal-fondi ġejjin mill-[FAEG] u [mill-FAEŻR] (ĠU 2008, L 76, p. 28), imħassar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU 2014, L 255, p. 59).

għandu jkun neċessarju u għandu effettivament jissodisfa għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni, filwaqt li d-derogi u l-limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet għandhom japplikaw fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, għalkemm, f'soċjetà demokratika, il-persuni taxxabbli għandhom dritt li jinżammu informati dwar l-użu tal-fondi pubbliċi, xorta jibqa' l-fatt li l-Kunsill u l-Kummissjoni huma obbligati jibbilanċjaw id-diversi interessi inkwistjoni, ibbilanċjar li jeħtieġ, qabel l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, li jiġi vverifikat jekk il-pubblikazzjoni ta' din id-data permezz ta' sit internet wieħed mill-Istat Membru tmurx lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat invalidi ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1290/2005, kif ukoll ir-Regolament Nru 259/2008 fl-intier tiegħu, sa fejn, għal dak li jirrigwarda l-persuni fiżiċi benefiċjarji ta' għajnuna mill-FAEG u mill-FAEŻR, dawn id-dispożizzjonijiet kienu jimponu l-pubblikazzjoni ta' data personali relatata ma' kull benefiċjarju, mingħajr distinzjoni fuq il-bażi ta' kriterji rilevanti, bħall-perijodi li matulhom huma rċevew tali għajnuna, il-frekwenza jew anki t-tip u d-daqs tagħha. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma missitx l-effetti tal-pubblikazzjoni tal-listi tal-benefiċjarji ta' tali għajnuna, magħmula mill-awtoritajiet nazzjonali matul il-perijodu li jippreċedi d-data tal-għoti tas-sentenza.

***Sentenza tat-8 ta' April 2014 (Awla Manja), Digital Rights Ireland u Seitlinger et (Kawżi magħquda C-293/12 u C-594/12,* EU:C:2014:238*)***

Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' talbiet għall-evalwazzjoni tal-validità tad-Direttiva 2006/24 dwar iż-żamma ta' data, fid-dawl tad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, imressqa fil-kuntest ta' tilwimiet nazzjonali quddiem il-qrati Irlandiżi u Awstrijaki. Fil-Kawża C-293/12, il-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) kienet ġiet adita b'tilwima bejn il-kumpannija Digital Rights u l-awtoritajiet Irlandiżi dwar il-legalità ta' miżuri nazzjonali li jikkonċernaw iż-żamma ta' data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi. Fil-Kawża C-594/12, il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Awstrija) kienet adita b'diversi rikorsi kostituzzjonali li talbu l-annullament tad-dispożizzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2006/24 fid-dritt Awstrijak.

Permezz tat-talbiet tagħhom għal deċiżjoni preliminari, il-qorti Irlandiża u dik Awstrijaka staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tad-Direttiva 2006/24 fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 tal-Karta. B'mod iktar preċiż, l-imsemmija qrati staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-obbligu tal-forniture ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku jew ta' networks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet taħt din id-direttiva li jżommu, għal ċertu żmien, id-data dwar il-ħajja privata ta' persuna u dwar il-komunikazzjonijiet tagħha, u li jagħtu aċċess għal din id-data lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jimplikax indħil mhux iġġustifikat fl-imsemmija drittijiet fundamentali. It-tipi ta' data kkonċernati huma, b'mod partikolari, id-data neċessarja sabiex jinstab u jiġi identifikat is-sors ta' komunikazzjoni u d-destinazzjoni tagħha, sabiex tiġi ddeterminata

d-data, il-ħin, it-tul u t-tip ta' komunikazzjoni, il-materjal ta' komunikazzjoni tal-utenti, kif ukoll sabiex jiġi llokalizzat il-materjal ta' komunikazzjoni mobbli, liema data tinkludi, b'mod partikolari, l-isem u l-indirizz tal-abbonat jew tal-utent irreġistrat, in-numru tat-telefon tal-persuna li tagħmel it-telefonata u n-numru tat-telefon imċempel kif ukoll indirizz IP għas-servizzi tal-internet. Din id-data tippermetti, b'mod partikolari, li tiġi identifikata l-persuna li magħha jkun ikkomunika abbonat jew utent irreġistrat u b'liema mezz, kif ukoll li jiġi ddeterminat il-ħin tal-komunikazzjoni u l-post li minnu seħħet din il-komunikazzjoni. Barra minn hekk, din id-data tippermetti li ssir magħrufa l-frekwenza tal-komunikazzjonijiet tal-abbonat jew tal-utent irreġistrat ma' ċerti persuni matul perijodu speċifiku.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet l-ewwel nett li, billi jimponu tali obbligi fuq dawn il-fornituri, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/24 kienu jikkostitwixxu ndħil partikolarment gravi fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, iggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta. F'dan il-kuntest, huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan l-indħil jista' jkun iġġustifikat mit-tfittxija ta' għan ta' interess ġenerali, bħalma hija l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, fl-ewwel lok, li ż-żamma tad-data imposta mid-Direttiva ma kinitx ta' natura li tippreġudika l-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, sa fejn ma kinitx tippermetti li jsir magħruf il-kontenut tal-komunikazzjonijiet elettroniċi bħala tali u tipprevedi li l-fornituri ta' servizzi jew ta' networks għandhom josservaw ċerti prinċipji ta' protezzjoni u ta' sigurtà tad-data. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ż-żamma tad-data bil-għan li eventwalment tiġi trażmessa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kienet tissodisfa effettivament għan ta' interess ġenerali, jiġifieri l-ġlieda kontra l-kriminalità gravi kif ukoll, fl-aħħar mill-aħħar, is-sigurtà pubblika.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, meta adotta d-Direttiva dwar iż-żamma ta' data, il-leġiżlatur tal-Unjoni kien mar lil hinn mil-limiti imposti mill-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat id-Direttiva invalida billi qieset li l-indħil ta' portata wiesgħa u ta' gravità partikolari fid-drittijiet fundamentali li hija kienet timplika ma kienx irregolat suffiċjentement sabiex jiġi ggarantit li dan l-indħil ikun limitat għal dak li jkun strettament neċessarju. Id-Direttiva 2006/24 fil-fatt kienet tkopri b'mod iġġeneralizzat lil kull persuna u l-mezzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika kif ukoll id-data kollha dwar it-traffiku mingħajr ma ssir ebda differenzazzjoni, limitazzjoni jew eċċezzjoni fuq il-bażi tal-għan tal-ġlieda kontra r-reati gravi. Barra minn hekk, id-Direttiva ma kienet tipprevedi l-ebda kriterju oġġettiv li jippermetti li jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom aċċess għad-data u jkunu jistgħu jużawha biss għal finijiet ta' prevenzjoni, ta' identifikazzjoni u ta' prosekuzzjoni kriminali ta' reati li jistgħu jitqiesu li huma suffiċjentement gravi sabiex ikun iġġustifikat tali ndħil, u lanqas ma kienet tipprevedi l-kundizzjonijiet materjali u proċedurali ta' tali aċċess jew ta' tali użu. Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tul taż-żamma tad-data, id-Direttiva kienet timponi ż-żamma tagħha għal perijodu ta' mill-inqas sitt xhur

mingħajr ma tagħmel ebda distinzjoni bejn il-kategoriji ta’ data fuq il-bażi tas-suġġetti tad-data jew tal-eventwali utilità tad-data fir-rigward tal-għan imfittex.

Barra minn hekk, fir-rigward tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 8(3) tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva 2006/24 ma kinitx tipprevedi garanziji suffiċjenti li jippermettu li tiġi żgurata protezzjoni effikaċi tad-data kontra r-riskji ta’ abbuż kif ukoll kontra l-aċċess u l-użu illegali tad-data, u li din id-direttiva lanqas ma kienet teżiġi li d-data tinżamm fit-territorju tal-Unjoni.

Għaldaqstant, l-imsemmija direttiva ma kinitx tiggarantixxi kompletament is-superviżjoni tal-osservanza tar-rekwiżiti ta’ protezzjoni u ta’ sigurtà minn awtorità indipendenti, kif madankollu teżiġi espliċitament il-Karta.

***Sentenza tal-21 ta’ Ġunju 2022 (Awla Manja), Ligue des droits humains (C-817/19, EU:C:2022:491)***

Id-data PNR (Passenger Name Record) hija informazzjoni ta’ riżervazzjoni maħżuna mit-trasportaturi tal-ajru fis-sistemi tagħhom ta’ riżervazzjoni u ta’ kontroll tat-tluq. Id-Direttiva PNR [12] tobbliga lil dawn it-trasportaturi jittrasferixxu d-data ta’ kull passiġġier li juża titjira extra-UE, operata bejn pajjiż terz u l-Unjoni Ewropea, lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri (iktar ’il quddiem l-“UIP”) tal-Istat Membru ta’ destinazzjoni jew ta’ tluq tat-titjira kkonċernata, sabiex jiġu miġġielda t-terroriżmu u l-forom serji ta’ kriminalità. Fil-fatt, id-data PNR ittrasferita b’dan il-mod hija suġġetta għal evalwazzjoni minn qabel mill-UIP [13] u sussegwentement tinżamm fid-dawl ta’ eventwali evalwazzjoni sussegwenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jew minn dawk ta’ Stat Membru ieħor. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw id-Direttiva wkoll għat-titjiriet intra-UE [14].

[12] Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar l-użu ta’ data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU 2016, L 119, p. 132) (iktar ’il quddiem id-“Direttiva PNR”).

[13] Din l-evalwazzjoni minn qabel tipprevedi l-identifikazzjoni ta’ persuni li għalihom huwa meħtieġ eżami iktar iddettaljat mill-awtoritajiet kompetenti, fid-dawl tal-fatt li dawn il-persuni jistgħu jkunu involuti f’reat terroristiku jew f’forma serja ta’ kriminalità. Din issir b’mod sistematiku u permezz ta’ mezzi awtomatizzati, billi d-data PNR tiġi vverifikata ma’ databases “utli” jew tiġi pproċessata fid-dawl ta’ kriterji stabbiliti minn qabel fl-Artikolu 6(2)(a) u (3) tad-Direttiva PNR.

[14] Permezz tal-possibbiltà prevista fl-Artikolu 2 tad-Direttiva PNR.

Il-Cour constitutionelle (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju) ġiet adita mil-Ligue des droits humains b'azzjoni għal annullament tal-liġi Belġjana li tittrasponi fid-dritt nazzjonali kemm id-Direttiva PNR kif ukoll id-Direttiva API [15]. Skont ir-rikorrenti, din il-liġi kienet tmur kontra d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali. Hija kkritikat, minn naħa, in-natura wiesgħa ħafna tad-data PNR u, min-naħa l-oħra, in-natura ġenerali tal-ġbir, tat-trasferiment u tal-ipproċessar ta' din id-data. Il-liġi kienet tippreġudika wkoll il-moviment liberu tal-persuni sa fejn din reġgħet stabbilixxiet indirettament kontrolli fil-fruntieri billi estendiet is-sistema PNR għat-titjiriet intra-UE u għat-trasport imwettaq b'mezzi oħra ġewwa l-Unjoni.

F'dan il-kuntest, il-Cour constitutionnelle Belġjana ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja billi għamlitilha domandi dwar, b'mod partikolari, il-validità tad-Direttiva PNR.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija bħala Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità tad-Direttiva PNR sa fejn din setgħet tiġi interpretata konformement mal-Karta.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, peress li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva PNR fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7, 8 u 21 u kif ukoll mill-Artikolu 52(1) tal-Karta [16] tiżgura l-konformità ta' din id-direttiva ma' dawn l-artikoli, l-eżami tad-domandi magħmula ma wera ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-imsemmija direttiva.

Preliminarjament, hija fakkret li att tal-Unjoni għandu jiġi interpretat, sa fejn possibbli, b'mod li ma jippreġudikax il-validità tiegħu u konformement mad-dritt primarju kollu u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tal-Karta, filwaqt li l-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li ma jibbażawx ruħhom fuq interpretazzjoni tagħha li tidħol f'kunflitt mad-drittijiet fundamentali protetti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jew mal-prinċipji ġenerali l-oħra rrikonoxxuti f'dan l-ordinament ġuridiku. Fir-rigward tad-Direttiva PNR, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li numru kbir ta' premessi u dispożizzjonijiet tagħha jeħtieġu tali interpretazzjoni konformi, billi jenfasizzaw l-importanza li l-leġiżlatur tal-Unjoni jagħti, b'riferiment għal livell għoli ta' protezzjoni tad-data, għar-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali stipulati mill-Karta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva PNR tinkludi ndħil ta' gravità ċerta fid-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, sa fejn hija intiża b'mod partikolari li tistabbilixxi sistema ta' sorveljanza kontinwa, mhux immirata u sistematika, li tinkludi l-

[15] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri (ĠU 2004, L 261, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva API"). Din id-direttiva tirregola t-trasferiment ta' informazzjoni antiċipata dwar il-passiġġieri mit-trasportaturi bl-ajru lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (bħan-numru u t-tip tad-dokument tal-ivvjaġġar użat kif ukoll in-nazzjonalità), bil-għan li jtejbu l-kontrolli fuq il-fruntieri u għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali.

[16] Skont din id-dispożizzjoni, kull limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet irrikonoxxuti mill-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u tirrispetta l-kontenut essenzjali tagħhom. Barra minn hekk, limitazzjonijiet jistgħu jiġu imposti fuq dawn id-drittijiet u libertajiet biss jekk ikunu meħtieġa u ġenwinament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.

evalwazzjoni awtomatizzata ta’ data personali tal-persuni kollha li jużaw servizzi ta’ trasport bl-ajru. Hija fakkret li l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiġġustifikaw tali ndħil għandha tiġi evalwata billi titkejjel il-gravità tiegħu u billi jiġi vverifikat li l-importanza tal-għan ta’ interess ġenerali mfittex tkun marbuta ma’ din il-gravità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li t-trasferiment, l-ipproċessar u ż-żamma tad-data PNR previsti minn din id-direttiva setgħu jitqiesu li kienu limitati għal dak li kien strettament neċessarju għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati terroristiċi u l-forom serji ta’ kriminalità, bil-kundizzjoni li s-setgħat previsti mill-imsemmija direttiva jiġu interpretati b’mod restrittiv. F’dan ir-rigward, is-sentenza mogħtija dakinhar ippreċiżat, b’mod partikolari, li:

- Is-sistema stabbilita mid-Direttiva PNR għandha tkopri biss l-informazzjoni identifikata b’mod ċar u ċirkoskritta fit-taqsimiet li jinsabu fl-Anness I tagħha, li hija relatata mat-titjira mwettqa u mal-passiġġier ikkonċernat, li jimplika, għal ċerti taqsimiet li jidhru f’dan l-anness, li hija biss l-informazzjoni msemmija espressament li hija koperta [17].

- L-applikazzjoni tas-sistema stabbilita mid-Direttiva PNR għandha tkun limitata għar-reati terroristiċi u biss għall-forom serji ta’ kriminalità li jkollhom rabta oġġettiva, tal-inqas indiretta, mat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri. Fir-rigward ta’ dawn il-forom, l-applikazzjoni ta’ din is-sistema ma tistax tiġi estiża għal reati li, minkejja li jissodisfaw il-kriterju previst minn din id-direttiva dwar il-livell minimu ta’ gravità u *inter alia* jissemmew fl-Anness II tagħha, jaqgħu taħt il-kriminalità ordinarja fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tas-sistema kriminali nazzjonali.

- L-estensjoni eventwali tal-applikazzjoni tad-Direttiva PNR għat-titjiriet intra-UE kollha jew parti minnhom, li dwar dan Stat Membru jista’ jiddeċiedi billi jagħmel użu mill-possibbiltà prevista minn din id-direttiva, għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju. Għal dan il-għan, hija għandha tkun tista’ tkun is-suġġett ta’ stħarriġ effettiv minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, li d-deċiżjoni tagħha għandha jkollha effett vinkolanti. F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li:

    - Fis-sitwazzjoni fejn l-imsemmi Stat Membru jikkonstata l-eżistenza ta’ ċirkustanzi suffiċjentement konkreti sabiex iqis li jkun qiegħed jaffronta theddida terroristika li tirriżulta reali u attwali jew prevedibbli, l-applikazzjoni ta’ din id-direttiva għat-titjiriet kollha intra-UE li jkunu ġejjin jew sejrin lejn l-imsemmi Stat Membru, għal perijodu limitat għal dak li huwa strettament neċessarju, iżda li jista’ jiġġedded, ma teċċedix il-limiti ta’ dak li huwa strettament neċessarju [18].

[17] Għalhekk, b’mod partikolari, “l-informazzjoni relatata mal-metodi ta’ ħlas” (Taqsima 6 tal-Anness) għandha tkun limitata għat-termini ta’ ħlas u ta’ fatturazzjoni tal-biljett tal-ajru, bl-esklużjoni ta’ kwalunkwe informazzjoni oħra mhux direttament relatata mat-titjira, u r-“rimarki ġenerali” (Taqsima 12) jistgħu jikkonċernaw biss l-informazzjoni espressament elenkata f’dik it-taqsima, li tirrigwarda passiġġieri minuri.

[18] Fil-fatt, l-eżistenza ta’ tali theddida hija ta’ natura, fiha nnifisha, li tistabbilixxi relazzjoni bejn it-trasferiment u l-ipproċessar ta’ data kkonċernata u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Għaldaqstant, il-possibbiltà li d-Direttiva PNR tiġi applikata għat-titjiriet intra-UE kollha li jkunu

    - Fl-assenza ta' tali theddida terroristika, l-applikazzjoni tal-imsemmija direttiva ma tistax testendi għat-titjiriet kollha intra-UE, iżda għandha tkun limitata għat-titjiriet intra-UE relatati b'mod partikolari ma' ċerti rotot tal-ajru jew ma' skemi tal-ivvjaġġar jew ma' ċerti ajruporti li fir-rigward tagħhom ikunu jeżistu, skont l-evalwazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, indikazzjonijiet ta' natura li jiġġustifikaw din l-applikazzjoni. In-natura strettament neċessarja ta' din l-applikazzjoni għat-titjiriet intra-UE hekk magħżula għandha regolarment tiġi eżaminata mill-ġdid, skont l-evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet li ġġustifikaw l-għażla tagħhom.

- Għall-finijiet tal-evalwazzjoni minn qabel tad-data PNR, li għandha l-għan li tidentifika l-persuni li għalihom ikun meħtieġ eżami iktar dettaljat qabel il-wasla jew it-tluq tagħhom u li, fl-ewwel lok, isir permezz ta' pproċessar awtomatizzat, l-UIP tista' biss, minn naħa, tivverifika din id-data abbażi tad-databases li jirrigwardaw il-persuni jew l-oġġetti mfittxija jew li jkunu suġġetti għal senjalazzjoni ta' allert [19]. Dawn id-databases għandhom ikunu nondiskriminatorji u operati, mill-awtoritajiet kompetenti, b'rabta mal-ġlieda kontra r-reati terroristiċi u l-forom serji ta' kriminalità li jkollhom rabta oġġettiva, tal-inqas indiretta, mat-trasport bl-ajru ta' passiġġieri. Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-evalwazzjoni minn qabel fid-dawl tal-kriterji stabbiliti minn qabel, l-UIP ma tistax tuża teknoloġiji ta' intelliġenza artifiċjali fil-kuntest ta' sistemi ta' tagħlim awtomatiku (machine learning), li jkunu jistgħu jbiddlu, mingħajr intervent u kontroll tal-bniedem, il-proċess ta' evalwazzjoni u, b'mod partikolari, il-kriterji ta' evalwazzjoni li fuqhom ikun ibbażat ir-riżultat tal-applikazzjoni ta' dan il-proċess kif ukoll il-piż li jingħata lil dawn il-kriterji. L-imsemmija kriterji għandhom jiġu ddeterminati b'mod li l-applikazzjoni tagħhom tkun immirata, speċifikament, lejn l-individwi li fir-rigward tagħhom jista' jkun hemm suspett raġonevoli ta' parteċipazzjoni f'reati terroristiċi jew f'forom serji ta' kriminalità u b'mod li jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm elementi "inkriminanti" kif ukoll elementi "li jiskaġunaw", filwaqt li ma jingħatax lok għal diskriminazzjonijiet diretti jew indiretti [20].

- Fid-dawl tar-rata ta' żball inerenti għal tali pproċessar awtomatizzat tad-data PNR u tan-numru pjuttost konsegwenti ta' riżultati "pożittivi foloz", li nkisbu wara l-applikazzjoni tagħhom matul is-snin 2018 u 2019, il-kapaċità tas-sistema stabbilita mid-Direttiva PNR li tilħaq l-għanijiet imfittxija tiddependi essenzjalment

ġejjin jew sejrin lejn l-Istat Membru kkonċernat, għal żmien limitat, ma teċċedix il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju, filwaqt li d-deċiżjoni li tipprevedi din l-applikazzjoni għandha tkun tista' tiġi mistħarrġa minn qorti jew entità amministrattiva indipendenti.

19 Jiġifieri d-databases li jikkonċernaw il-persuni jew l-oġġetti mfittxija jew li jkunu suġġetti għal senjalazzjoni ta' allert fis-sens tal-Artikolu 6(3)(a) tad-Direttiva PNR. B'kuntrast ma' dan, analiżijiet minn databases differenti jistgħu jieħdu l-forma ta' esplorazzjoni tad-data (data mining) u jistgħu jagħtu lok għal użu sproporzjonat ta' din id-data, billi jipprovdu l-mezzi sabiex jiġi stabbilit il-profil preċiż tal-persuni kkonċernati għas-sempliċi raġuni li dawn ikollhom l-intenzjoni li jivvjaġġaw bl-ajruplan.

20 Il-kriterji stabbiliti minn qabel għandhom ikunu mmirati, proporzjonati u speċifiċi, u għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid f'intervalli regolari (Artikolu 6(4) tad-Direttiva PNR). L-evalwazzjoni minn qabel fid-dawl tal-kriterji stabbiliti minn qabel għandha ssir b'mod nondiskriminatorju. Skont ir-raba' sentenza tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva PNR, il-kriterji fl-ebda ċirkustanza ma għandhom jiġu bbażati fuq l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, ir-reliġjon jew it-twemmin filosofiku, is-sħubija f'sindakat, is-saħħa, il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna.

mill-funzjonament tajjeb tal-verifika tar-riżultati pożittivi, miksuba fir-rigward ta' dan l-ipproċessar, li l-UIP twettaq, fit-tieni lok, permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jipprevedu regoli ċari u preċiżi ta' natura li jiggwidaw u jirregolaw l-analiżi mwettqa mill-membri tal-persunal tal-UIP responsabbli għal dan l-eżami mill-ġdid individwali sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali stipulati fl-Artikoli 7, 8 u 21 tal-Karta u, b'mod partikolari, sabiex tiġi ggarantita prassi amministrattiva konsistenti fi ħdan l-UIP li tosserva l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw li l-UIP tistabbilixxi kriterji ta' eżami mill-ġdid oġġettivi li jippermettu lill-membri tal-persunal tagħha jivverifikaw, minn naħa, jekk u sa fejn konkordanza pożittiva (hit) tikkonċernax effettivament individwu li jista' jkun involut fir-reati terroristiċi jew fil-forom serji ta' kriminalità, kif ukoll, min-naħa l-oħra, in-natura nondiskriminatorja tal-ipproċessar awtomatizzat. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-persuna kkonċernata tkun tista' tifhem il-funzjonament tal-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti minn qabel u tal-programmi li japplikaw dawn il-kriterji, b'mod li hija tkun tista' tiddeċiedi, b'għarfien sħiħ tal-fatti, jekk teżerċitax jew le d-dritt tagħha għal azzjoni ġudizzjarja. Bl-istess mod, fil-kuntest ta' tali azzjoni, il-qorti responsabbli għall-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni adottata mill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll, minbarra l-każijiet ta' theddid għas-sigurtà tal-Istat, il-persuna kkonċernata stess għandhom ikunu jistgħu jieħdu konjizzjoni kemm tal-motivi kollha kif ukoll tal-provi li abbażi tagħhom tkun ittieħdet din id-deċiżjoni, inklużi l-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti minn qabel u l-funzjonament tal-programmi li japplikaw dawn il-kriterji.

- Il-komunikazzjoni u l-evalwazzjoni sussegwenti tad-data PNR, jiġifieri wara l-wasla jew it-tluq tal-persuna kkonċernata, jistgħu jitwettqu biss abbażi ta' ċirkustanzi ġodda u ta' elementi oġġettivi li jkunu ta' natura li jiġġustifikaw suspett raġonevoli ta' involviment ta' din il-persuna f'forom serji ta' kriminalità li jkollhom rabta oġġettiva, tal-inqas indiretta, mat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri, jew li jkunu jippermettu li jitqies li din id-data tista', f'każ konkret, tagħti kontribut effettiv għall-ġlieda kontra r-reati terroristiċi li jkollhom tali rabta. Il-komunikazzjoni tad-data PNR għall-finijiet ta' tali evalwazzjoni sussegwenti għandha, bħala prinċipju, ħlief fil-każ ta' urġenza debitament iġġustifikata, tkun suġġetta għal stħarriġ minn qabel imwettaq jew minn qorti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti, fuq talba motivata tal-awtoritajiet kompetenti, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk din it-talba tkunx ġiet ippreżentata qabel jew wara l-iskadenza tal-perijodu ta' sitt xhur wara t-trasferiment ta' din id-data lill-UIP [21].

[21] Skont l-Artikolu 12(1) u (3) tad-Direttiva PNR, tali stħarriġ huwa espressament previst biss għat-talbiet għal komunikazzjoni ta' data PNR imressqa wara l-perijodu ta' sitt xhur wara t-trasferiment ta' din id-data lill-UIP.

***Sentenza tat-22 ta' Novembru 2022 (Awla Manja), Luxembourg Business Registers (C-37/20 u C-601/20, EU:C:2022:912)***

Għall-finijiet tal-ġlieda u tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, id-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus [22] timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jżommu reġistru li jinkludi informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi [23] ta' kumpanniji u entitajiet ġuridiċi oħra stabbiliti fit-territorju tagħhom. Wara emenda ta' din id-direttiva bid-Direttiva 2018/843 [24], ċerta informazzjoni għandha ssir aċċessibbli fil-każijiet kollha għal kull membru tal-pubbliku ġenerali. Skont id-Direttiva kontra l-ħasil ta' flus kif emendata (iktar 'il quddiem id-"Direttiva kontra l-ħasil ta' flus emendata"), il-leġiżlazzjoni Lussemburgiża stabbilixxiet Registru tal-benefiċjarji effettivi (iktar 'il quddiem ir-"RBE") intiż għall-ħażna u għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' sensiela ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi tal-entitajiet irreġistrati li l-aċċess għalihom huwa miftuħ għal kulħadd.

F'dan il-kuntest, it-Tribunal d'arrondissement de Luxembourg (il-Qorti Distrettwali tal-Lussemburgu, il-Lussemburgu) ġie adit b'żewġ kawżi, imressqa rispettivament minn WM u minn Sovim SA li kkontestaw iċ-ċaħda, mil-Luxembourg Business Registers, li tamministra r-RBE, tat-talbiet tagħhom intiżi li jipprekludu l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni relatata, fl-ewwel kawża, ma' WM bħala benefiċjarju effettiv ta' kumpannija ċivili immobiljari u, fit-tieni kawża, lill-benefiċjarju effettiv ta' Sovim SA. Fil-kuntest ta' dawn iż-żewġ kawżi, peress li kellha dubji b'mod partikolari dwar il-validità tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jistabbilixxu s-sistema ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi, it-Tribunal d'arrondissement de Luxembourg ressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari dwar il-validità.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddikjarat invalida d-Direttiva 2018/843 sa fejn hija emendat id-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus fis-sens li l-Istati Membri kellhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi tal-kumpanniji u tal-entitajiet ġuridiċi oħra kkostitwiti fit-territorju tagħhom tkun aċċessibbli fil-każijiet kollha lil kull membru tal-pubbliku inġenerali [25].

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi, previst mid-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus emendata, jikkostitwixxi ndħil serju fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja

[22] Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73, iktar 'il quddiem id-"Direttiva kontra l-ħasil tal-flus").

[23] Skont il-punt 6 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus, is-sjieda benefiċjarja huma kwalunkwe persuna jew persuni fiżiċi li huma s-sid jew li għandhom l-kontroll finali tal-klijent u/jew il-persuna jew persuni fiżiċi li f'isimhom tkun qiegħda titwettaq tranżazzjoni jew attività.

[24] Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU 2018, L 156, p. 43).

[25] Invalidità tal-punt 15(c) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2018/843, li temenda l-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(5) tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus.

privata u għall-protezzjoni tad-data personali, rispettivament stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, peress li d-data kkonċernata kienet tinkludi informazzjoni dwar persuni fiżiċi identifikati, jiġifieri l-benefiċjarji effettivi tal-kumpanniji u tal-entitajiet ġuridiċi oħra kkostitwiti fit-territorju tal-Istati Membri, l-aċċess ta' kull membru tal-pubbliku inġenerali lejhom kien jaffettwa d-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata. Barra minn hekk, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħha lill-pubbliku ġenerali kien jikkostitwixxi pproċessar ta' data personali. Hija żiedet li tali tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku inġenerali kien jikkostitwixxi ndħil fiż-żewġ drittijiet fundamentali ċċitati iktar 'il fuq, irrispettivament mill-użu ulterjuri tal-informazzjoni kkomunikata.

Fir-rigward tal-gravità ta' dan l-indħil, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, sa fejn l-informazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali kienet tirrigwarda l-identità tal-benefiċjarju effettiv kif ukoll in-natura u l-portata tal-interessi effettivi tiegħu miżmuma f'kumpanniji jew f'entitajiet ġuridiċi oħra, din setgħet tippermetti li jitfassal profil li jikkonċerna ċerta data personali ta' identifikazzjoni, l-istat tal-kapital tal-persuna kkonċernata kif ukoll is-setturi ekonomiċi, il-pajjiżi u l-impriżi speċifiċi li din tkun investiet fihom. Barra minn hekk, din l-informazzjoni kienet tkun aċċessibbli għal numru potenzjalment illimitat ta' persuni, b'tali mod li tali pproċessar ta' data personali jkun jista' jippermetti wkoll lil persuni li, għal raġunijiet li ma jkunux relatati mal-għan imfittex minn din il-miżura, jipprovaw jinformaw ruħhom dwar is-sitwazzjoni b'mod partikolari materjali u finanzjarja ta' benefiċjarju effettiv, li jkollhom aċċess liberu għall-imsemmija informazzjoni. Din il-possibbiltà tkun iktar faċli meta d-data inkwistjoni tkun tista' tiġi kkonsultata fuq l-internet. Barra minn hekk, il-konsegwenzi potenzjali għall-persuni kkonċernati li jirriżultaw minn użu abbużiv eventwali tad-data personali tagħhom jiġu aggravati mill-fatt li, ladarba titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali, din id-data setgħet mhux biss tiġi kkonsultata liberament, iżda wkoll tinżamm u tixxerred u li, b'hekk, isir iktar diffiċli, jew saħansitra illużorju, għal dawn il-persuni jiddefendu ruħhom b'mod effikaċi kontra abbużi.

Fit-tieni lok, fil-kuntest tal-eżami tal-ġustifikazzjoni tal-indħil inkwistjoni, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li, f'dan il-każ, il-prinċipju ta' legalità kien ġie osservat. Fil-fatt, il-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali msemmija iktar 'il fuq li tirriżulta mill-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi kienet prevista minn att leġiżlattiv, jiġifieri d-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus emendata. Barra minn hekk, minn naħa, din id-direttiva kienet tispeċifika li din l-informazzjoni kellha tkun adegwata, eżatta u attwali, u elenkat espressament ċerta data li għaliha għandu jingħata l-aċċess pubbliku. Min-naħa l-oħra, hija stabbilixxiet il-kundizzjonijiet li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu derogi għal tali aċċess.

It-tieni nett, hija ppreċiżat li l-indħil inkwistjoni ma kienx jippreġudika l-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta. Għalkemm huwa minnu li d-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus emendata ma kienx fiha lista eżawrjenti tad-

data li għaliha kull membru tal-pubbliku inġenerali kellu jkun awtorizzat li jkollu aċċess u li l-Istati Membri kienu awtorizzati jagħtu aċċess għal informazzjoni addizzjonali, xorta kien jibqa' l-fatt li tkun tista' tinkiseb biss informazzjoni adegwata dwar il-benefiċjarji effettivi u l-interessi effettivi miżmuma u, għalhekk, potenzjalment magħmula aċċessibbli għall-pubbliku, li b'mod partikolari kien jeskludi informazzjoni li ma kinitx relatata adegwatament mal-għanijiet tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus. Issa, ma kienx jidher li t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali tal-informazzjoni li jkollha tali relazzjoni kienet joħloq xi tip ta' preġudizzju għall-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali msemmija.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, billi ppreveda l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jipprevjeni l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu billi jistabbilixxi, permezz ta' trasparenza ikbar, ambjent inqas espost li jintuża għal dawn il-finijiet, liema ħaġa tikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali li jista' jiġġustifika ndħil, anki serju, fid-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

Ir-raba', fil-kuntest tal-eżami tan-natura xierqa, neċessarja u proporzjonata tal-indħil inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, ċertament, l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi kien adatt sabiex jikkontribwixxi għat-twettiq ta' dan l-għan.

Madankollu, hija qieset li dan l-indħil ma setax jitqies li kien limitat għal dak li huwa strettament neċessarju. Minn naħa, in-neċessità stretta tal-imsemmi ndħil ma tkunx tista' tintwera billi wieħed jibbaża ruħu fuq il-fatt li l-kriterju tal-"interess leġittimu" li, skont id-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus, fil-verżjoni tagħha qabel l-emenda tagħha bid-Direttiva 2018/843, kellu jpoġġi għad-dispożizzjoni ta' kull persuna li tixtieq taċċedi għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi, kien diffiċli li jiġi implimentat u li l-applikazzjoni tiegħu setgħet twassal għal deċiżjonijiet arbitrarji. Fil-fatt, l-eżistenza eventwali ta' diffikultajiet sabiex jiġu ddefiniti preċiżament l-ipoteżijiet u l-kundizzjonijiet li fihom il-pubbliku jkun jista' jaċċedi għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi ma tistax tiġġustifika li l-leġiżlatur tal-Unjoni jipprevedi l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għal din l-informazzjoni.

Minn naħa, l-ispjegazzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 2018/843 lanqas ma jistgħu jistabbilixxu n-neċessità stretta tal-indħil inkwistjoni [26]. Sa fejn, skont dawn l-ispjegazzjonijiet, l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi jippermetti kontroll ikbar tal-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-istampa jew l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li kemm l-istampa kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom rabta mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu għandhom interess leġittimu li jaċċedu għall-informazzjoni kkonċernata. L-istess japplika għall-persuni li

[26] L-ispjegazzjonijiet li jinsabu fil-premessa 30 tad-Direttiva 2018/843 huma hawn imsemmija.

jkunu jixtiequ jkunu jafu l-identità tal-benefiċjarji effettivi ta' kumpannija jew ta' entità ġuridika oħra minħabba l-fatt li huma jkunu jistgħu jikkonkludu tranżazzjonijiet magħhom, jew anki istituzzjonijiet finanzjarji u awtoritajiet involuti fil-ġlieda kontra ksur fil-qasam tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu.

Barra minn hekk, l-interferenza inkwistjoni lanqas ma għandha natura proporzjonata. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-regoli sostantivi li kienu jirregolaw dan l-indħil ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżit ta' ċarezza u ta' preċiżjoni. Fil-fatt, id-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus emendata kienet tipprevedi l-aċċess ta' kull membru tal-pubbliku ġenerali "għall-inqas" għad-data msemmija fiha u kienet tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jagħtu aċċess għal informazzjoni addizzjonali, li tinkludi, "għall-inqas", id-data tat-twelid jew id-dettalji tal-benefiċjarju effettiv ikkonċernat. Issa, mill-użu tal-espressjoni "għall-inqas" jirriżulta li dawn id-dispożizzjonijiet kienu jawtorizzaw it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' data li la tkun suffiċjentement iddefinita u lanqas identifikabbli.

Barra minn hekk, f'dak li jikkonċerna l-ibbilanċjar tas-serjetà ta' dan l-indħil mal-importanza tal-għan ta' interess ġenerali kkunsidrat, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li, fid-dawl tal-importanza tiegħu, dan l-għan jikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali li jista' jiġġustifika ndħil, anki serju, fid-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

Madankollu, minn naħa, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija r-responsabbiltà primarja tal-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll tal-entitajiet, bħall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-istituzzjonijiet finanzjarji, li, minħabba l-attivitajiet tagħhom, jiġu imposti fuqhom obbligi speċifiċi f'dan il-qasam. Għal din ir-raġuni, id-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus emendata kienet tipprevedi li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi għandha tkun aċċessibbli, fil-każijiet kollha, għall-awtoritajiet kompetenti u għall-unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja, mingħajr ebda restrizzjoni, kif ukoll għall-entitajiet taxxabbli, fil-kuntest tad-diliġenza fir-rigward tal-klijenti [27].

Min-naħa l-oħra, b'paragun mas-sistema preċedenti li kienet tipprevedi, minbarra l-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti u ta' ċerti entitajiet għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi, dak ta' kull persuna jew organizzazzjoni li tista' turi interess leġittimu, is-sistema introdotta mid-Direttiva 2018/843 kienet tirrappreżenta ksur kunsiderevolment iktar serju tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, mingħajr ma dan l-indħil kien ikkumpensat mill-vantaġġi eventwali, li jistgħu jirriżultaw minn din l-aħħar sistema meta mqabbel mal-ewwel, f'dak li jikkonċerna l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

---

[27] Il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(5) tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus emendata.

## 2. Rispett tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni

***Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016 (Awla Manja), Tele2 Sverige (Kawżi magħquda C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970)***

Wara li s-sentenza Digital Rights Ireland u Seitlinger *et* iddikjarat id-Direttiva 2006/24 invalida (ara iktar 'il fuq), il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita b'żewġ kawżi dwar l-obbligu ġenerali impost, fl-Isvezja u fir-Renju Unit, fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jżommu d-data dwar dawn il-komunikazzjonijiet, li ż-żamma tagħha kienet prevista mid-direttiva invalidata.

L-għada tal-għoti tas-sentenza Digital Rights Ireland u Seitlinger *et*, l-impriża ta' telekomunikazzjonijiet Tele2 Sverige informat lill-awtorità Svediża ta' superviżjoni tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet bid-deċiżjoni tagħha li ma tibqax iżżomm id-data kif ukoll bl-intenzjoni tagħha li tħassar id-data diġà rreġistrata (Kawża C-203/15). Fil-fatt, id-dritt Svediż kien jobbliga lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jżommu, b'mod sistematiku u kontinwu, u dan mingħajr ebda eċċezzjoni, id-data kollha dwar it-traffiku u d-data kollha dwar il-lokalizzazzjoni ta' kull abbonat tagħhom u ta' kull utent irreġistrat magħhom fir-rigward tal-mezzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika. Fil-Kawża C-698/15, tliet persuni kienu ppreżentaw rikors kontra s-sistema Brittanika ta' żamma ta' data li kienet tippermetti lill-Ministru għall-Intern jobbliga lill-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi jżommu d-data kollha dwar komunikazzjonijiet għal perijodu massimu ta' tnax-il xahar, għalkemm iż-żamma tal-kontenut ta' dawn il-komunikazzjonijiet kienet eskluża.

Adita mill-Kammarrätten i Stockholm (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Stokkolma, l-Isvezja) u mill-Court of Appeal (England and Wales) (Civil Division) (l-Awla Ċivili tal-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u ta' Wales, ir-Renju Unit), il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, imsejħa d-"Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi", li jippermetti lill-Istati Membri jintroduċu ċerti eċċezzjonijiet għall-obbligu, stabbilit f'din id-direttiva, li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tad-data dwar it-traffiku relatata magħhom.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, l-ewwel nett, li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik Svediża, li kienet tipprevedi, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità, żamma ġġeneralizzata u indiskriminata tad-data kollha dwar it-traffiku u tad-data kollha dwar il-lokalizzazzjoni tal-abbonati u tal-utenti rreġistrati kollha fir-rigward tal-mezzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, leġiżlazzjoni bħal din kienet tmur lil hinn mil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju u ma setgħetx titqies li kienet iġġustifikata, f'soċjetà demokratika, kif jeżiġi l-imsemmi Artikolu 15(1), moqri fid-dawl tal-artikoli tal-Karta ċċitati iktar 'il fuq.

Din l-istess dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tal-istess artikoli tal-Karta, kienet tipprekludi wkoll leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-protezzjoni u s-sigurtà tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni, b'mod partikolari l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma, mingħajr ma kienet tillimita, fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità, dan l-aċċess għall-finijiet biss tal-ġlieda kontra l-kriminalità gravi, mingħajr ma kienet tissuġġetta l-imsemmi aċċess għal stħarriġ minn qabel minn qorti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti, u mingħajr ma kienet teżiġi li d-data inkwistjoni tinżamm fit-territorju tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, għall-kuntrarju, li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58 ma jipprekludix leġiżlazzjoni li tippermetti, b'mod preventiv, iż-żamma mmirata ta' data ta' din in-natura għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità gravi, bil-kundizzjoni li din iż-żamma tkun limitata għal dak li jkun strettament neċessarju fir-rigward tal-kategoriji ta' data koperti, tal-mezzi ta' komunikazzjoni koperti, tas-suġġetti tad-data kif ukoll tal-perijodu taż-żamma. Sabiex jiġu ssodisfatti dawn ir-rekwiżiti, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha, fl-ewwel lok, tipprevedi regoli ċari u preċiżi li jippermettu protezzjoni effikaċi tad-data kontra r-riskji ta' abbuż. Hija għandha b'mod partikolari tindika ċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet li fihom miżura ta' żamma ta' data tista' tittieħed, b'mod preventiv, sabiex b'hekk jiġi żgurat li tali miżura tkun limitata għal dak li jkun strettament neċessarju. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kundizzjonijiet materjali li għandha tissodisfa l-leġiżlazzjoni nazzjonali, sabiex jiġi ggarantit li din tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju, iż-żamma ta' data għandha dejjem tissodisfa kriterji oġġettivi, li jistabbilixxu rabta bejn id-data li għandha tinżamm u l-għan imfittex. B'mod partikolari, tali kundizzjonijiet għandhom ikunu, fil-prattika, ta' natura li jiddefinixxu effettivament il-limiti tal-portata tal-miżura u, għalhekk, il-pubbliku kkonċernat. Fir-rigward ta' din id-definizzjoni tal-limiti, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jippermettu li jiġi kopert pubbliku li d-data tiegħu jista' jkollha rabta, minn tal-inqas indiretta, ma' atti ta' kriminalità gravi, li jippermettu li tiġi ffaċilitata, b'mod jew ieħor, il-ġlieda kontra l-kriminalità gravi, jew li jippermettu li jiġi evitat riskju gravi għas-sigurtà pubblika.

## II. L-ipproċessar ta' data personali fis-sens tal-leġiżlazzjoni ġenerali f'dan il-qasam

### 1. Kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ġenerali

***Sentenza tat-30 ta' Mejju 2006 (Awla Manja), Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-317/04 u C-318/04,* EU:C:2006:346*)***

Wara l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001, l-Istati Uniti kienu adottaw leġiżlazzjoni li tipprevedi li l-kumpanniji tal-ajru li jipprovdu titjiriet lejn jew mill-Istati

Uniti, jew li jaqsmu t-territorju tagħhom, ikunu obbligati jagħtu lill-awtoritajiet Amerikani aċċess elettroniku għad-data miżmuma fis-sistemi ta' prenotazzjoni u ta' kontroll tat-tluq tagħhom, data magħrufa bħala Passenger Name Records (PNR).

Peress li qieset li dawn id-dispożizzjonijiet setgħu jmorru kontra l-leġiżlazzjoni Ewropea u dik tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni fetħet negozjati mal-awtoritajiet Amerikani. Meta ntemmu dawn in-negozjati, il-Kummissjoni adottat, fl-14 ta' Mejju 2004, id-Deċiżjoni 2004/535 [28] li kkonstatat li l-United States Bureau of Customs and Border Protection (l-Uffiċċju tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri tal-Istati Uniti, iktar 'il quddiem iċ-"CBP") kien jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-data PNR ittrasferita mill-Komunità (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni ta' konformità"). Sussegwentement, il-Kunsill adotta, fis-17 ta' Mejju 2004, id-Deċiżjoni 2004/496 [29] li approvat il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment tad-data PNR liċ-CBP mill-kumpanniji tal-ajru stabbiliti fit-territorju tal-Istati Membri tal-Komunità.

Il-Parlament Ewropew talab lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla ż-żewġ deċiżjonijiet imsemmija iktar 'il fuq billi sostna, b'mod partikolari, li d-Deċiżjoni ta' konformità kienet ġiet adottata *ultra vires*, li l-Artikolu 95 KE (li sar l-Artikolu 114 TFUE) ma kienx jikkostitwixxi bażi legali xierqa għad-deċiżjoni li tapprova l-konklużjoni tal-ftehim u, fiż-żewġ każijiet, li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali.

Għal dak li jirrigwarda d-Deċiżjoni ta' konformità, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, l-ewwel nett, jekk il-Kummissjoni setgħetx tadotta validament id-deċiżjoni tagħha fuq il-bażi tad-Direttiva 95/46. F'dan il-kuntest, hija kkonstatat li mid-Deċiżjoni ta' konformità kien jirriżulta li t-trasferiment tad-data PNR liċ-CBP kien jikkostitwixxi pproċessar li kellu bħala għan is-sigurtà pubblika u l-attivitajiet tal-Istat li jikkonċernaw oqsma tad-dritt kriminali. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm id-data PNR kienet inizjalment tinġabar mill-kumpanniji tal-ajru fil-kuntest ta' attività li taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-bejgħ ta' biljett tal-ajru li kien jagħti dritt għal prestazzjoni ta' servizzi, l-ipproċessar ta' data li kien ittieħed inkunsiderazzjoni fid-Deċiżjoni ta' konformità kellu natura kompletament differenti. Fil-fatt, din id-deċiżjoni ma kinitx tikkonċerna pproċessar ta' data meħtieġ sabiex jingħataw servizzi, iżda pproċessar ta' data meqjus neċessarju sabiex titħares is-sigurtà pubblika u għal finijiet marbuta mad-dritt kriminali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-fatt li d-data PNR kienet tinġabar minn operaturi privati għal finijiet kummerċjali u li kienu dawn tal-aħħar li kienu jorganizzaw it-trasferiment tagħha lejn Stat terz, ma kienx jipprekludi li dan it-trasferiment jitqies li huwa pproċessar ta' data eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Fil-fatt, dan it-trasferiment kien isir f'kuntest stabbilit mill-awtoritajiet pubbliċi u intiż għas-sigurtà

---

28 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/535/KE tal-14 ta' Mejju 2004 dwar il-protezzjoni adegwata tad-*data* personali tal-passiġġieri ta' l-ajru miżmuma fil-Passenger Name Reċord u trasferiti lill-United States' Bureau of Ċustoms and Border Proteċtion (ĠU 2005, L 267M, p. 18).

29 Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/496/KE tas-17 ta' Mejju 2004 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* PNR minn Trasportaturi ta' l-Ajru lill-Uffiċċju tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri fid-Dipartiment tal-*Homeland Security* ta' l-Istati Uniti (ĠU 2006, L 142M, p. 49).

pubblika. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-Deċiżjoni ta' konformità ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva peress li kienet tikkonċerna pproċessar ta' data personali li kien eskluż minn dan il-kamp ta' applikazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni ta' konformità.

Għal dak li jirrigwarda d-Deċiżjoni tal-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 95 KE, moqri flimkien mal-Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46, ma setax ikun il-bażi tal-kompetenza tal-Komunità sabiex tikkonkludi l-ftehim inkwistjoni mal-Istati Uniti. Fil-fatt, dan il-ftehim kien ikopri l-istess trasferiment ta' data bħad-Deċiżjoni ta' konformità u għaldaqstant l-ipproċessar ta' data li kien eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill li kienet approvat il-konklużjoni tal-ftehim.

***Sentenza tat-13 ta' Mejju 2014 (Awla Manja), Google Spain u Google (C-131/12, EU:C:2014:317)***

Fl-2010, ċittadin Spanjol kien ressaq quddiem l-Agencia Española de Protección de Datos (l-Aġenzija Spanjola għall-protezzjoni tad-data, iktar 'il quddiem l-"AEPD") ilment kontra La Vanguardia Ediciones SL, editur ta' gazzetta ta' kuljum b'ċirkulazzjoni kbira fi Spanja, kif ukoll kontra Google Spain u Google. Dan iċ-ċittadin sostna li, meta utent tal-internet kien idaħħal ismu fil-mutur ta' tfittxija tal-grupp Google, il-lista tar-riżultati kienet tinkludi links għal żewġ paġni tal-gazzetta ta' kuljum ta' La Vanguardia, tal-1998, li kienu jħabbru b'mod partikolari bejgħ b'irkant ta' proprjetà immobbli organizzat wara sekwestru intiż għall-irkupru tad-dejn tiegħu. Permezz tal-ilment tiegħu, dan l-individwu talab, minn naħa, li La Vanguardia tiġi ordnata tneħħi jew temenda l-paġni inkwistjoni, jew inkella tapplika għodda partikolari pprovduta mill-muturi ta' tfittxija sabiex tiġi protetta din id-data. Min-naħa l-oħra, huwa talab li Google Spain jew Google jiġu ordnati jneħħu jew jaħbu d-data personali tiegħu sabiex din id-data ma tibqax tidher fir-riżultati ta' tfittxija u fil-links ta' La Vanguardia.

L-AEPD ċaħdet l-ilment kontra La Vanguardia, peress li qieset li l-informazzjoni inkwistjoni kienet ġiet ippubblikata legalment mill-editur, iżda laqgħet, għall-kuntrarju, l-ilment fir-rigward ta' Google Spain u Google u talbet lil dawn iż-żewġ kumpanniji jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jirtiraw id-data mill-indiċi tagħhom u sabiex jipprekludu l-aċċess għal din id-data fil-futur. Peress li l-imsemmija kumpanniji ressqu żewġ rikorsi quddiem l-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali, Spanja) sabiex jiksbu l-annullament tad-deċiżjoni tal-AEPD, il-qorti Spanjola għamlet sensiela ta' domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni wkoll dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 95/46.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ipproċessar ta' data personali jitwettaq fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbiliment tal-persuna responsabbli għal dan l-ipproċessar fit-territorju ta' Stat Membru, fis-sens tad-Direttiva 95/46, meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija, għalkemm ikollha s-sede ġenerali tagħha fi Stat terz, toħloq fi Stat Membru

fergħa jew sussidjarja intiża li tiżgura l-promozzjoni u l-bejgħ ta' spazji ta' reklamar offruti minn din il-magna u li l-attività tagħha tikkonċerna dan l-Istat Membru.

Fil-fatt, f'tali ċirkustanzi, l-attivitajiet tal-operatur tal-mutur ta' tfittxija u dawk tal-istabbiliment tiegħu li jinsab fi Stat Membru, għalkemm distinti, huma marbuta inseparabbilment peress li l-attivitajiet relatati ma' spazji ta' reklamar jikkostitwixxu l-mezzi biex il-mutur ta' tfittxija inkwistjoni tkun ekonomikament profittabbli u li dan il-mutur huwa, fl-istess ħin, il-mezz li jippermetti t-twettiq ta' dawn l-attivitajiet.

***Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, Ryneš, C-212/13, EU:C:2014:2428)***

B'reazzjoni għal attakki ripetuti, F. Ryneš kien installa kamera ta' sorveljanza mad-dar tiegħu. Wara attakk ġdid fuq id-dar tiegħu, ir-reġistrazzjonijiet tal-imsemmija kamera kienu ppermettew li jiġu identifikati żewġ persuni suspettati, li kontrihom kienu nbdew proċeduri kriminali. Peress li l-legalità tal-ipproċessar tad-data rreġistrata permezz ta' kamera ta' sorveljanza ġiet ikkontestata minn waħda mill-persuni suspettati quddiem l-Uffiċċju Ċek għall-Protezzjoni tad-Data Personali, dan tal-aħħar kien ikkonstata li F. Ryneš kien kiser ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali u kien impona multa fuq dan tal-aħħar.

Adita b'appell ippreżentat minn F. Ryneš kontra deċiżjoni tal-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka) li kienet ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Uffiċċju, in-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-reġistrazzjoni mwettqa minn F. Ryneš sabiex jipproteġi l-ħajja, is-saħħa u l-proprjetà tiegħu kinitx tikkostitwixxi pproċessar ta' data mhux kopert mid-Direttiva 95/46, minħabba li din ir-reġistrazzjoni kienet twettqet minn persuna fiżika fl-eżerċizzju ta' attivitajiet esklużivament personali jew domestiċi, fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(2) tal-imsemmija direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-użu ta' sistema ta' kamera, li jagħti lok għal reġistrazzjoni video ta' persuni miżmuma f'apparat ta' reġistrazzjoni kontinwa bħal hard disk, installata minn persuna fiżika fid-dar privata tagħha għall-protezzjoni tal-beni, tas-saħħa u tal-ħajja tal-proprjetarji tad-dar, liema sistema tissorvelja wkoll spazju pubbliku, ma jikkostitwixxix ipproċessar ta' data mwettaq fl-eżerċizzju ta' attivitajiet esklużivament personali jew domestiċi.

F'dan ir-rigward, hija fakkret li l-protezzjoni tad-dritt fundamentali għall-ħajja privata, iggarantit bl-Artikolu 7 tal-Karta, teżiġi li d-derogi mill-protezzjoni tad-data personali u l-limitazzjonijiet ta' din il-protezzjoni għandhom japplikaw fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju. Billi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46, sa fejn jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali li jista' jippreġudika l-libertajiet fundamentali u, b'mod partikolari, id-dritt għall-ħajja privata, għandhom neċessarjament jiġu interpretati fid-dawl tad-drittijiet fundamentali li huma stabbiliti fl-imsemmija karta, id-deroga prevista fit-tieni inċiż tal-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva għandha tingħata interpretazzjoni stretta. Barra minn hekk, il-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni teskludi mill-applikazzjoni

tad-Direttiva 95/46 l-ipproċessar tad-data mwettaq fl-eżerċizzju ta' attivitajiet "purament" personali jew domestiċi. Issa, sa fejn sorveljanza bil-video tkopri, anki parzjalment, spazju pubbliku u, minħabba f'hekk, tkun diretta 'l barra mill-isfera privata ta' dak li jwettaq l-ipproċessar tad-data b'dan il-mezz, hija ma tistax titqies li hija attività esklużivament "personali jew domestika", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

***Sentenza tas-16 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), Österreichische Datenschutzbehörde (C-33/22, EU:C:2024:46)***

Sabiex tiġi eżaminata l-possibbiltà ta' influwenza politika fuq il-Bundesamt für Verfassungsschutz und Terrorismusbekämpfung (l-Uffiċċju Federali għall-Protezzjoni tal-Kostituzzjoni u għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, l-Awstrija) [30], in-Nationalrat (l-Assemblea Nazzjonali, l-Awstrija) waqqfet kumitat ta' inkjesta (iktar 'il quddiem il-"Kumitat ta' Inkjesta BVT"). Dan il-kumitat sema' lil WK bħala xhud. Minkejja t-talba tiegħu għal anonimizzazzjoni, il-minuti tas-smigħ tiegħu, li fihom issemmew kunjomu u ismu b'mod sħiħ, ġew ippubblikati fis-sit internet tal-Parlament Österreich (il-Parlament Awstrijak). Filwaqt li sostna li tali żvelar tal-identità tiegħu kien imur kontra l-GDPR u l-leġiżlazzjoni Awstrijaka, WK ressaq ilment quddiem l-Österreichische Datenschutzbehörde (l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data, l-Awstrija) (iktar 'il quddiem id-"Datenschutzbehörde"). Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2019, id-Datenschutzbehörde ddikjarat li ma kellhiex kompetenza sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-ilment, billi spjegat li l-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri kien jeskludi li hija, bħala korp tal-poter eżekuttiv, tkun tista' tissorvelja l-Kumitat ta' Inkjesta BVT, li jaqa' taħt il-poter leġiżlattiv.

Wara d-deċiżjoni tal-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija), li kienet laqgħet ir-rikors ta' WK u annullat id-deċiżjoni tad-Datenschutzbehörde, din tal-aħħar adixxiet lill-Qorti Amministrattiva b'rikors għal reviżjoni kontra d-deċiżjoni tal-Qorti Amministrattiva Federali.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-attivitajiet ta' kumitat ta' inkjesta mwaqqaf mill-parlament ta' Stat Membru jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR u jekk dan ir-regolament japplikax f'sitwazzjoni fejn dawn l-attivitajiet ikunu jikkonċernaw il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 2(2)(a) tal-GDPR, li jipprevedi li dan ir-regolament ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq fil-kuntest ta' attività li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandu biss l-għan li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-ipproċessar mill-awtoritajiet tal-Istat fil-kuntest ta' attività intiża li tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali jew li taqa' taħt l-istess kategorija. B'hekk, sempliċement għaliex attività tkun speċifika għall-Istat jew għal

[30] Fl-1 ta' Diċembru 2021, din l-entità saret id-"Direktion Staatsschutz und Nachrichtendienst" (id-Direttorat għas-Sigurtà tal-Istat u għas-Servizzi tal-Informazzjoni, l-Awstrija).

awtorità pubblika ma huwiex biżżejjed sabiex awtomatikament jitqies li l-GDPR ma japplikax għal tali attività.

Din l-interpretazzjoni, li tirriżulta mill-fatt li ma ssirx distinzjoni abbażi tal-identità tal-awtur tal-ipproċessar ikkonċernat, kienet ikkonfermata mill-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR [31].

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li n-natura parlamentari tal-Kumitat ta' Inkjesta BVT ma timplikax li l-attivitajiet tiegħu huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR. Fil-fatt, l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(a) ta' dan ir-regolament tirreferi biss għal kategoriji ta' attivitajiet li, minħabba n-natura tagħhom, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u ma tirreferix ukoll għal kategoriji ta' persuni. Għaldaqstant, il-fatt li l-ipproċessar ta' data personali jitwettaq minn kumitat ta' inkjesta mwaqqaf mill-parlament ta' Stat Membru fl-eżerċizzju tas-setgħa tiegħu ta' superviżjoni tal-poter eżekuttiv ma jippermettix, bħala tali, li jiġi stabbilit li dan l-ipproċessar ikun twettaq fil-kuntest ta' attività li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, minkejja li huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu l-interessi essenzjali tagħhom ta' sigurtà u li jadottaw il-miżuri xierqa sabiex jiżguraw dik is-sigurtà [32], is-sempliċi fatt li miżura nazzjonali tkun ittieħdet għall-finijiet tal-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali ma jistax iwassal għall-inapplikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni u ma jistax jeżenta lill-Istati Membri mill-osservanza neċessarja ta' dan id-dritt. Issa, l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(a) tal-GDPR tirreferi biss għal kategoriji ta' attivitajiet li, minħabba n-natura tagħhom, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-kontrollur tal-ipproċessar kien awtorità pubblika li l-attività prinċipali tagħha kienet li tiżgura s-sigurtà nazzjonali ma kinitx biżżejjed, bħala tali, sabiex jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR l-ipproċessar ta' data personali minn din l-awtorità li hija kienet twettaq fil-kuntest tal-attivitajiet l-oħra tagħha.

F'dan il-każ, is-superviżjoni politika mwettqa mill-Kumitat ta' Inkjesta BVT ma kinitx tidher li tikkostitwixxi, bħala tali, attività intiża li tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali jew li taqa' taħt l-istess kategorija. Għalhekk, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, din l-attività ma kinitx taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.

B'dan premess, kumitat ta' inkjesta parlamentari jista' jkollu aċċess għal data personali li, għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, għandhom igawdu minn protezzjoni speċjali. F'dan ir-rigward, sabiex tiġi ggarantita, b'mod partikolari, is-sigurtà nazzjonali, jistgħu jiġu stabbiliti, permezz ta' miżuri leġiżlattivi, limitazzjonijiet għad-drittijiet u għall-obbligi li jirriżultaw mill-GDPR [33]. B'hekk, jistgħu jiġu ġġustifikati, abbażi ta' dan, limitazzjonijiet fir-rigward tal-ġbir tad-data personali, tal-informazzjoni tas-suġġetti tad-data u tal-aċċess tagħhom għall-imsemmija data jew anki tal-iżvelar tagħhom, mingħajr il-kunsens tas-

---

[31] Dan jiddefinixxi l-kunċett ta' "kontrollur" bħala li jfisser "persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' *data* personali".

[32] Konformement mal-Artikolu 4(2) TUE.

[33] Skont l-Artikolu 23 tal-GDPR.

suġġetti tad-data, lil suġġetti oħra li ma jkunux il-kontrollur, bil-kundizzjoni li dawn il-limitazzjonijiet josservaw l-essenza tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data u jikkostitwixxu miżura neċessarja u proporzjonata f'soċjetà demokratika.

Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat, madankollu, li mill-informazzjoni li kellha quddiemha ma kienx jirriżulta li l-Kumitat ta' Inkjesta BVT kien qiegħed jallega li l-iżvelar tad-data personali tal-persuna kkonċernata kien neċessarju sabiex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà nazzjonali u kien ibbażat fuq miżura leġiżlattiva nazzjonali prevista għal dan il-għan, ħaġa li kienet għadha trid tiġi vverifikata, jekk ikun il-każ, mill-qorti tar-rinviju.

## 2. Kunċett ta' "data personali"

***Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Breyer (C-582/14, EU:C:2016:779)***

P. Breyer kien ippreżenta, quddiem il-qrati ċivili Ġermaniżi, rikors intiż li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiġi prekluża milli żżomm jew milli tħalli terzi jżommu data informatika li kienet tiġi trażmessa wara kull konsultazzjoni tas-siti internet tad-dipartimenti federali Ġermaniżi. Fil-fatt, sabiex jimpedixxi li jsiru attakki u sabiex jippermetti l-prosekuzzjoni kriminali kontra l-"pirati", il-fornitur ta' servizzi ta' media online tad-dipartimenti federali Ġermaniżi kien jirreġistra data li tikkonsisti f'indirizz IP "dinamiku" – indirizz IP li jinbidel ma' kull konnessjoni ġdida mal-internet –, kif ukoll fid-data u l-ħin tas-sessjoni ta' konsultazzjoni tas-sit. B'differenza mill-indirizzi IP statiċi, l-indirizzi IP dinamiċi ma kinux jippermettu, *a priori*, li ssir rabta, permezz tal-fajls aċċessibbli għall-pubbliku, bejn kompjuter partikolari u l-konnessjoni fiżika man-network użat mill-fornitur tal-aċċess għall-internet. Id-data rreġistrata ma kinitx toffri, waħedha, lill-fornitur ta' servizzi ta' media online l-possibbiltà li jidentifika l-utent. Għall-kuntrarju, il-fornitur tal-aċċess għall-internet kellu, min-naħa tiegħu, informazzjoni addizzjonali li, jekk tittieħed inkunsiderazzjoni flimkien ma' dan l-indirizz IP, kienet tippermetti li jiġi identifikat l-imsemmi utent.

F'dan il-kuntest, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), adita b'rikors għal "Reviżjoni", staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk indirizz IP li jkun irreġistrat minn fornitur ta' servizzi ta' media online meta jsir aċċess għas-sit internet tiegħu jikkostitwixxix għal dan tal-aħħar data personali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li, sabiex data tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "data personali" fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46, ma huwiex meħtieġ li l-informazzjoni kollha li tippermetti li jiġi identifikat is-suġġett tad-data tkun tinsab f'idejn persuna waħda. Il-fatt li l-informazzjoni addizzjonali neċessarja sabiex jiġi identifikat l-utent ta' sit internet ma tinżammx mill-fornitur ta' servizzi ta' media online, iżda mill-fornitur ta' aċċess għall-internet ta' dan l-utent, għalhekk ma kienx jidher ta' natura li jeskludi li l-indirizzi IP dinamiċi rreġistrati mill-fornituri tas-servizzi tal-media online

jikkostitwixxu, għal dan tal-aħħar, data personali fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li indirizz IP dinamiku, irreġistrat minn fornitur ta' servizzi ta' media online meta ssir konsultazzjoni minn persuna ta' sit internet li dan il-fornitur jagħmel aċċessibbli għall-pubbliku, jikkostitwixxi, fir-rigward tal-imsemmi fornitur, data personali fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46, meta jkollu mezzi legali li jippermettulu jidentifika s-suġġett tad-data bis-saħħa tal-informazzjoni addizzjonali dwar dan is-suġġett tad-data li jkollu l-fornitur tal-aċċess għall-internet ta' dan is-suġġett tad-data.

***Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Nowak (C-434/16, EU:C:2017:994)***

P. Nowak, kontabilist staġista, ma kienx għadda mill-eżami organizzat mill-Korp tal-Kontabilisti Professjonisti tal-Irlanda. Huwa kien ressaq talba għal aċċess, skont l-Artikolu 4 tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data, fir-rigward tad-data personali kollha li tikkonċernah, miżmuma mill-Korp tal-Kontabilisti Professjonisti. Dan tal-aħħar kien ittrażmetta lil P. Nowak ċerti dokumenti iżda rrifjuta li jittrażmettilu kopja tal-eżami tiegħu, peress li din ma kinitx tinkludi data personali li tikkonċernah, fis-sens tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Peress li l-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data wkoll ma laqax it-talba tiegħu għal aċċess għall-istess raġunijiet, P. Nowak fetaħ kawża quddiem il-qrati nazzjonali. Il-Chúirt Uachtarach (il-Qorti Suprema, l-Irlanda), adita b'appell ippreżentat minn P. Nowak, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni jekk l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46 għandux jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, it-tweġibiet bil-miktub mogħtija minn kandidat waqt eżami professjonali u kwalunkwe kummenti tal-eżaminatur marbuta ma' dan l-eżami, jikkostitwixxu data personali li tikkonċerna lill-kandidat, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, sabiex data tiġi kklassifikata bħala "data personali", fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46, ma huwiex meħtieġ li l-informazzjoni kollha li tippermetti li jiġi identifikat is-suġġett tad-data tkun f'idejn persuna waħda. Barra minn hekk, anki fil-każ li l-eżaminatur ma jkunx jaf l-identità tal-kandidat waqt il-korrezzjoni tat-tweġibiet mogħtija minnu fil-kuntest ta' eżami, l-entità li torganizza l-eżami, f'dan il-każ, il-Korp tal-Kontabilisti Professjonisti, ikollha madankollu għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni neċessarja li tippermettilha tidentifika mingħajr diffikultajiet jew dubji l-kandidat permezz tan-numru ta' identifikazzjoni tiegħu, indikat fuq il-kopja tal-eżami jew fuq il-kopertura ta' din il-kopja, u għalhekk tattribwixxi t-tweġibiet tiegħu lil dan il-kandidat.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li t-tweġibiet bil-miktub mogħtija minn kandidat waqt eżami professjonali jikkostitwixxu informazzjoni relatata miegħu bħala persuna. Fil-fatt, il-kontenut ta' dawn it-tweġibiet jirrifletti l-livell ta' konoxxenza u ta' kompetenza tal-kandidat f'qasam partikolari kif ukoll, f'ċerti każijiet, ir-raġunament, il-

ġudizzju u l-kapaċità kritika tiegħu. Barra minn hekk, il-ġbir tal-imsemmija tweġibiet għandu l-għan li jiġu evalwati l-kapaċitajiet professjonali tal-kandidat u l-abbiltà tiegħu li jeżerċita l-professjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, l-użu ta' din l-informazzjoni, li jissarraf, b'mod partikolari, fis-suċċess jew fil-falliment tal-kandidat fl-eżami kkonċernat, jista' jkollu effett fuq id-drittijiet u l-interessi tiegħu, sa fejn jista' jiddetermina jew jinfluwenza, pereżempju, l-opportunitajiet tiegħu li jkollu aċċess għall-professjoni jew għall-pożizzjoni mixtieqa. Il-konstatazzjoni li t-tweġibiet bil-miktub mogħtija minn kandidat waqt eżami professjonali jikkostitwixxu informazzjoni li tikkonċerna lil dan il-kandidat minħabba l-kontenut, il-finalità u l-effett tagħhom tapplika wkoll, barra minn hekk, fil-każ ta' eżami b'konsultazzjoni ta' kotba.

Fit-tielet lok, fir-rigward tal-kummenti tal-eżaminatur dwar it-tweġibiet tal-kandidat, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawn jikkostitwixxu, l-istess bħat-tweġibiet mogħtija mill-kandidat waqt l-eżami, informazzjoni li tikkonċerna lil dan il-kandidat, peress li dawn il-kummenti jirriflettu l-opinjoni jew l-evalwazzjoni tal-eżaminatur dwar il-prestazzjonijiet individwali tal-kandidat waqt l-eżami, u b'mod partikolari dwar il-konoxxenzi u l-kompetenzi tiegħu fil-qasam ikkonċernat. Barra minn hekk, l-imsemmija kummenti għandhom bħala finalità li jiddokumentaw l-evalwazzjoni mill-eżaminatur tal-prestazzjoni tal-kandidat u jista' jkollhom effetti fuq dan tal-aħħar.

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tweġibiet bil-miktub mogħtija minn kandidat waqt eżami professjonali u l-eventwali kummenti tal-eżaminatur marbuta ma' dawn it-tweġibiet jistgħu għalhekk jiġu suġġetti għal verifika, b'mod partikolari, tal-eżattezza tagħhom u tan-neċessità taż-żamma tagħhom, fis-sens tal-Artikolu 6(1)(d) u (e) tad-Direttiva 95/46, u jistgħu jkunu s-suġġett ta' rettifika jew ta' tħassir, skont l-Artikolu 12(b) tagħha. Il-fatt li kandidat jingħata dritt ta' aċċess għal dawn it-tweġibiet u għal dawn il-kummenti, skont l-Artikolu 12(a) ta' din id-direttiva, iservi l-għan ta' din l-aħħar li tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata ta' dan il-kandidat fir-rigward tal-ipproċessar tad-data li tikkonċernah, u dan indipendentement minn jekk l-imsemmi kandidat għandux jew le tali dritt ta' aċċess anki skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-proċedura ta' eżami. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-drittijiet ta' aċċess u ta' rettifika, skont l-Artikolu 12(a) u (b) tad-Direttiva 95/46, ma jestendux għall-mistoqsijiet tal-eżami, li bħala tali ma jikkostitwixxux tali data personali tal-kandidat.

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, it-tweġibiet bil-miktub mogħtija minn kandidat waqt eżami professjonali u l-eventwali kummenti tal-eżaminatur marbuta ma' dawn it-tweġibiet jikkostitwixxu data personali fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46.

## 3. Kunċett ta' "ipproċessar ta' data personali"

***Sentenza tas-6 ta' Novembru 2003 (Awla Manja), Lindqvist (C-101/01, EU:C:2003:596)***

B. Lindqvist, li kienet tagħmel xogħol ta' volontarjat f'parroċċa tal-Knisja Protestanta fl-Isvezja, kienet ħolqot, bil-kompjuter personali tagħha, paġni internet li fihom ippubblikat data personali dwar diversi persuni li, bħalha, kienu jagħmlu xogħol ta' volontarjat fi ħdan l-imsemmija parroċċa. B. Lindqvist ġiet ikkundannata għall-ħlas ta' multa, għar-raġuni li kienet użat data personali fil-kuntest tal-ipproċessar b'mezzi awtomatiċi mingħajr ma għamlet dikjarazzjoni minn qabel bil-miktub quddiem id-Datainspektion Svediż (il-Korp Pubbliku għall-Protezzjoni tad-Data Trażmessa Permezz tal-Informatika), li hija kienet ittrasferixxiet, mingħajr awtorizzazzjoni, tali data lejn pajjiżi terzi u li hija kienet ipproċessat data personali sensittiva.

Fil-kuntest tal-appell ippreżentat minn B. Lindqvist minn din id-deċiżjoni quddiem il-Göta hovrätt (il-Qorti tal-Appell, l-Isvezja), din l-aħħar kienet ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari dwar jekk, b'mod partikolari, B. Lindqvist kinitx wettqet "ipproċessar ta' data personali fl-intier tiegħu jew parti minnu b'mezzi awtomatiċi", fis-sens tad-Direttiva 95/46.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-operazzjoni li tikkonsisti f'li jissemmew, fuq paġna internet, diversi persuni u fl-identifikazzjoni tagħhom b'isimhom jew b'mezzi oħra, pereżempju bin-numru tat-telefon tagħhom jew b'informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom jew dwar il-passatempi tagħhom, tikkostitwixxi "ipproċessar ta' data personali fl-intier tiegħu jew parti minnu b'mezzi awtomatiċi", fis-sens ta' din id-direttiva. Fil-fatt, tali pproċessar ta' data personali mwettaq fl-eżerċizzju ta' attivitajiet karitatevoli jew reliġjużi ma jaqa' taħt l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, sa fejn la jaqa' fil-kategorija ta' attivitajiet li għandhom bħala għan is-sigurtà pubblika u lanqas ma jaqa' fil-kategorija ta' attivitajiet esklużivament personali jew domestiċi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

***Sentenza tat-13 ta' Mejju 2014 (Awla Manja), Google Spain u Google (C-131/12, EU:C:2014:317)***

F'din is-sentenza (ara wkoll it-Taqsima II.1, intitolata "Kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ġenerali"), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tippreċiża l-kunċett ta' "ipproċessar ta' data personali" fuq l-internet fid-dawl tad-Direttiva 95/46.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-attività ta' mutur ta' tfittxija li tikkonsisti f'li tinstab informazzjoni ppubblikata jew imqiegħda fuq l-internet minn terzi, fl-elenkar b'mod awtomatiku ta' din l-informazzjoni f'indiċi, fil-ħażna temporanja ta' din l-informazzjoni u, fl-aħħar nett, fit-tqegħid ta' din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-utenti tal-internet skont ordni ta' preferenza partikolari għandha titqies li hija pproċessar ta' data personali meta din l-informazzjoni tkun tinkludi data personali. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-operazzjonijiet imsemmija fid-Direttiva għandhom jiġu

kklassifikati bħala pproċessar anki fil-każ li jkunu jikkonċernaw esklużivament informazzjoni li tkun diġà ppubblikata bħala tali fil-mezzi ta’ komunikazzjoni. Deroga ġenerali mill-applikazzjoni tad-Direttiva f’tali każ iċċaħħad b’mod estensiv lil din tal-aħħar mis-sens tagħha.

***Sentenza tal-10 ta’ Lulju 2018 (Awla Manja), Jehovan todistajat (C-25/17, EU:C:2018:551)***

L-awtorità Finlandiża għall-protezzjoni tad-data kienet adottat deċiżjoni li tipprojbixxi lill-Komunità tax-Xhieda ta’ Ġeħova milli tiġbor u tipproċessa data personali fil-kuntest tal-attività ta’ predikazzjoni bieb bieb imwettqa mill-membri tagħha mingħajr l-osservanza tal-kundizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Finlandiża dwar l-ipproċessar ta’ data personali. Fil-fatt, fil-kuntest tal-attività tagħhom ta’ predikazzjoni bieb bieb, il-membri ta’ din il-komunità kienu jieħdu noti dwar iż-żjarat magħmula lil persuni li ma jkunux magħrufa minnhom stess jew mill-imsemmija komunità. Din id-data kienet tinġabar bħala *pro memoria* u sabiex tkun tista’ tinstab fil-każ ta’ eventwali żjara ulterjuri, u dan mingħajr ma s-suġġetti tad-data ma jkunu taw il-kunsens tagħhom għal dan il-ġbir u mingħajr ma jkunu ġew informati dwaru. F’dan ir-rigward, il-Komunità tax-Xhieda ta’ Ġeħova tat lill-membri tagħha linji gwida dwar kif jittieħdu tali noti, liema linji gwida kienu jinsabu minn tal-inqas f’waħda mill-pubblikazzjonijiet tagħha dwar l-attività ta’ ppridkar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ġbir ta’ data personali mwettaq minn membri ta’ komunità reliġjuża fil-kuntest ta’ attività ta’ predikazzjoni bieb bieb u l-ipproċessar ulterjuri ta’ din id-data ma jaqgħux taħt l-eċċezzjonijiet mill-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 95/46 peress li la jikkostitwixxu pproċessar ta’ data personali implimentat għall-eżerċizzju ta’ attivitajiet koperti mill-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(2) ta’ din id-direttiva u lanqas ma jikkostitwixxu pproċessar ta’ data personali mwettaq minn persuni fiżiċi għall-eżerċizzju ta’ attivitajiet esklużivament personali jew domestiċi, fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(2) tal-imsemmija direttiva.

***Sentenza tat-22 ta’ Ġunju 2021 (Awla Manja), Latvijas Republikas Saeima (Punti ta’ penalità) (C-439/19, EU:C:2021:504)***

B, persuna fiżika, ingħata punti ta’ penalità għal ksur wieħed jew iktar tar-regoli tat-traffiku. Dawn il-punti ta’ penalità ġew irreġistrati miċ-Ceļu satiksmes drošības direkcija (id-Direttorat tas-Sigurtà tat-Traffiku, il-Latvja) (iktar ’il quddiem iċ-“CSDD”) fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom.

Skont il-leġiżlazzjoni Latvjana dwar iċ-ċirkulazzjoni fit-toroq [34], l-informazzjoni dwar il-punti ta’ penalità imposti fuq is-sewwieqa ta’ vetturi rreġistrati f’dan ir-reġistru hija aċċessibbli għall-pubbliku u għandha tiġi kkomunikata miċ-CSDD lil kull persuna li tagħmel talba għaliha, mingħajr ma din ikollha għalfejn tiġġustifika interess speċifiku li

[34] Artikolu 14$^{1}$(2) taċ-Ceļu satiksmes likums (il-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq), tal-1 ta’ Ottubru 1997 (Latvijas Vēstnesis, 1997, Nru 274/276).

tikseb din l-informazzjoni, inkluż lil operaturi ekonomiċi għal finijiet ta' użu mill-ġdid. Peress li kellu dubji dwar il-legalità ta' din il-leġiżlazzjoni, B ippreżenta rikors kostituzzjonali quddiem il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja), sabiex hija teżamina l-konformità ta' din il-leġiżlazzjoni mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata.

Il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) qieset li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha ta' dan id-dritt kostituzzjonali, hija kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-GDPR. Għalhekk, hija talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara l-portata ta' diversi dispożizzjonijiet tal-GDPR bil-għan li tiddetermina l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Latvjana dwar it-traffiku fit-toroq ma' dan ir-regolament.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ipproċessar ta' data personali dwar il-punti ta' penalità jikkostitwixxi "ipproċessar ta' data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati" [35], li fir-rigward tiegħu l-GDPR jipprevedi protezzjoni ikbar minħabba s-sensittività partikolari tad-data inkwistjoni.

F'dan il-kuntest, hija osservat, preliminarjament, li l-informazzjoni dwar il-punti ta' penalità hija data personali u li l-komunikazzjoni tagħha miċ-CSDD lil terzi kienet tikkostitwixxi pproċessar li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-GDPR. Fil-fatt, dan il-kamp ta' applikazzjoni huwa wiesa' ħafna, u dan it-trattament ma kienx jaqa' taħt l-eċċezzjonijiet għall-applikabbiltà ta' dan ir-regolament.

Għalhekk, minn naħa, dan it-trattament ma kienx kopert mill-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-GDPR għal trattament imwettaq fil-kuntest ta' attività li ma taqax taħt id-dritt tal-Unjoni [36]. Din l-eċċezzjoni għandha titqies li għandha bħala għan uniku li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament l-ipproċessar ta' data personali mwettaq mill-awtoritajiet tal-Istat fil-kuntest ta' attività intiża li tippreżerva s-sigurtà nazzjonali jew attività li tista' tiġi kklassifikata fl-istess kategorija. Dawn l-attivitajiet ikopru, b'mod partikolari, dawk intiżi li jipproteġu l-funzjonijiet essenzjali tal-Istat u l-interessi fundamentali tas-soċjetà. Issa, l-attivitajiet relatati mas-sigurtà fit-toroq ma jfittxux dan il-għan u għalhekk ma jistgħux jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-attivitajiet li għandhom bħala għan il-preżervazzjoni tas-sigurtà nazzjonali.

Min-naħa l-oħra, il-komunikazzjoni tad-data personali dwar il-punti ta' penalità lanqas ma hija pproċessar kopert mill-eċċezzjoni li tipprevedi n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-GDPR għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq mill-awtoritajiet kompetenti fil-qasam kriminali [37]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fil-fatt, li, fl-eżerċizzju tal-imsemmija komunikazzjoni, iċ-CSDD ma setax jitqies li kien tali "awtorità kompetenti" [38].

35 Artikolu 10 tal-GDPR.
36 Artikolu 2(2)(a) tal-GDPR.
37 Artikolu 2(2)(d) tal-GDPR.
38 Artikolu 3(7) tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' April 2016, dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-aċċess għad-data personali dwar reati tat-traffiku, bħall-punti ta' penalità, jikkostitwixxix ipproċessar ta' data personali dwar "reati" [39], li jgawdu minn protezzjoni ikbar, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, billi bbażat ruħha b'mod partikolari fuq l-oriġini tal-GDPR, li dan il-kunċett kien jirreferi esklużivament għar-reati kriminali. Madankollu, il-fatt li, fis-sistema ġuridika Latvjana, ir-reati tat-traffiku kienu jiġu kklassifikati bħala amministrattivi ma kienx determinanti sabiex jiġi evalwat jekk dawn ir-reati kinux jaqgħu taħt il-kunċett ta' "reat kriminali" sa fejn dan huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġ, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi. Għalhekk, wara li fakkret it-tliet kriterji rilevanti sabiex tiġi evalwata n-natura kriminali ta' reat, jiġifieri l-klassifikazzjoni legali tar-reat fid-dritt nazzjonali, in-natura tar-reat u l-grad ta' severità tas-sanzjoni mogħtija, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-reati tat-traffiku inkwistjoni jaqgħu taħt il-kunċett ta' "reat" fis-sens tal-GDPR. Fir-rigward tal-ewwel żewġ kriterji, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, anki jekk ir-reati ma kinux ikklassifikati bħala "kriminali" fid-dritt nazzjonali, tali natura tista' tirriżulta min-natura tar-reat, u b'mod partikolari mill-għan repressiv imfittex mis-sanzjoni li r-reat jista' jwassal għaliha. Issa, f'dan il-każ, l-għoti ta' punti ta' penalità għal reati tat-traffiku, l-istess bħas-sanzjonijiet l-oħra li setgħu jwasslu għalihom it-twettiq tagħhom, kienu jfittxu, fost affarijiet oħra, tali għan repressiv. Fir-rigward tat-tielet kriterju, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li kienu biss ir-reati tat-traffiku ta' ċerta gravità li kienu jinkludu l-impożizzjoni ta' punti ta' penalità, u li, għaldaqstant, dawn ikunu jistgħu jwasslu għal sanzjonijiet ta' ċerta severità. Barra minn hekk, l-impożizzjoni ta' tali punti ġeneralment tiżdied mas-sanzjoni imposta, u l-akkumulazzjoni ta' dawn il-punti kienet twassal għal konsegwenzi ġuridiċi li setgħu saħansitra jwasslu għall-projbizzjoni tas-sewqan.

***Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Nacionalinis visuomenės sveikatos centras (C-683/21, EU:C:2023:949)***

Fl-2020, sabiex tiġi ġestita aħjar il-pandemija tal-COVID-19, l-awtoritajiet Litwani ddeċidew li jorganizzaw l-akkwist ta' applikazzjoni għall-apparati mobbli. Din l-applikazzjoni kellha tikkontribwixxi għal monitoraġġ epidemjoloġiku, billi tippermetti r-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tad-data tal-persuni esposti għall-virus tal-COVID-19.

Għal dan l-għan, in-Nacionalinis visuomenės sveikatos centras prie Sveikatos apsaugos ministerijos (iċ-Ċentru Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, il-Litwanja, iktar 'il quddiem iċ-"ĊNSP"), inkarigat b'dan l-akkwist, ikkuntattja lill-kumpannija UAB "IT sprendimai sėkmei" (iktar 'il quddiem il-"kumpannija ITSS"), fejn talabha toħloq tali applikazzjoni għall-apparati mobbli. Sussegwentement, messaġġi elettroniċi li kienu jirrigwardaw b'mod partikolari l-kwistjonijiet li kellhom jiġu inklużi f'din l-applikazzjoni ġew indirizzati lil din il-kumpannija mill-impjegati taċ-ĊNSP.

[39] Artikolu 10 tal-GDPR.

Matul il-perijodu bejn April u Mejju 2020, l-applikazzjoni għall-apparati mobbli maħluqa mill-kumpannija ITSS tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Konsegwentement, 3 802 persuna għamlu użu minnha u pprovdew data differenti, mitluba minn din l-applikazzjoni, li tikkonċernahom. Madankollu, minħabba nuqqas ta' finanzjament, iċ-ĊNSP ma ta l-ebda kuntratt pubbliku lill-kumpanija ITSS għall-akkwist uffiċjali tal-applikazzjoni għall-apparati mobbli tiegħu u temm il-proċedura relatata.

Sadanittant, l-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali bdiet investigazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data personali li rriżultat mill-użu ta' din l-applikazzjoni. Permezz ta' deċiżjoni ta' din l-awtorità, adottata fi tmiem l-investigazzjoni, il-multi amministrattivi ġew imposti kemm fuq iċ-ĊNSP kif ukoll fuq il-kumpannija ITSS meqjusa bħala kontrollur konġunt.

Iċ-ĊNSP ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Vilnjus, il-Litwanja). Peress li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tal-GDPR, din il-qorti ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, għamlet preċiżazzjonijiet, fost oħrajn, dwar il-kunċett ta' "trattament". F'dan ir-rigward, hija indikat li l-użu ta' data personali għal finijiet ta' testijiet informatiċi ta' applikazzjoni għall-apparati mobbli jikkostitwixxi pproċessar fis-sens tal-GDPR. Madankollu, is-sitwazzjoni tkun differenti jekk tali data tkun saret anonima b'tali mod li s-suġġett tad-data minn din id-data ma jkunx jew ma jkunx għadu identifikabbli jew jekk din tkun data fittizja li ma tkunx relatata ma' persuna fiżika eżistenti.

Fil-fatt, minn naħa, il-kwistjoni dwar jekk data personali tintużax għal testijiet informatiċi jew għal skop ieħor ma taffettwax il-klassifikazzjoni tal-operazzjoni ta' "ipproċessar". Min-naħa l-oħra, huwa biss ipproċessar li jirrigwarda data personali li jista' jiġi kklassifikat bħala "ipproċessar" fis-sens tal-GDPR. Issa, id-data fittizja jew anonima ma tikkostitwixxix data personali.

## 4. Kunċett ta' "sistema ta' ħażna ta' data personali"

***Sentenza tal-10 ta' Lulju 2018 (Awla Manja), Jehovan todistajat (C-25/17, EU:C:2018:551)***

F'din is-sentenza (ara wkoll it-Taqsima II.3, intitolata "Kunċett ta' 'ipproċessar ta' data personali'"), il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat il-kunċett ta' "sistema ta' ħażna", li jinsab fl-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 95/46.

B'hekk, wara li fakkret li din id-direttiva ma tapplikax għall-ipproċessar manwali ta' data personali ħlief fil-każ li d-data pproċessata tkun tagħmel parti jew tkun maħsuba li tagħmel parti minn sistema ta' ħażna, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmi kunċett ikopri sett ta' data personali miġbura fil-kuntest ta' attività ta' predikazzjoni bieb bieb, li

tinkludi ismijiet u indirizzi kif ukoll informazzjoni oħra dwar il-persuni kkuntattjati, f'sitwazzjoni fejn din id-data tkun strutturata skont kriterji partikolari li jippermettu, fil-prattika, li din id-data tinstab faċilment għall-finijiet ta' użu ulterjuri. Sabiex tali sett jaqa' taħt dan il-kunċett, ma huwiex meħtieġ li jinkludi skedi, listi speċifiċi jew sistemi oħra ta' riċerka.

## 5. Kunċett ta' "kontrollur responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali"

***Sentenza tal-10 ta' Lulju 2018 (Awla Manja), Jehovan todistajat (C-25/17, EU:C:2018:551)***

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsima II.3, intitolata "Kunċett ta' 'ipproċessar ta' data personali'" u t-Taqsima II.4, intitolata "Kunċett ta' 'sistema ta' ħażna ta' data personali'"), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà ta' komunità reliġjuża fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mwettaq fil-kuntest ta' attività ta' ppridkar bieb bieb organizzata, ikkoordinata u inkoraġġuta minn din il-komunità.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-obbligu ta' kull persuna li tikkonforma ruħha mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali ma jistax jitqies li huwa ndħil fl-awtonomija organizzattiva tal-imsemmija komunitajiet. F'dan ir-rigward, hija kkonkludiet li l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 95/46, moqri fid-dawl tal-Artikolu 10(1) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti li komunità reliġjuża titqies li hija l-kontrollur responsabbli, flimkien mal-membri predikaturi tagħha, għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq minn dawn tal-aħħar fil-kuntest ta' attività ta' ppridkar bieb bieb organizzata, ikkoordinata u inkoraġġuta minn din il-komunità, mingħajr ma huwa meħtieġ li l-imsemmija komunità jkollha aċċess għal din id-data jew li jiġi stabbilit li tat lill-membri tagħha linji gwida bil-miktub jew istruzzjonijiet fir-rigward ta' dan l-ipproċessar.

***Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018 (Awla Manja), Wirtschaftsakademie Schleswig Holstein (C-210/16, EU:C:2018:388)***

L-awtorità Ġermaniża responsabbli għall-protezzjoni tad-data, fil-kwalità tagħha ta' awtorità superviżorja, fis-sens tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46, kienet ordnat lil kumpannija Ġermaniża, speċjalizzata fil-qasam tal-edukazzjoni u li toffri servizzi ta' taħriġ permezz ta' paġna tal-fans ospitata fis-sit tan-netwerk soċjali Facebook, sabiex tiddiżattiva din il-paġna. Fil-fatt, skont l-imsemmija awtorità, la din il-kumpannija u lanqas Facebook ma kienu informaw lill-viżitaturi tal-paġna tal-fans li din tal-aħħar kienet qiegħda tiġbor, bl-użu ta' cookies, data personali dwarhom u li l-imsemmija kumpannija u Facebook kienu sussegwentement jipproċessaw din id-data.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat il-kunċett ta' "kontrollur responsabbli għall-ipproċessar" ta' data personali. F'dan ir-rigward, hija qieset li l-amministratur ta' paġna tal-fans ospitata fuq Facebook, bħall-kumpannija inkwistjoni fil-kawża prinċipali,

jipparteċipa, permezz tal-azzjoni tiegħu fir-rigward tal-parametri (abbażi, b'mod partikolari, tal-udjenza fil-mira tiegħu kif ukoll tal-għanijiet ta' ġestjoni jew ta' promozzjoni tal-attivitajiet tiegħu), fid-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali tal-viżitaturi ta' din il-paġna. Minħabba f'hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-amministratur għandu jiġi kklassifikat bħala l-kontrollur responsabbli fi ħdan l-Unjoni, flimkien ma' Facebook Ireland (is-sussidjarja fi ħdan l-Unjoni tal-kumpannija Amerikana Facebook), għal dan l-ipproċessar, fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 95/46.

***Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Fashion ID (C-40/17, EU:C:2019:629)***

F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tiżviluppa l-kunċett ta' "kontrollur responsabbli għall-ipproċessar" fir-rigward tal-integrazzjoni ta' plugin f'paġna internet.

Fil-kawża ineżami, Fashion ID, impriża Ġermaniża ta' bejgħ ta' ħwejjeġ tal-moda online, kienet inkorporat fis-sit internet tagħha l-plugin soċjali "jogħġobni" tan-network soċjali Facebook. Din l-inkorporazzjoni jidher li kellha l-konsegwenza li, meta persuna tikkonsulta s-sit internet ta' Fashion ID, id-data personali ta' din il-persuna tintbagħat lil Facebook Ireland. Kien jidher li din it-trażmissjoni kienet titwettaq mingħajr l-għarfien tal-imsemmija persuna u irrispettivament minn jekk kinitx jew le membru tan-network soċjali Facebook jew jekk kinitx għafset jew le l-buttuna "jogħġobni" ta' Facebook.

Il-Verbraucherzentrale NRW, l-assoċjazzjoni Ġermaniża ta' utilità pubblika għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, akkużat lil Fashion ID li kienet bagħtet lil Facebook Ireland data personali tal-persuni li jżuru s-sit internet tagħha, minn naħa, mingħajr il-kunsens ta' dawn tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, bi ksur tal-obbligi ta' informazzjoni previsti fid-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data personali. Adita bit-tilwima, l-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ikkonstatat li l-operatur ta' sit internet, bħalma kienet Fashion ID, jista' jitqies li huwa kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 95/46. Din ir-responsabbiltà hija madankollu limitata għall-operazzjoni jew għall-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar ta' data personali li tagħhom dan l-operatur jiddetermina effettivament il-finijiet u l-mezzi, jiġifieri l-ġbir u l-komunikazzjoni permezz ta' trażmissjoni tad-data inkwistjoni. Għall-kuntrarju, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, kien jidher *prima facie* eskluż li Fashion ID kienet tiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data personali ulterjuri, imwettqa minn Facebook Ireland wara t-trażmissjoni tagħha lil din tal-aħħar, b'tali mod li Fashion ID ma setgħatx titqies li kienet responsabbli għal dawn l-operazzjonijiet, fis-sens tal-Artikolu 2(d).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li kien meħtieġ li, permezz ta' dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar kemm l-operatur ta' sit internet u kemm il-fornitur ta'

plugin soċjali, bħalma hija Facebook Ireland, ikunu qegħdin ifittxu interess leġittimu, fis-sens tal-Artikolu 7(f) tad-Direttiva 95/46, sabiex dawn l-operazzjonijiet ikunu ġġustifikati fir-rigward ta' kull wieħed minnhom.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-kunsens tas-suġġett tad-data, previst fl-Artikolu 2(h) u fl-Artikolu 7(a) tad-Direttiva 95/46, għandu jinkiseb mill-operatur ta' sit internet fir-rigward biss tal-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data personali li tagħhom dan l-operatur jiddetermina l-finijiet u l-mezzi. F'tali sitwazzjoni, l-obbligu ta' informazzjoni previst fl-Artikolu 10 ta' din id-direttiva jaqa' wkoll fuq l-imsemmi operatur, għalkemm l-informazzjoni li dan tal-aħħar għandu jagħti lis-suġġett tad-data għandha tkopri biss l-operazzjoni jew l-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar ta' data personali li tagħhom dan l-operatur jiddetermina l-finijiet u l-mezzi.

***Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Nacionalinis visuomenės sveikatos centras (C-683/21, EU:C:2023:949)***

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsima II.3., intitolata "Kunċett ta' 'ipproċessar ta' data personali'"), il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li entità li kienet inkarigat impriża sabiex tiżviluppa applikazzjoni għall-apparati mobbli u li, f'dan il-kuntest, kienet ipparteċipat fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali mwettaq permezz ta' din l-applikazzjoni setgħet titqies li kienet kontrollur [40]. Din il-kunsiderazzjoni ma setgħetx tiġi kkontestata mill-fatt li din l-entità ma kinitx wettqet, hija stess, operazzjonijiet ta' pproċessar ta' tali data, li hija ma kinitx tat il-kunsens tagħha b'mod espliċitu għat-twettiq ta' operazzjonijiet konkreti ta' tali pproċessar jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-imsemmija applikazzjoni għall-apparati mobbli u li hija ma kinitx kisbet din l-istess applikazzjoni għall-apparati mobbli, sakemm, qabel dan it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, l-imsemmija entità ma oġġezzjonatx espressament għaliha u għall-ipproċessar tad-data personali li rriżultat minn dan.

## 6. Kunċett ta' "kontrollur konġunt"

***Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Nacionalinis visuomenės sveikatos centras (C-683/21, EU:C:2023:949)***

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsimiet II.3 u II.5, intitolati "Kunċett ta' 'ipproċessar ta' data personali'" u "Kunċett ta' 'kontrollur responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali'"), il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-klassifikazzjoni ta' żewġ entitajiet bħala kontrolluri konġunti la tippreżupponi l-eżistenza ta' ftehim bejn dawn l-entitajiet dwar id-determinazzjoni tal-għanijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali u lanqas l-

[40] Fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

eżistenza ta' ftehim li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet relatati mar-responsabbiltà konġunta tal-ipproċessar. Ċertament bis-saħħa tal-GDPR [41], il-kontrolluri konġunti għandhom, b'mod trasparenti, jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom fir-rigward tal-osservanza tal-obbligi ta' dan ir-regolament, permezz ta' arranġament bejniethom. Madankollu, l-eżistenza ta' tali ftehim ma tikkostitwixxix kundizzjoni preliminari sabiex żewġ entitajiet jew iktar jiġu kklassifikati bħala "kontrolluri konġunti", iżda obbligu li l-GDPR jimponi fuq il-kontrolluri konġunti, ladarba kklassifikati bħala tali, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament imposti fuqhom. Għalhekk, din il-klassifikazzjoni tirriżulta mis-sempliċi fatt li diversi entitajiet ipparteċipaw fid-determinazzjoni tal-għanijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar.

Fir-rigward tad-determinazzjoni konġunta, mill-entitajiet ikkonċernati, tal-finijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-parteċipazzjoni tagħhom f'din id-determinazzjoni tista' tieħu forom differenti u tirriżulta kemm mid-deċiżjoni konġunta tagħhom kif ukoll mid-deċiżjonijiet konverġenti tagħhom. Issa, f'dan l-aħħar każ, dawn id-deċiżjonijiet kellhom jiġu kkompletati, b'tali mod li kull waħda minnhom kien ikollha effett konkret fuq id-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi ta' pproċessar.

## 7. Kundizzjonijiet għal-legalità tal-ipproċessar ta' data personali

***Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008 (Awla Manja), Huber (C-524/06, EU:C:2008:724)***

Il-Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (l-Uffiċċju Federali għall-Migrazzjoni u r-Refuġjati, il-Ġermanja), kien responsabbli għall-ġestjoni ta' reġistru ċentrali tal-barranin li kien jiġbor ċerta data personali dwar il-barranin li jirrisjedu fit-territorju Ġermaniż għal perijodu ta' iktar minn tliet xhur. Ir-reġistru kien jintuża għal finijiet ta' statistika u mis-servizzi ta' sigurtà u mill-pulizija kif ukoll mill-awtoritajiet ġudizzjarji fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom fil-qasam ta' proċeduri ġudizzjarji jew ta' investigazzjonijiet dwar aġir kriminali jew li jqiegħed fil-perikolu s-sigurtà pubblika.

H. Huber, ċittadin Awstrijak, stabbilixxa ruħu fil-Ġermanja fl-1996 sabiex jeżerċita hemmhekk il-professjoni ta' aġent indipendenti ta' assigurazzjoni. Peress li qies li kienet saret diskriminazzjoni kontrih minħabba l-ipproċessar li kienet is-suġġett tiegħu d-data li tikkonċernah u li kienet tinsab fir-reġistru inkwistjoni, sa fejn tali database ma kinitx teżisti għaċ-ċittadini Ġermaniżi, H. Huber talab it-tħassir ta' din id-data.

F'dan il-kuntest, l-Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen (il-Qorti Amministrattiva Superjuri tal-Land ta' Nordrhein-Westfalen, il-Ġermanja), adita bit-tilwima, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-ipproċessar ta' data personali li kien sar fir-reġistru inkwistjoni.

[41] Artikolu 26(1) tal-GDPR, moqri fid-dawl tal-premessa 79 tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li d-dritt ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni fit-territorju ta' Stat Membru li tiegħu ma huwiex ċittadin ma huwiex inkundizzjonat, iżda jista' jkun suġġett għal limitazzjonijiet. Għaldaqstant, l-użu ta' tali reġistru bl-għan li jservi ta' sostenn għall-awtoritajiet li huma responsabbli għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar id-dritt ta' residenza huwa, bħala prinċipju, leġittimu u, fid-dawl tan-natura tiegħu, kompatibbli mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità li tinsab fl-Artikolu 12(1) KE (li sar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE). Madankollu, tali reġistru ma jistax jinkludi informazzjoni oħra għajr dik li hija neċessarja għal dan il-għan fis-sens tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-data personali.

Fir-rigward tal-kunċett ta' "neċessità" tal-ipproċessar fis-sens tal-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li dan kien kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li għandu jingħata interpretazzjoni ta' natura tali li tissodisfa b'mod sħiħ l-għan tad-Direttiva 95/46, kif iddefinit fl-Artikolu 1(1) tagħha. Sussegwentement, hija kkonstatat li sistema ta' pproċessar ta' data personali tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni jekk tinkludi biss id-data neċessarja għall-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni mill-imsemmija awtoritajiet, u jekk in-natura ċentralizzata tagħha tkun tippermetti applikazzjoni iktar effettiva ta' din il-leġiżlazzjoni f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni li ma humiex ċittadini ta' dan l-Istat Membru.

Fi kwalunkwe każ, iż-żamma u l-ipproċessar ta' data personali marbuta ma' ismijiet fil-kuntest ta' tali reġistru għal finijiet ta' statistika ma jistgħux jitqiesu li huma neċessarji fis-sens tal-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-kwistjoni tal-użu tad-data inkluża fir-reġistru għal finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat b'mod partikolari li dan l-għan jirreferi għall-proċeduri ġudizzjarji kontra d-delitti u l-kontravenzjonijiet imwettqa, indipendentement min-nazzjonalità tal-awturi tagħhom. Għaldaqstant, Stat Membru ma jistax iqis li s-sitwazzjoni taċ-ċittadini tiegħu hija differenti minn dik taċ-ċittadini tal-Unjoni li ma humiex ċittadini ta' dan l-Istat Membru u li jirrisjedu fit-territorju tiegħu fir-rigward tal-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità. Għaldaqstant, id-differenza fit-trattament bejn dawn iċ-ċittadini u ċ-ċittadini tal-Unjoni li tirriżulta mill-ipproċessar sistematiku ta' data personali relatata biss maċ-ċittadini tal-Unjoni li ma humiex ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat bil-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità tikkostitwixxi diskriminazzjoni pprojbita mill-Artikolu 12(1) KE.

***Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Breyer (C-582/14, EU:C:2016:779)***

F'din is-sentenza (ara wkoll it-Taqsima II.2, intitolata "Kunċett ta' 'data personali'"), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni wkoll dwar il-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 7(f) tad-Direttiva 95/46 jipprekludix dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tipprovdi li l-fornitur ta' servizzi ta' media online ma jistax jiġbor u juża data personali marbuta ma' utent mingħajr il-kunsens tiegħu ħlief sa fejn dan ikun neċessarju sabiex l-użu konkret tal-media online mill-utent inkwistjoni jkun jista' jiġi ffaċilitat u ffatturat u li tipprovdi li l-għan li tiġi ggarantita l-

kapaċità ġenerali tal-funzjonament tal-media online ma jistax jiġġustifika l-użu tad-data wara t-tmiem tas-sessjoni ta' konsultazzjoni kurrenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(f) tad-Direttiva 95/46 jipprekludi l-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, l-ipproċessar ta' data personali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni huwa legali jekk ikun neċessarju sabiex jintlaħaq l-interess leġittimu mfittex mill-kontrollur jew mit-terz jew terzi li lilhom tiġi kkomunikata d-data, ħlief meta dawn l-interessi jiġu wara l-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data. Issa, f'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża kienet eskludiet b'mod kategoriku u ġġeneralizzat il-possibbiltà li ċerti kategoriji ta' data personali jiġu pproċessati, mingħajr ma ppermettiet l-ibbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi opposti inkwistjoni f'każ partikolari. B'dan il-mod, hija kienet naqqset b'mod illegali l-portata ta' dan il-prinċipju previst fl-Artikolu 7(f) tad-Direttiva 95/46, billi eskludiet li l-għan li tiġi ggarantita l-kapaċità ġenerali tal-funzjonament tas-siti tal-media online jista' jkun is-suġġett ta' bbilanċjar mal-interess jew mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-utenti.

***Sentenza tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár (C-73/16, EU:C:2017:725)***

Fil-kawża prinċipali, P. Puškár kien ippreżenta appell quddiem in-Najvyšší súd Slovenskej republiky (il-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka) intiż li l-Finančné riaditel' riaditeľstvo (id-Direttorat tal-Finanzi), l-uffiċċji tat-taxxi kollha suġġetti għal dan tal-aħħar u l-Kriminálny úrad finančnej správy (l-Uffiċċju għall-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Finanzjarja) jiġu ordnati ma jinkludux ismu fil-lista ta' persuni kkunsidrati mid-Direttorat tal-Finanzi bħala proprjetarji fittizji, stabbilita minn dan id-direttorat fil-kuntest tal-ġbir tat-taxxa u li l-aġġornament tagħha kien żgurat mid-Direttorat tal-Finanzi kif ukoll mill-Uffiċċju għall-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Finanzjarja (iktar 'il quddiem il-"lista kontenzjuża"). Barra minn hekk, huwa kien talab li jitneħħa kull riferiment li jikkonċernah minn dawn il-listi u mis-sistema tal-informatika tal-amministrazzjoni finanzjarja.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-Najvyšší súd Slovenskej republiky (il-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni ta' jekk id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjonijiet, stabbilit fl-Artikolu 7, u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Karta, setgħux jiġu interpretati fis-sens li ma jippermettux lil Stat Membru joħloq, mingħajr il-kunsens tas-suġġett tad-data, listi ta' data personali għall-finijiet tal-ġbir tat-taxxa, b'tali mod li l-kisba ta' data personali mill-awtoritajiet pubbliċi għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali kienet tippreżenta riskju fiha nnifisha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46 ma jipprekludix l-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet ta' Stat Membru għall-finijiet tal-ġbir tat-taxxa u tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali bħal dak li ġie implimentat bl-istabbiliment ta' lista ta' persuni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mingħajr il-kunsens tas-suġġetti tad-data, bil-kundizzjoni, minn naħa, li dawn l-awtoritajiet ikunu ngħataw kompiti ta' interess

pubbliku mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li l-istabbiliment ta' din il-lista u l-inklużjoni fiha tal-isem tas-suġġetti tad-data jkunu effettivament xierqa u neċessarji għall-finijiet tat-twettiq tal-għanijiet imfittxija, u li jkunu jeżistu indizji suffiċjenti sabiex wieħed jippreżumi li l-inklużjoni tas-suġġetti tad-data f'din il-lista tkun xierqa u neċessarja u, min-naħa l-oħra, li l-kundizzjonijiet kollha tal-legalità ta' dan l-ipproċessar ta' data personali imposti bid-Direttiva 95/46 jkunu ssodisfatti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk l-istabbiliment tal-lista kontenzjuża hijiex neċessarja għall-eżekuzzjoni tal-kompiti ta' interess pubbliku inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-għan eżatt tal-istabbiliment tal-lista kontenzjuża, l-effetti legali li għalihom ikunu suġġetti l-persuni inklużi fiha u n-natura pubblika jew le ta' din il-lista. Barra minn hekk, fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk l-istabbiliment tal-lista kontenzjuża u l-inklużjoni fiha tal-isem tas-suġġetti tad-data humiex xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din il-lista, u jekk jeżistux modi inqas restrittivi sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-fatt li persuna tiġi inkluża fil-lista kontenzjuża jista' jippreġudika ċerti drittijiet tagħha. Fil-fatt, inklużjoni f'din il-lista tista' tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tagħha u tista' taffettwa r-relazzjonijiet tagħha mal-awtoritajiet fiskali. Bl-istess mod, din l-inklużjoni tista' taffettwa l-preżunzjoni ta' innoċenza ta' din il-persuna, stabbilita fl-Artikolu 48(1) tal-Karta, kif ukoll il-libertà ta' intrapriża, inkluża fl-Artikolu 16 tal-Karta, tal-persuni ġuridiċi assoċjati mal-persuni fiżiċi inklużi fil-lista kontenzjuża. Konsegwentement, tali preġudizzju jista' jkun xieraq biss jekk ikunu jeżistu indizji suffiċjenti li jippermettu li jiġi ssuspettat li s-suġġett tad-data jeżerċita b'mod fittizju funzjonijiet ta' tmexxija fi ħdan il-persuni ġuridiċi assoċjati magħha u b'dan il-mod jippreġudika l-ġbir tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-frodi fiskali.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li jekk kienu jeżistu raġunijiet sabiex jiġu limitati, skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46, ċerti drittijiet previsti fl-Artikoli 6 u 10 sa 12 tagħha, bħad-dritt tas-suġġett tad-data għall-informazzjoni, tali limitazzjoni kellha tkun neċessarja għas-salvagwardja tal-interess imsemmi fil-paragrafu 1 tal-imsemmi Artikolu 13, bħalma huwa, b'mod partikolari, interess ekonomiku u finanzjarju importanti fil-qasam fiskali, u kellha tkun ibbażata fuq miżuri leġiżlattivi.

***Sentenza tal-11 ta' Novembru 2020, Orange Romania (C-61/19, EU:C:2020:901)***

Orange România SA kienet tipprovdi servizzi ta' telekomunikazzjoni mobbli fis-suq Rumen. Fit-28 ta' Marzu 2018, l-Autoritatea Naţională de Supraveghere a Prelucrării Datelor cu Caracter Personal (ANSPDCP) (l-Awtorità Nazzjonali ta' Sorveljanza tal-Ipproċessar ta' Data Personali, ir-Rumanija) imponiet fuqha multa talli ġabret u żammet kopji ta' dokumenti ta' identità tal-klijenti tagħha mingħajr il-kunsens validu ta' dawn tal-aħħar.

Skont l-ANSPDCP, matul il-perijodu mill-1 sas-26 ta’ Marzu 2018, Orange România kkonkludiet kuntratti ta’ provvista ta’ servizzi ta’ telekomunikazzjoni mobbli li kienu jinkludu klawżola li tgħid li l-klijenti kkonċernati kienu ġew informati u taw il-kunsens tagħhom għall-ġbir u għaż-żamma ta’ kopja tad-dokument ta’ identità tagħhom għall-finijiet ta’ identifikazzjoni. Il-kaxxa li kienet tirreferi għal din il-klawżola ġiet immarkata mill-kontrollur tad-data qabel l-iffirmar ta’ dan il-kuntratt.

Huwa f’dan il-kuntest li t-Tribunalul București (il-Qorti tal-Muniċipalità ta’ Bukarest, ir-Rumanija) talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kundizzjonijiet li fihom il-kunsens tal-klijenti għall-ipproċessar ta’ data personali kien jista’ jitqies validu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabelxejn, li d-dritt tal-Unjoni [42] jipprevedi lista tal-każijiet li fihom l-ipproċessar ta’ data personali jista’ jitqies li huwa leċitu. B’mod partikolari, il-kunsens tas-suġġett tad-data għandu jingħata b’mod liberu, speċifiku, informat u mhux ambigwu [43]. F’dan ir-rigward, il-kunsens ma jingħatax validament fil-każ ta’ silenzju, ta’ kaxxi mmarkati minn qabel jew ta’ inattività.

Barra minn hekk, meta l-kunsens tas-suġġett tad-data jingħata fil-kuntest ta’ dikjarazzjoni bil-miktub li tikkonċerna wkoll mistoqsijiet oħra, din id-dikjarazzjoni jkollha tiġi ppreżentata b’mod li tinftiehem u li tkun faċilment aċċessibbli bl-użu ta’ lingwaġġ ċar u sempliċi. Sabiex tiżgura lis-suġġett tad-data libertà ta’ għażla ġenwina, l-istipulazzjonijiet kuntrattwali ma għandhomx iwasslu sabiex iqarrqu bis-suġġett tad-data fir-rigward tal-possibbiltà li jikkonkludi l-kuntratt anki jekk huwa jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar tad-data tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, peress li Orange România kienet il-kontrollur tad-data personali, hija kellha tkun f’pożizzjoni li turi l-legalità tal-ipproċessar ta’ din id-data u, għaldaqstant, f’dan il-każ, l-eżistenza ta’ kunsens validu tal-klijenti tagħha. F’dan ir-rigward, peress li l-klijenti kkonċernati ma kinux jidhru li kienu mmarkaw huma stess il-kaxxa relatata mal-ġbir u ż-żamma tal-kopji tad-dokumenti ta’ identità tagħhom, is-sempliċi fatt li din il-kaxxa ġiet immarkata ma kienx ta’ natura li jistabbilixxi indikazzjoni pożittiva tal-kunsens tagħhom. Hija l-qorti nazzjonali li għandha twettaq il-verifiki neċessarji f’dan ir-rigward.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, hija wkoll il-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk l-istipulazzjonijiet kuntrattwali inkwistjoni setgħux jew le jqarrqu lill-klijenti kkonċernati fir-rigward tal-possibbiltà li jikkonkludu l-kuntratt minkejja r-rifjut li jagħtu l-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data tagħhom, fl-assenza ta’ preċiżazzjonijiet dwar din il-possibbiltà. Barra minn hekk, fil-każ ta’ rifjut ta’ klijent li jagħti l-kunsens għall-ipproċessar tad-data tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li Orange România kienet teżiġi li dan jiddikjara bil-miktub li huwa la kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu għall-ġbir u lanqas għaż-żamma tal-kopja tad-dokument ta’ identità tiegħu. Skont il-Qorti tal-

[42] Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46 u Artikolu 6 tal-GDPR.
[43] Artikolu 2(h) tad-Direttiva 95/46 u l-punt 11 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

Ġustizzja, tali rekwiżit supplimentari huwa ta’ natura li jaffettwa indebitament l-għażla libera li persuna topponi għal dan il-ġbir u din iż-żamma. Fi kwalunkwe każ, peress li l-imsemmija kumpannija kellha tistabbilixxi li l-klijenti tagħha, permezz ta’ aġir attiv, kienu indikaw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom, din il-kumpannija ma setgħetx teżiġi li huma jindikaw b’mod attiv ir-rifjut tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet għalhekk li kuntratt dwar il-provvista ta’ servizzi ta’ telekomunikazzjoni li jinkludi klawżola li tgħid li s-suġġett tad-data ġie informat u ta l-kunsens tiegħu għall-ġbir u għaż-żamma ta’ kopja tad-dokument ta’ identità tiegħu għal finijiet ta’ identifikazzjoni, ma kienx ta’ natura li juri li din il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha validament għal dan il-ġbir u għal din iż-żamma, meta l-kaxxa li tirreferi għal din il-klawżola tkun ġiet immarkata mill-kontrollur tad-data qabel l-iffirmar ta’ dan il-kuntratt, jew meta l-istipulazzjonijiet kuntrattwali ta’ dan il-kuntratt ikunu jistgħu jqarrqu bis-suġġett tad-data fir-rigward tal-possibbiltà li jikkonkludi l-kuntratt inkwistjoni anki jekk huwa jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar tad-data tiegħu, jew meta l-għażla libera li persuna topponi għal dan il-ġbir u għal din iż-żamma tiġi affettwata indebitament minn dan il-kontrollur, billi teżiġi li s-suġġett tad-data, sabiex jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għal dan it-trattament, jimla formola addizzjonali li tindika dan ir-rifjut.

***Sentenza tat-22 ta’ Ġunju 2021 (Awla Manja), Latvijas Republikas Saeima (Punti ta’ Penalità) (C-439/19, EU:C:2021:504)***

F’din is-sentenza (ara wkoll it-Taqsima II.3., intitolata “Kunċett ta’ ‘ipproċessar ta’ data personali’”), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-GDPR jipprekludi l-leġiżlazzjoni li tobbliga liċ-Ceļu satiksmes drošības direkcija (id-Direttorat tas-Sigurtà tat-Traffiku, il-Latvja) (iktar ’il quddiem iċ-“CSDD”) li tagħmel aċċessibbli għall-pubbliku d-data dwar il-punti ta’ penalità imposti fuq is-sewwieqa ta’ vetturi għal ksur tar-regoli tat-traffiku, mingħajr ma l-persuna li titlob l-aċċess ma jkollha għalfejn tiġġustifika interess speċifiku li tiksibha. Din kkonstatat li l-ħtieġa, b’mod partikolari fir-rigward tal-għan ta’ titjib tas-sigurtà fit-toroq invokat mill-Gvern Latvjan, ta’ komunikazzjoni ta’ data personali dwar il-punti ta’ penalità imposti għal reati tat-traffiku ma hijiex stabbilita. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, la d-dritt tal-pubbliku li jaċċedi għad-dokumenti uffiċjali u lanqas id-dritt għal-libertà ta’ informazzjoni ma jiġġustifikaw tali leġiżlazzjoni.

F’dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li t-titjib tas-sigurtà fit-toroq, imsemmi mil-leġiżlazzjoni Latvjana, jikkostitwixxi għan ta’ interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni u li, għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu jikkwalifikaw is-sigurtà fit-toroq bħala “missjoni ta’ interess pubbliku” [44]. Madankollu, in-neċessità tas-sistema Latvjana ta’ komunikazzjoni ta’ data personali dwar il-punti ta’ penalità sabiex jiġi żgurat l-għan imfittex ma ġietx stabbilita. Fil-fatt, minn naħa, il-leġiżlatur Latvjan għandu numru kbir ta’

[44] Skont l-Artikolu 6(1)(e) tal-GDPR, ipproċessar ta’ data personali huwa legali meta jkun “meħtieġ għat-twettiq ta’ kompitu li jsir fl-interess pubbliku […]”.

miżuri li kienu jippermettulu jilħaq dan l-għan b'mezzi oħra li jippreġudikaw inqas id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati. Min-naħa l-oħra, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni s-sensittività tad-data relatata mal-punti ta' penalità u tal-fatt li l-komunikazzjoni tagħha lill-pubbliku tista' tikkostitwixxi ndħil serju fid-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, peress li tista' tipprovoka d-diżapprovazzjoni tas-soċjetà u twassal għall-istigmatizzazzjoni tas-suġġett tad-data.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fid-dawl tas-sensittività ta' din id-data u tal-gravità ta' dan l-indħil f'dawn iż-żewġ drittijiet fundamentali, dawn id-drittijiet jipprevalu kemm fuq l-interess tal-pubbliku li jkollu aċċess għal dokumenti uffiċjali, bħar-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom, kif ukoll fuq id-dritt għal-libertà tal-informazzjoni.

Barra minn hekk, għal raġunijiet identiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-GDPR jipprekludi l-leġiżlazzjoni Latvjana wkoll sa fejn din tawtorizza liċ-CSDD tikkomunika d-data dwar il-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal ksur tar-regoli tat-traffiku lil operaturi ekonomiċi sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jużawhom mill-ġdid u jikkomunikawhom lill-pubbliku.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jipprekludi li l-qorti tar-rinviju, adita b'rikors kontra l-leġiżlazzjoni Latvjana, ikklassifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, tiddeċiedi li żżomm l-effetti legali ta' din il-leġiżlazzjoni sad-data tal-għoti tas-sentenza definittiva tagħha.

# III. Ipproċessar ta' data personali fis-sens tal-leġiżlazzjoni settorjali

## 1. Ipproċessar ta' data personali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi

***Sentenza tat-2 ta' Ottubru 2018 (Awla Manja), Ministerio Fiscal (C-207/16, EU:C:2018:788)***

F'din il-kawża kien inkwistjoni r-rifjut, minn qorti istruttorja Spanjola, ta' talba mressqa fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar serq bi vjolenza ta' portafoll u ta' telefon ċellulari. B'mod iktar partikolari, il-pulizija ġudizzjarja kienet talbet lill-imsemmija qorti tagħtiha aċċess, fuq perijodu ta' tnax-il jum mid-data tas-serq, għad-data ta' identifikazzjoni tal-utenti tan-numri tat-telefon attivati mit-telefon misruq. Din it-talba ġiet irrifjutata għar-raġuni li l-fatti li fuqhom kienet ibbażata l-investigazzjoni kriminali ma kinux jikkostitwixxu reat "gravi" – jiġifieri, skont id-dritt Spanjol, reat issanzjonat b'piena ta' priġunerija ta' iktar minn ħames snin – u l-aċċess għad-data ta' identifikazzjoni kien possibbli biss fir-rigward ta' reati gravi.

Wara li fakkret li l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għal data personali miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, fil-kuntest ta' proċedura ta' investigazzjoni kriminali, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-aċċess għad-data li tidentifika l-proprjetarji tal-karti SIM attivati b'telefon ċellulari misruq, bħall-kunjomijiet, l-ismijiet u, jekk ikun il-każ, l-indirizzi ta' dawn il-proprjetarji, jikkostitwixxi ndħil fid-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, irrikonoxxuti fil-Karta, anki fl-assenza ta' ċirkustanzi li jippermettu li dan l-indħil jiġi kklassifikat bħala "gravi" u mingħajr ma huwa rilevanti jekk l-informazzjoni dwar il-ħajja privata kkonċernata tkunx ta' natura sensittiva jew le jew jekk l-individwi kkonċernati jkunux ġarrbu jew le eventwali inkonvenjenti minħabba l-imsemmi ndħil. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dan l-indħil ma huwiex ta' gravità tali li dan l-aċċess għandu jiġi llimitat, fil-qasam tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tal-iskoperta u tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, għall-ġlieda kontra l-kriminalità gravi. Fil-fatt, filwaqt li d-Direttiva 2002/58 telenka b'mod eżawrjenti l-għanijiet li jistgħu jiġġustifikaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-data kkonċernata u li għalhekk jikkostitwixxu derogi mill-prinċipju ta' kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, fejn dan l-aċċess għandu jissodisfa effettivament u strettament wieħed minn dawn l-għanijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fir-rigward tal-għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, il-formulazzjoni tad-Direttiva 2002/58 ma tillimitax dan l-għan għall-ġlieda kontra r-reati gravi biss, iżda tikkonċerna r-"reati kriminali" b'mod ġenerali.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, għalkemm fis-sentenza tagħha *Tele2 Sverige u Watson et* [45], hija kienet iddeċidiet li hija biss il-ġlieda kontra l-kriminalità gravi li tista' tiġġustifika aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi għal data personali miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet li, meta meqjusa fl-intier tagħha, tippermetti li jinstiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni li d-data tagħhom tkun ikkonċernata, tali interpretazzjoni kienet motivata mill-fatt li l-għan imfittex minn leġiżlazzjoni li tirregola dan l-aċċess għandu jkun marbut mal-gravità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali inkwistjoni li timplika din l-operazzjoni. B'hekk, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, indħil gravi ma jistax jiġi ġġustifikat, f'dan il-qasam, ħlief permezz tal-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità li għandha tkun ukoll ikklassifikata bħala "gravi". Għall-kuntrarju, meta l-indħil ma jkunx gravi, l-imsemmi aċċess jista' jkun iġġustifikat permezz ta' għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' "reati kriminali" b'mod ġenerali.

Fir-rigward tal-kawża ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-aċċess għad-data li kienet is-suġġett tat-talba inkwistjoni ma setax jiġi kklassifikat bħala ndħil "gravi" fid-drittijiet fundamentali tal-persuni li d-data tagħhom hija kkonċernata, sa fejn din id-data ma tippermettix li jinstiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tagħhom. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-indħil li jimplika aċċess għal tali data jista' għalhekk jiġi

[45] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016, *Tele2 Sverige u Watson et* (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970).

ġġustifikat permezz tal-għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' "reati kriminali" b'mod ġenerali, mingħajr ma jkun meħtieġ li dawn ir-reati jiġu kklassifikati bħala "gravi".

***Sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2020 (Awla Manja), Privacy International (C-623/17, EU:C:2020:790) u La Quadrature du Net et (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791)***

Il-ġurisprudenza dwar iż-żamma u l-aċċess għad-data personali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod partikolari s-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et*, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja qieset b'mod partikolari li l-Istati Membri ma setgħux jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, qajmet tħassib fi ħdan ċerti Stati, li beżgħu li kienu ġew imċaħħda minn strument li huma kienu jqisu neċessarju għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u tal-ġlieda kontra l-kriminalità.

Kien f'dan l-isfond li l-Investigatory Powers Tribunal (it-Tribunal Responsabbli għas-Setgħat ta' Investigazzjoni, ir-Renju Unit) (Privacy International, C-623/17), il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) (La Quadrature du Net *et*, C-511/18 u C-512/18) kif ukoll il-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju) (Ordre des barreaux francophones et germanophone *et*, C-520/18) ġew aditi b'kawżi li jikkonċernaw il-legalità tal-liġijiet adottata minn ċerti Stati Membri f'dawn l-oqsma, li kienu jipprevedu b'mod partikolari obbligu għall-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jibagħtu lil awtorità pubblika jew li jżommu b'mod iġġeneralizzat jew mingħajr distinzjoni d-data tal-utenti dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni.

Permezz ta' żewġ sentenzi mogħtija mill-Awla Manja, fis-6 ta' Ottubru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, l-ewwel nett, li leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jobbligaw lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jżommu data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni jew ukoll li jibagħtu din id-data lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sigurtà u ta' intelligence għal dan il-għan jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-Direttiva 2002/58 [46] ma tippermettix li d-deroga għall-obbligu fuq livell ta' prinċipju li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tad-data relatata magħhom u għall-projbizzjoni ta' ħażna ta' din id-data ssir ir-regola. Dan jimplika li din id-direttiva ma tawtorizzax lill-Istati Membri jadottaw, fost oħrajn għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, miżuri leġiżlattivi intiżi li tiġi limitata l-portata tad-drittijiet u tal-obbligi previsti minn din id-direttiva, b'mod partikolari l-obbligu li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u tad-data dwar

[46] Artikolu 15(1) u (3) tad-Direttiva 2002/58.

it-traffiku [47], jekk mhux b'osservanza tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, fosthom il-prinċipju ta' proporzjonalità, u b'rispett tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta [48].

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, minn naħa, fil-kawża Privacy International, li d-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, bil-għan tas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, l-obbligu ta' trażmissjoni ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni lis-servizzi ta' sigurtà u ta' intelligence tad-data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni. Min-naħa l-oħra, fil-kawżi magħquda La Quadrature du Net *et*, u fil-kawża Ordre des barreaux francophones et germanophone *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din l-istess direttiva tipprekludi miżuri leġiżlattivi li jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod preventiv, obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni.

Fil-fatt, dawn l-obbligi ta' trażmissjoni u ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' tali data jikkostitwixxu ndħil partikolarment serju fid-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, mingħajr ma l-aġir tal-persuni li d-data tagħhom tkun ikkonċernata jkun jippreżenta rabta mal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni. B'mod analogu, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 23(1) tal-GDPR, moqri fid-dawl tal-Karta, fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' aċċess għal servizzi ta' komunikazzjoni lill-pubbliku online u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting l-obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni, b'mod partikolari, ta' data personali relatata ma' dawn is-servizzi.

Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, f'sitwazzjonijiet fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun qiegħed jaffaċċa theddida serja għas-sigurtà nazzjonali li tirriżulta reali u attwali jew prevedibbli, id-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jiġu ordnati jżommu b'mod iġġeneralizzat u mingħajr distinzjoni data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-deċiżjoni li tipprevedi din l-ordni, għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li huwa strettament neċessarju, għandha tkun is-suġġett ta' stħarriġ effettiv, jew minn qorti, jew minn entità amministrattiva indipendenti, li jagħtu deċiżjoni vinkolanti, bil-għan li tiġi vverifikata l-eżistenza ta' waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet u l-osservanza tal-kundizzjonijiet u tal-garanziji previsti. Fl-istess ċirkustanzi, l-imsemmija direttiva lanqas ma tipprekludi l-analiżi awtomatizzata ta' data, b'mod partikolari dik dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, tal-utenti kollha ta' mezzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li d-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix miżuri leġiżlattivi li jippermettu l-użu ta' żamma mmirata, limitata *ratione temporis* għal dak li jkun strettament neċessarju, ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, li tkun iddefinita, abbażi ta' elementi oġġettivi u nondiskriminatorji, skont

---

47 Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/58.
48 B'mod partikolari, l-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll l-Artikolu 52(1) tal-Karta.

il-kategoriji ta' persuni kkonċernati jew permezz ta' kriterju ġeografiku. Bl-istess mod, din id-direttiva ma tipprekludix tali miżuri li jipprevedu żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' indirizzi IP assenjati lis-sors ta' komunikazzjoni, bil-kundizzjoni li l-perijodu ta' żamma jkun limitat għal dak li jkun strettament neċessarju, u lanqas ma tipprekludi dawk il-miżuri li jipprevedu tali żamma ta' data dwar l-identità ċivili tal-utenti ta' mezzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, mingħajr l-obbligu, f'dan l-aħħar każ, li l-Istati Membri jillimitaw iż-żamma *ratione temporis*. Barra minn hekk, l-imsemmija direttiva ma tipprekludix miżura leġiżlattiva li tippermetti l-użu ta' żamma rapida ta' data li jkollhom il-fornituri ta' servizzi meta jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom ikun hemm il-bżonn li l-imsemmija data tinżamm lil hinn mit-termini legali ta' żamma ta' data għall-finijiet ta' tagħrif dwar reati kriminali serji jew ta' attentati għas-sigurtà nazzjonali, meta dawn ir-reati jew attentati jkunu diġà ġew ikkonstatati jew meta l-eżistenza tagħhom tista' raġonevolment tkun issuspettata.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi l-obbligu li jipproċedu bil-ġbir f'ħin reali, b'mod partikolari, ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, meta dan il-ġbir ikun limitat għall-persuni li fil-konfront tagħhom teżisti raġuni valida ta' suspett li jkunu involuti, b'mod jew ieħor, f'attivitajiet ta' terroriżmu u jkunu suġġett għal stħarriġ minn qabel, magħmul jew minn qorti, jew minn entità amministrattiva indipendenti, li jagħtu deċiżjoni vinkolanti, sabiex jiġi żgurat li tali ġbir f'ħin reali jkun awtorizzat biss fil-limitu ta' dak li jkun strettament neċessarju. Fil-każ ta' urġenza, l-istħarriġ għandu jsir fi żmien qasir.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjoni taż-żamma *ratione temporis* tal-effetti ta' leġiżlazzjoni nazzjonali ddikjarata inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet li qorti nazzjonali ma tistax tapplika dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li tawtorizzaha tillimita *ratione temporis* l-effetti ta' dikjarazzjoni ta' illegalità li hija jkollha tagħmel, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi l-obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, li tkun ġiet iddikjarata inkompatibbli mad-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta.

B'dan premess, sabiex tagħti risposta utli lill-qorti nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ammissibbiltà u l-evalwazzjoni ta' provi miksuba permezz taż-żamma ta' data bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, fil-kuntest ta' proċedura kriminali miftuħa kontra persuni ssuspettati b'atti ta' kriminalità serja, jaqgħu, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, taħt id-dritt nazzjonali biss. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-Direttiva 2002/58, interpretata fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività, tirrikjedi li l-qorti kriminali nazzjonali twarrab il-provi miksuba permezz ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, fil-kuntest ta' tali proċedura kriminali, jekk il-persuni ssuspettati b'atti ta' kriminalità ma jkunux f'pożizzjoni li jieħdu pożizzjoni b'mod effettiv fuq dawn il-provi.

***Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021(Awla Manja), Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152)***

Tressqu proċeduri kriminali fl-Estonja kontra H. K. fuq akkużi ta' serq, ta' użu tal-karta bankarja ta' terz u ta' vjolenza fir-rigward ta' persuni li pparteċipaw fi proċeduri ġudizzjarji. H. K. ġiet ikkundannata għal dawn ir-reati minn qorti tal-ewwel istanza għal piena ta' priġunerija ta' sentejn. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata fl-appell. Il-proċessi verbali li fuqhom kienet ibbażata l-konstatazzjoni ta' dawn ir-reati ġew ippreparati, b'mod partikolari, abbażi ta' data ta' natura personali ġġenerata fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja), li quddiemha tressaq appell fil-kassazzjoni minn H. K., esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni [49] taċ-ċirkustanzi li fihom is-servizzi ta' investigazzjoni kellhom aċċess għal din id-data.

Dawn id-dubji kienu jikkonċernaw, fl-ewwel lok, il-kwistjoni dwar jekk it-tul tal-perijodu li fih id-dipartimenti ta' investigazzjoni kellhom aċċess għad-data jikkostitwixxix kriterju li jippermetti li tiġi evalwata l-gravità tal-indħil li jikkostitwixxi dan l-aċċess fil-konfront tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati. Għalhekk, meta l-imsemmi perijodu jkun qasir ħafna jew meta l-kwantità tad-data miġbura tkun limitata ħafna, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk l-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità b'mod ġenerali, u mhux biss tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, jistax jiġġustifika tali ndħil. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar il-possibbiltà li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Estonjan jitqies, fid-dawl tal-kompiti differenti fdati lilu mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħala awtorità amministrattiva "indipendenti" fis-sens tas-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* [50], li tkun tista' tawtorizza l-aċċess tal-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni għad-data kkonċernata.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi għal data dwar it-traffiku jew data dwar il-lokalizzazzjoni, li tista' tipprovdi informazzjoni dwar il-komunikazzjonijiet imwettqa minn utent ta' mezz ta' komunikazzjoni elettronika jew dwar il-lokalizzazzjoni tat-tagħmir terminali li huwa juża u li jippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tiegħu, għal finijiet ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, mingħajr ma dan l-aċċess ikun limitat għal proċeduri intiżi għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja jew għall-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tul tal-perijodu li għalih l-aċċess għal din id-data jintalab u l-kwantità jew in-natura tad-data disponibbli għal tali perijodu ma għandux effett f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din l-istess direttiva, moqrija fid-dawl tal-Karta, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti kompetenza lill-uffiċċju tal-prosekutur sabiex jawtorizza l-aċċess ta' awtorità pubblika għad-data dwar it-traffiku u għad-data dwar il-lokalizzazzjoni sabiex titwettaq investigazzjoni kriminali.

---

[49] Iktar preċiżament, mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11, kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

[50] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et* (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970, punt 120).

Fir-rigward tal-għan ta’ prevenzjoni, ta’ investigazzjoni, ta’ skoperta u ta’ prosekuzzjoni ta’ reati kriminali, imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, konformement mal-prinċipju ta’ proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li huma biss l-għanijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja jew ta’ prevenzjoni ta’ theddid serju għas-sigurtà pubblika li huma ta’ natura li jiġġustifikaw l-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi għal grupp ta’ data dwar it-traffiku jew ta’ data dwar il-lokalizzazzjoni, li jistgħu jippermettu li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati, mingħajr ma fatturi oħra li jirrigwardaw il-proporzjonalità ta’ talba għal aċċess, bħat-tul tal-perijodu li għalih l-aċċess jintalab għal tali data, jista’ jkollhom l-effett li l-għan ta’ prevenzjoni, ta’ investigazzjoni, ta’ skoperta u ta’ prosekuzzjoni ta’ reati kriminali b’mod ġenerali jkun jista’ jiġġustifika tali aċċess.

Fir-rigward tal-kompetenza mogħtija lill-uffiċċju tal-prosekutur sabiex jawtorizza l-aċċess ta’ awtorità pubblika għad-data dwar it-traffiku u għad-data dwar il-lokalizzazzjoni sabiex imexxi investigazzjoni kriminali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li huwa d-dritt nazzjonali li għandu jiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom il-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi ikollhom jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-aċċess għad-data li huma jkollhom. Madankollu, sabiex tissodisfa r-rekwiżit ta’ proporzjonalità, tali leġiżlazzjoni għandha tipprevedi regoli ċari u preċiżi li jirregolaw il-portata u l-applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni u li jimponu rekwiżiti minimi, b’tali mod li l-persuni, li tagħhom tkun inżammet id-data jkollhom garanziji suffiċjenti li jippermettu li din id-data tiġi protetta b’mod effettiv kontra r-riskji ta’ abbuż. Din il-leġiżlazzjoni għandha tkun legalment vinkolanti fid-dritt intern u għandha tindika f’liema ċirkustanzi u taħt liema kundizzjonijiet materjali u proċedurali tkun tista’ tittieħed miżura li tipprevedi l-ipproċessar ta’ tali data, u b’hekk jiġi ggarantit li l-indħil ikun limitat għal dak li jkun strettament neċessarju.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi ggarantita, fil-prattika, l-osservanza sħiħa ta’ dawn il-kundizzjonijiet, huwa essenzjali li l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma jkun suġġett għal kontroll minn qabel imwettaq jew minn qorti, jew minn entità amministrattiva indipendenti, u li d-deċiżjoni ta’ din il-qorti jew ta’ din l-entità tingħata fuq talba motivata minn dawn l-awtoritajiet imressqa, b’mod partikolari, fil-kuntest ta’ proċeduri ta’ prevenzjoni, ta’ skoperta jew ta’ prosekuzzjoni kriminali. Fil-każ ta’ urġenza debitament iġġustifikata, l-istħarriġ għandu jsir fl-iqsar żmien possibbli.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-istħarriġ minn qabel jeħtieġ, fost oħrajn, li l-qorti jew l-entità inkarigata li twettaq dan l-istħarriġ ikollha s-setgħat kollha neċessarji u tippreżenta l-garanziji kollha neċessarji sabiex tiżgura konċiljazzjoni tal-interessi u tad-drittijiet differenti inkwistjoni. Fir-rigward b’mod iktar partikolari ta’ investigazzjoni kriminali, tali kontroll jeżiġi li din il-qorti jew din l-entità tkun f’pożizzjoni li tiżgura bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interessi marbuta mal-bżonnijiet tal-investigazzjoni fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuni li d-data tagħhom tkun ikkonċernata mill-aċċess. Meta dan l-istħarriġ jitwettaq mhux minn qorti

iżda minn entità amministrattiva indipendenti, din għandha tgawdi minn status li jippermettilha taġixxi, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, b'mod oġġettiv u imparzjali u għandha tkun, għal dan il-għan, ħielsa minn kull influwenza esterna.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, minn dan jirriżulta li r-rekwiżit ta' indipendenza li għandha tissodisfa l-awtorità inkarigata li teżerċita l-istħarriġ minn qabel jimponi li din l-awtorità jkollha l-kwalità ta' terz fir-rigward ta' dik li titlob l-aċċess għad-data, b'mod li tal-ewwel tkun f'pożizzjoni li teżerċita dan l-istħarriġ b'mod oġġettiv u imparzjali li tħalliha ħielsa minn kull influwenza esterna. B'mod partikolari, fil-qasam kriminali, ir-rekwiżit ta' indipendenza jimplika li l-awtorità inkarigata minn dan l-istħarriġ minn qabel, minn naħa, ma tkunx involuta fit-tmexxija tal-investigazzjoni kriminali inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, ikollha pożizzjoni ta' newtralità fil-konfront tal-partijiet fil-proċedura kriminali. Issa, dan ma huwiex il-każ ta' uffiċċju tal-prosekutur li, bħalma kien il-każ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Estonjan, imexxi l-proċedura ta' investigazzjoni u jeżerċita, jekk ikun il-każ, l-azzjoni pubblika. Minn dan isegwi li l-uffiċċju tal-prosekutur ma huwiex f'pożizzjoni li jwettaq l-istħarriġ minn qabel imsemmi iktar 'il fuq.

***Sentenza tal-5 ta' April 2022 (Awla Manja), Commissioner of An Garda Síochána et (C-140/20, EU:C:2022:258)***

F'din il-kawża, it-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet mis-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda) fil-kuntest ta' proċedura ċivili mibdija minn persuna kkundannata għal priġunerija għal għomorha għal qtil imwettaq fl-Irlanda. Din tal-aħħar ikkontestat il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali relatati maż-żamma ta' data ġġenerata fil-kuntest ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Bis-saħħa ta' din il-liġi, data dwar it-traffiku u data ta' lokalizzazzjoni relatata ma' sejħiet telefoniċi tal-persuna akkużata kienet inżammet mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u saret aċċessibbli għall-awtoritajiet tal-pulizija. Id-dubji espressi mill-qorti tar-rinviju kienu jirrigwardaw b'mod partikolari l-kompatibbiltà mad-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, ta' sistema ta' żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata ta' din id-data, b'rabta mal-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, filwaqt li ppreċiżat il-portata tagħha, il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza La Quadrature du Net *et* [51], filwaqt li fakkret li ż-żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni marbuta mal-komunikazzjonijiet elettroniċi ma hijiex awtorizzata għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u l-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika. Hija kkonfermat wkoll il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) [52], b'mod partikolari fir-

[51] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, *EU:C:2020:791*).
[52] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, *EU:C:2021:152*).

rigward tal-obbligu li l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-imsemmija data miżmuma jkun suġġett għal stħarriġ minn qabel imwettaq jew minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, fir-rigward ta' uffiċjal tal-pulizija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-ewwel lok, li d-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, tippreskludi miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, b'mod preventiv, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u l-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika, żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni. Fil-fatt, fid-dawl, minn naħa, tal-effetti dissważivi fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali [53] li din iż-żamma tista' toħloq u, min-naħa l-oħra, tal-gravità tal-indħil li tinvolvi, tali żamma għandha tikkostitwixxi l-eċċezzjoni u mhux ir-regola għas-sistema stabbilita minn din id-direttiva, b'mod li din id-data ma tkunx tista' tkun is-suġġett ta' żamma sistematika u kontinwa. Il-kriminalità, anki partikolarment serja, ma tistax tiġi assimilata ma' theddida għas-sigurtà nazzjonali, sa fejn tali assimilazzjoni tista' tintroduċi kategorija intermedja bejn is-sigurtà nazzjonali u s-sigurtà pubblika, għall-finijiet tal-applikazzjoni għat-tieni wieħed mir-rekwiżiti inerenti għall-ewwel waħda.

B'kuntrast ma' dan, id-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tippreskludix miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u tal-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika, żamma mmirata ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni li tkun limitata, abbażi ta' elementi oġġettivi u nondiskriminatorji, skont il-kategoriji ta' persuni kkonċernati jew permezz ta' kriterju ġeografiku, għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li huwa strettament neċessarju, iżda li jista' jiġġedded. Hija żiedet li tali miżura ta' żamma li tirrigwarda postijiet jew infrastrutturi ffrekwentati regolarment minn numru għoli ferm ta' persuni jew postijiet strateġiċi, bħal ajruporti, stazzjonijiet tal-ferrovija, portijiet marittimi jew żoni ta' pedaġġi, tista' tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jiġbru informazzjoni dwar il-preżenza, f'dawn il-postijiet jew iż-żoni ġeografiċi, ta' persuni li jużaw mezz ta' komunikazzjoni elettronika hemmhekk u sabiex jaslu għal konklużjonijiet dwar il-preżenza u l-attività tagħhom fl-imsemmija postijiet jew żoni ġeografiċi għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja. Fi kwalunkwe każ, l-eżistenza eventwali ta' diffikultajiet sabiex jiġu ddefiniti preċiżament l-ipoteżijiet u l-kundizzjonijiet li fihom tista' ssir żamma mmirata ma tistax tiġġustifika li l-Istati Membri jipprevedu żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni.

Din id-direttiva, moqrija fid-dawl tal-Karta, lanqas ma tippreskludi miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, għall-istess finijiet, żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tal-indirizzi IP assenjati lis-sors ta' konnessjoni, għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li huwa strettament neċessarju, kif ukoll tad-data dwar l-identità ċivili tal-utenti ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Fir-rigward ta' dan l-aħħar aspett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat b'mod iktar partikolari li la d-Direttiva 2002/58 u lanqas ebda att ieħor tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, li jkollha bħala suġġett il-ġlieda kontra

[53] Sanċiti fl-Artikoli 7 sa 11 tal-Karta.

l-kriminalità serja, li permezz tagħha l-akkwist ta' mezz ta' komunikazzjoni elettronika, bħal kard SIM imħallsa minn qabel, ikun suġġett għall-verifika ta' dokumenti uffiċjali li jistabbilixxu l-identità ċivili tax-xerrej u għar-reġistrazzjoni, mill-bejjiegħ, tal-informazzjoni li tirriżulta minnhom, peress li l-bejjiegħ ikun, skont il-każ, obbligat jagħti aċċess għal din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

L-istess japplika għal dak li jikkonċerna miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, dejjem għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u għall-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika, ir-rikors ta' ordni lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità kompetenti suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv, sabiex jipproċedu, għal perijodu stabbilit, biż-żamma mgħaġġla ("quick freeze") ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni li dawn il-fornituri ta' servizzi għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Fil-fatt, hija biss il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u, *a fortiori*, is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali li hija ta' natura li tiġġustifika tali żamma, bil-kundizzjoni li din il-miżura kif ukoll l-aċċess għad-data miżmuma josservaw il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li tali miżura ta' żamma mgħaġġla tista' tiġi estiża għad-data dwar it-traffiku u għad-data dwar il-lokalizzazzjoni marbuta ma' persuni li ma jkunux dawk li jkunu ssuspettati li pproġettaw jew wettqu reat kriminali serju jew attentati kontra s-sigurtà nazzjonali, sa fejn din id-data tista', abbażi ta' elementi oġġettivi u mhux diskriminatorji, tikkontribwixxi sabiex jiġi evitat tali reat jew ta' tali attentat kontra s-sigurtà nazzjonali, bħad-data tal-vittma tagħha kif ukoll dik taċ-ċirku soċjali jew professjonali tagħha.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, sussegwentement, li l-miżuri leġiżlattivi kollha msemmija iktar 'il fuq jiżguraw, permezz ta' regoli ċari u preċiżi, li ż-żamma tad-data inkwistjoni tkun suġġetta għall-osservanza tal-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali applikabbli u li l-persuni kkonċernati jkollhom garanziji effettivi kontra r-riskji ta' abbuż. Id-diversi miżuri għaż-żamma tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni jistgħu, skont l-għażla tal-leġiżlatur nazzjonali u filwaqt li josservaw il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju, jiġu applikati flimkien.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-awtorizzazzjoni, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, għal aċċess għal tali data miżmuma b'mod iġġeneralizzat u indifferenzjat, sabiex tikkonfronta theddida serja għas-sigurtà nazzjonali, huwa kuntarju għall-ġerarkija tal-għanijiet ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika miżura meħuda abbażi tad-Direttiva 2002/58. Fil-fatt, dan ikun ifisser li jkun permess li l-aċċess ikun jista' jiġi ġġustifikat minn għan ta' importanza iżgħar minn dik tal-għan li kien iġġustifika ż-żamma, jiġifieri s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, u b'hekk ikun hemm ir-riskju li tiġi mċaħħda minn kull effett utli l-projbizzjoni li ssir żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, li tipprovdi li l-ipproċessar iċċentralizzat tat-talbiet għal aċċess għal data miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li toriġina mill-pulizija fil-kuntest tal-investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni ta' reati

kriminali serji, ikollu jsir minn uffiċjal tal-pulizija, anki meta dan ikun assistit minn unità stabbilita fi ħdan il-pulizija li tgawdi minn ċertu grad ta' awtonomija fl-eżerċizzju tal-missjoni tagħha u li d-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jkunu ulterjorment is-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju. Fil-fatt, minn naħa, tali uffiċjal ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità imposti fuq awtorità amministrattiva li teżerċita l-istħarriġ minn qabel tat-talbiet għal aċċess għad-data li toriġina mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, sa fejn huwa ma jkollux il-kwalità ta' terz fir-rigward ta' dawn l-awtoritajiet. Min-naħa l-oħra, għalkemm id-deċiżjoni ta' tali uffiċjal tista' tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju *a posteriori*, dan l-istħarriġ ma jistax jissostitwixxi stħarriġ indipendenti u, ħlief f'każijiet ta' urġenza debitament iġġustifikati, minn qabel.

Fit-tielet lok, fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi li qorti nazzjonali tillimita *ratione temporis* l-effetti ta' dikjarazzjoni ta' invalidità li hija jkollha tieħu, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni, minħabba l-inkompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mad-Direttiva 2002/58. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ammissibbiltà tal-provi miksuba permezz ta' tali żamma taqa', skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, taħt id-dritt nazzjonali, bla ħsara għall-osservanza b'mod partikolari tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

***Sentenza tal-20 ta' Settembru 2022 (Awla Manja), VD u SR (C-339/20 u C-397/20, EU:C:2022:703)***

Wara investigazzjoni tal-Autorité des marchés financiers (l-Awtorità tas-Swieq Finanzjarji, Franza) (AMF), inbdew proċeduri kriminali kontra VD u SR, żewġ persuni fiżiċi akkużati b'reati ta' insider dealing, ta' ħabi ta' reati ta' insider dealing, ta' kompliċità, ta' korruzzjoni u ta' ħasil tal-flus. Fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, l-AMF kienet użat data personali li ħarġet minn telefonati ta' VD u SR, iġġenerata abbażi tal-code des postes et des communications électroniques (il-Kodiċi tal-Posta u Komunikazzjonijiet Elettroniċi), fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

Sa fejn it-tqegħid taħt investigazzjoni rispettiv tagħhom kien ibbażat fuq id-data dwar it-traffiku pprovduta mill-AMF, kull wieħed minn VD u SR ippreżentaw rikors quddiem il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza), billi invokaw, b'mod partikolari, motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta. B'mod iktar partikolari, billi bbażaw ruħhom fuq il-ġurisprudenza li ħarġet mis-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* [54], VD u SR ikkontestaw il-fatt l-AMF ibbażat ruħha, sabiex tiġbor l-imsemmija data, fuq id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, filwaqt li, skont huma, dawn id-dispożizzjonijiet,

[54] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et* (C-203/15 et C-698/15, *EU:C:2016:970*).

minn naħa, ma kinux konformi mad-dritt tal-Unjoni, sa fejn dawn kienu jipprevedu żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data ta' konnessjoni u, min-naħa l-oħra, ma kienu jistabbilixxu l-ebda limitu għas-setgħa tal-investigaturi tal-AMF li jkunu jistgħu jitolbu li jingħataw id-data miżmuma.

Permezz ta' żewġ sentenzi tal-20 ta' Diċembru 2018 u tas-7 ta' Marzu 2019, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) ċaħdet ir-rikorsi ta' VD u ta' SR. Sabiex jiġi miċħud il-motiv imsemmi iktar 'il fuq, l-imħallfin li taw deċiżjoni fuq il-mertu bbażaw ruħhom, b'mod partikolari, fuq il-fatt li r-Regolament dwar l-abbuż tas-suq [55] jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jitolbu, sa fejn dan ikun awtorizzat mid-dritt nazzjonali, ir-rekords eżistenti tad-data dwar it-traffiku miżmuma mill-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, meta jkunu jeżistu raġunijiet ta' suspett ta' ksur tal-projbizzjoni ta' insider dealing u meta tali rekords ikunu jistgħu jkunu rilevanti għall-investigazzjoni ta' dan il-ksur.

VD u SR għalhekk ippreżentaw appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), il-qorti tar-rinviju f'dawn il-kawżi.

F'dan il-kuntest, din il-qorti staqsiet dwar il-konċiljazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Karta, mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 12(2)(a) u (d) tad-Direttiva "abbuż tas-suq" [56] u mill-Artikolu 23(2)(g) u (h) tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq. Din id-domanda kienet toriġina mill-miżuri leġiżlattivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li kienu jipprevedu b'mod preventiv, għall-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku għal sena mill-jum tar-reġistrazzjoni, għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati ta' abbuż tas-suq, li minnhom jagħmlu parti l-insider dealing. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tqis li l-leġiżlazzjoni dwar iż-żamma tad-data ta' konnessjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali ma tkunx konformi mad-dritt tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju qajmet il-kwistjoni dwar iż-żamma provviżorja tal-effetti ta' din il-leġiżlazzjoni, sabiex tiġi evitata inċertezza legali u jiġi permess li d-data preċedentement miġbura u miżmuma tintuża għall-finijiet tal-iskoperta u tal-prosekuzzjoni tal-insider dealing.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, qieset li ż-żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku għal sena mill-jum tar-reġistrazzjoni mill-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ma hijiex awtorizzata, b'mod preventiv, għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati ta' abbuż tas-suq. Barra minn hekk, hija kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi li qorti nazzjonali tillimita *ratione temporis* l-effetti ta' dikjarazzjoni ta' invalidità li hija jkollha tagħmel fir-rigward ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li jkunu inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

---

55 Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU 2014, L 173, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 287, p. 320).

56 Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 367).

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex tiġi interpretata dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandu jsir riferiment mhux biss għall-kliem tagħha, iżda għandhom ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest tagħha u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti.

Fir-rigward tal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fid-domandi preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, filwaqt li l-Artikolu 12(2)(d) tad-Direttiva "abbuż tas-suq" jirreferi għas-setgħa tal-AMF "li [t]eħtie[ġ] reġistri tat-telefon u tat-traffikar tad-data eżistenti", l-Artikolu 23(2)(g) u (h) tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq jirreferi għas-setgħa ta' din l-awtorità li titlob, minn naħa, ir-"reġistrazzjonijiet [...] ta' [...] [rekords tad-data dwar it-traffiku] miżmuma minn kumpaniji tal-investiment, istituzzjonijiet tal-kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji" u, min-naħa l-oħra, "sa fejn ikun permess mil-liġi nazzjonali, rekords eżistenti tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjonijiet". Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet kien jirriżulta mingħajr ambigwità li dawn sempliċement jillimitaw is-setgħa tal-AMF li "[t]eħtie[ġ]", jew anki li "[t]it[lob]" id-data li dawn l-operaturi għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom, fatt li jikkorrispondi għal aċċess għal din id-data. Barra minn hekk, ir-riferiment magħmul għar-rekords "eżistenti", bħal dawk "miżmuma" mill-imsemmija operaturi, jagħti x'jifhem li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jirregola l-possibbiltà, għal-leġiżlatur nazzjonali, li jistabbilixxi obbligu ta' żamma ta' tali rekords. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-interpretazzjoni hija, barra minn hekk, ikkorroborata kemm mill-kuntest li jagħmlu parti minnu l-imsemmija dispożizzjonijiet, kif ukoll mill-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li minnha jifformaw parti dawn l-istess dispożizzjonijiet.

F'dak li jirrigwarda l-kuntest li jagħmlu parti minnu dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fid-domandi preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva "abbuż tas-suq" u tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq [57], il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam finanzjarju jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom numru ta' għodod, ta' kompetenzi u ta' riżorsi adegwati, kif ukoll setgħat ta' sorveljanza u ta' investigazzjoni neċessarji sabiex jiżguraw l-effikaċja tal-missjonijiet tagħhom, dawn id-dispożizzjonijiet ma jsemmu la xi possibbiltà eventwali għall-Istati Membri li jistabbilixxu obbligu, għal dawn il-finijiet, impost fuq l-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li jżommu d-data dwar it-traffiku b'mod iġġeneralizzat u mingħajr distinzjoni, u lanqas il-kundizzjonijiet li fihom din id-data għandha tinżamm mill-imsemmija operaturi għall-finijiet tat-trażmissjoni tagħha, jekk meħtieġ, lill-awtoritajiet kompetenti.

Fir-rigward tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li kemm id-Direttiva "abbuż tas-suq" kif ukoll ir-Regolament dwar l-

57 Rispettivament, l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva "abbuż tas-suq" u l-Artikolu 23(3) tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq, moqri fid-dawl tal-premessa 62 tiegħu.

abbuż tas-suq [58], jirriżulta li dawn l-istrumenti għandhom l-iskop li jiżguraw l-integrità tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni u li jsaħħu l-fiduċja tal-investituri f'dawn is-swieq, fiduċja li hija bbażata, b'mod partikolari, fuq il-fatt li dawn ser jitqiegħdu fuq livell ugwali u jiġu protetti kontra l-użu illegali ta' informazzjoni pprivileġġata. Il-projbizzjoni ta' insider dealing stabbilita fl-imsemmija strumenti [59] hija intiża għalhekk li tiżgura l-ugwaljanza bejn il-partijiet kontraenti fi tranżazzjoni fil-Borża billi jiġi evitat li waħda minnhom, li jkollha informazzjoni pprivileġġata u li tkun tinsab, minħabba f'hekk, f'pożizzjoni vantaġġuża meta mqabbla mal-investituri l-oħra, tapprofitta minnha għad-detriment tal-partijiet li ma jkollhomx din l-informazzjoni. Għalkemm, skont ir-Regolament dwar l-abbuż tas-suq [60], ir-rekords tad-data ta' konnessjoni jikkostitwixxu prova essenzjali u xi drabi l-unika prova li tippermetti li tiġi skoperta u pprovata l-eżistenza ta' insider dealing jew ta' manipulazzjoni tas-suq, xorta jibqa' l-fatt li dan ir-regolament jirreferi biss għar-rekords "miżmuma" mill-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, kif ukoll għas-setgħa tal-awtorità kompetenti fil-qasam finanzjarju li "[t]it[lob]", mingħand dawn l-operaturi, il-komunikazzjoni tad-data "eżistenti". Għalhekk, minn dan il-kliem bl-ebda mod ma jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni, permezz ta' dan, ried jirrikonoxxi, għall-Istati Membri, is-setgħa li jimponu obbligu ġenerali ta' żamma tad-data fuq l-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Minn dan isegwi li la d-Direttiva "abbuż tas-suq" u lanqas ir-Regolament dwar l-abbuż tas-suq ma jistgħu jikkostitwixxu l-bażi legali ta' obbligu ġenerali ta' żamma tar-rekords ta' data dwar it-traffiku miżmuma mill-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għall-finijiet tal-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lill-awtorità kompetenti fil-qasam finanzjarju skont dawn l-atti.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-Direttiva 2002/58 tikkostitwixxi l-att ta' riferiment fil-qasam taż-żamma u, b'mod iktar ġenerali, tal-ipproċessar tad-data personali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, b'tali mod li l-interpretazzjoni tagħha, kif magħmula fir-rigward ta' din id-direttiva, tirregola wkoll ir-rekords tad-data dwar it-traffiku miżmuma mill-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam finanzjarju, fis-sens tad-Direttiva "abbuż tas-suq" u tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq [61], jistgħu jitolbu mingħand dawn l-operaturi. L-evalwazzjoni tal-legalità tal-ipproċessar tar-rekords miżmuma mill-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi [62] għandha, għaldaqstant, issir fid-dawl tal-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva 2002/58, kif ukoll tal-interpretazzjoni ta' din id-direttiva mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva "abbuż tas-suq" u r-Regolament dwar l-abbuż tas-suq, moqrija flimkien mad-Direttiva 2002/58 u fid-dawl tal-Karta, jipprekludu miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, b'mod preventiv, għall-finijiet tal-ġlieda kontra

---

58 Rispettivament, il-premessi 2 u 12 tad-Direttiva "abbuż tas-suq" u l-Artikolu 1 tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq, moqri fid-dawl tal-premessi 2 u 24 tiegħu.

59 Artikolu 2(1) tad-Direttiva "abbuż tas-suq" u Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq.

60 Premessa 62 tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq.

61 Rispettivament, l-Artikolu 11 tad-Direttiva "abbuż tas-suq" u l-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq.

62 Fis-sens tal-Artikolu 12(2)(d) tad-Direttiva "abbuż tas-suq" u tal-Artikolu 23(2)(g) u (h) tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq.

r-reati ta' abbuż tas-suq, li minnhom jagħmel parti l-insider dealing, żamma temporanja, jiġifieri sena mill-jum tar-reġistrazzjoni, iżda ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku, mill-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi li qorti nazzjonali tista' tillimita *ratione temporis* l-effetti ta' dikjarazzjoni ta' invalidità li hija jkollha tagħmel, skont id-dritt nazzjonali, fir-rigward ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li, minn naħa, jobbligaw lill-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jżommu b'mod iġġeneralizzat u mingħajr distinzjoni d-data dwar it-traffiku u, min-naħa l-oħra, jippermettu l-komunikazzjoni ta' tali data lill-awtorità kompetenti fil-qasam finanzjarju, mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel ta' qorti jew ta' awtorità amministrattiva indipendenti, minħabba l-inkompatibbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet mad-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ammissibbiltà tal-provi miksuba permezz ta' tali żamma taqa', skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, taħt id-dritt nazzjonali, bla ħsara għall-osservanza b'mod partikolari tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Dan l-aħħar prinċipju jeħtieġ li l-qorti kriminali nazzjonali twarrab informazzjoni u provi li jkunu nkisbu permezz ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni jekk il-persuni kkonċernati ma jkunux f'pożizzjoni li jikkummentaw b'mod effettiv dwar dik l-informazzjoni u dwar dawk il-provi, li jkunu ġejjin minn qasam li dwaru l-imħallfin ma jkollhomx informazzjoni u li jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod sinjifikattiv l-evalwazzjoni tal-fatti.

***Sentenza tat-30 ta' April* 2024 (*Seduta Plenarja), La Quadrature du Net et(Data personali u ġlieda kontra l-kontrafazzjoni) (C-470/21,* EU:C:2024:370*)***

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Conseil d'État (France) (il-Kunsill tal-Istat, (Franza)), is-seduta plenarja tal-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat il-ġurisprudenza tagħha dwar id-Direttiva 2002/58 billi għamlet preċiżazzjonijiet dwar, minn naħa, il-kundizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom żamma ġġeneralizzata ta' indirizzi IP minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tista' ma titqiesx li tikkostitwixxi ndħil serju għad-drittijiet tar-rispett tal-ħajja privata, il-protezzjoni tad-data personali u l-libertà ta' espressjoni ggarantiti mill-Karta [63], u, min-naħa l-oħra, dwar il-possibbiltà, għal awtorità pubblika, li taċċedi għal ċertu data personali miżmuma sakemm jiġu osservati tali kundizzjonijiet, fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali mwettaq online.

F'dan il-każ, erba' assoċjazzjonijiet talbu lill-Premier ministre (il-Prim Ministru, Franza) it-tħassir tad-digriet dwar l-ipproċessar awtomatizzat tad-data personali [64]. Peress li din it-

[63] L-Artikoli 7, 8 u 11 tal-Karta.
[64] Décret n° 2010-236, du 5 mars 2010, relatif au traitement automatisé de données à caractère personnel autorisé par l'article L. 331-29 du code de la propriété intellectuelle dénommé "Système de gestion des mesures pour la protection des œuvres sur internet" (id-Digriet Nru 2010-236, tal-5 ta' Marzu 2010 dwar l-ipproċessar awtomizzat ta' data ta' natura personali awtorizzat mill-Artikolu L. 331-29 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali msejjaħ "Sistema ta' ġestjoni tal-miżuri għall-protezzjoni tax-xogħlijiet fuq l-internet") (JORF Nru 56 tas-7 ta'

talba ma ngħatatx segwitu, dawn l-assoċjazzjonijiet adixxew lill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) b'rikors intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni ta' ċaħda impliċita. Fil-fehma tagħhom, dan id-digriet kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jikkostitwixxu l-bażi legali [65] tiegħu kienu jiksru d-dritt tal-Unjoni.

Skont il-leġiżlazzjoni Franċiża, l-Haute autorité pour la diffusion des œuvres et la protection des droits sur internet (l-Awtorità Għolja għad-Distribuzzjoni tax-Xogħlijiet u għall-Protezzjoni tad-Drittijiet fuq l-Internet) (Hadopi), sabiex tkun tista' tidentifika dawk responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet relatati mwettaq online, kienet awtorizzata taċċedi għal ċertu data li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi huma kienu obbligati li jżommu. Din id-data kienet tirrigwarda l-identità ċivili ta' persuna kkonċernata li tikkorrispondi għall-indirizz IP tagħha miġbur minn qabel minn organi tad-detenturi ta' drittijiet. Ladarba jiġi identifikat id-detentur tal-indirizz IP użat għal attivitajiet li jikkawżaw tali preġudizzju, l-Hadopi kienet issegwi l-proċedura magħrufa bħala ta' "risposta gradwata". B'mod konkret, hija kienet tista' tibgħat, lil din il-persuna, żewġ rakkomandazzjonijiet li jixbhu twissijiet u, jekk l-attivitajiet kienu jippersistu, kienet tista' tibgħat ittra li tinnotifikaha li l-attivitajiet tagħha jkunu jistgħu jwasslu għal proċeduri kriminali. Fl-aħħar nett, hija kellha d-dritt li tagħmel riferiment lill-prosekutur pubbliku għat-tħarrik tal-imsemmija persuna [66].

F'dan il-kuntest, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) staqsa lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta [67].

Fl-ewwel lok, fir-rigward taż-żamma tad-data dwar l-identità ċivili u tal-indirizzi IP korrispondenti, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li kull żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP ma tikkostitwixxix neċessarjament indħil serju fid-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata, għall-protezzjoni tad-data personali kif ukoll għal-libertà ta' espressjoni ggarantiti mill-Karta.

L-obbligu li tiġi żgurata tali żamma jista' jiġi ġġustifikat mill-għan tal-ġlieda kontra r-reati kriminali b'mod ġenerali meta jkun effettivament eskluż li din iż-żamma tkun tista' toħloq indħil serju fil-ħajja privata tal-persuna kkonċernata minħabba l-possibbiltà li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi fuqha, b'mod partikolari, permezz tal-konnessjoni ta' dawn l-indirizzi IP ma' sett ta' data dwar it-traffiku jew dwar il-lokalizzazzjoni.

Għaldaqstant, Stat Membru li jkollu l-intenzjoni li jimponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tali obbligu għandu jiżgura li l-modalitajiet taż-żamma ta'

Marzu 2010, test Nru 19), kif emendat bid-décret nº 2017-924, du 6 mai 2017, relatif à la gestion des droits d'auteur et des droits voisins par un organisme de gestion de droits et modifiant le code de la propriété intellectuelle (id-Digriet Nru 2017-924, tas-6 ta' Mejju 2017 dwar il-ġestjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati minn organu ta' ġestjoni tad-drittijiet u li jemenda l-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali (JORF Nru 109 tal-10 ta' Mejju 2017, test Nru 176).

65 B'mod partikolari t-tielet sal-ħames paragrafi tal-Artikolu L. 331-21 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali.

66 Mill-1 ta' Jannar 2022, il-Hadopi ngħaqdet mal-Conseil supérieur de l'audiovisuel (CSA) (il-Kunsill Superjuri għall-Awdjoviżiv (KSA)), li huwa awtorità pubblika indipendenti oħra, u saru l-Autorité de régulation de la communication audiovisuelle et numérique (ARCOM) (l-Awtorità Regolatorja għall-Komunikazzjoni Awdjoviżiva u Diġitali (ARCOM)). Madankollu, il-proċedura ta' risposta gradwata baqgħet essenzjalment l-istess.

67 Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58.

din id-data jeskludu li jkunu jistgħu jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-modalitajiet ta' żamma għandhom, għal dan l-għan, jikkonċernaw l-istruttura stess taż-żamma li, essenzjalment, għandha tiġi organizzata b'mod li tiġi ggarantita separazzjoni effettivament stretta u sigura tal-kategoriji differenti ta' data miżmuma. Għalhekk, ir-regoli nazzjonali dwar dawn il-modalitajiet għandhom jiżguraw li kull kategorija ta' data, inkluża d-data dwar l-identità ċivili u l-indirizzi IP, tinżamm b'mod kompletament separat mill-kategoriji l-oħra ta' data miżmuma u li din is-separazzjoni tkun effettivament stretta u sigura, permezz ta' apparat informatiku sigur u affidabbli. Barra minn hekk, sa fejn dawn ir-regoli jipprevedu l-possibbiltà ta' konnessjoni tal-indirizzi IP miżmuma mal-identità ċivili tal-persuna kkonċernata għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati, dawn għandhom jippermettu tali konnessjoni biss bl-użu ta' proċess tekniku effiċjenti li ma jkunx jippreġudika l-effettività tas-separazzjoni stretta u sigura ta' dawn il-kategoriji ta' data. L-affidabbiltà ta' din is-separazzjoni stretta u sigura għandha tkun suġġetta għal kontroll regolari minn awtorità pubblika terza. Sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli tipprevedi tali rekwiżiti stretti, l-indħil li jirriżulta minn din iż-żamma tal-indirizzi IP ma jistax jiġi kklassifikat bħala "serju".

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fil-preżenza ta' dispożittiv leġiżlattiv li jiggarantixxi li ebda kombinazzjoni ta' data ma tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni li d-data tagħhom hija miżmuma, id-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix li Stat Membru jimponi obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP, għal perijodu li ma jeċċedix dak li jkun strettament neċessarju, għall-finijiet ta' għan tal-ġlieda kontra r-reati kriminali b'mod ġenerali.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-aċċess għal data dwar l-identità ċivili li tikkorrispondi għal indirizzi IP, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2002/58, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-aċċess, minn awtorità pubblika, għal din id-data miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'mod separat u effettivament strett u sigur, sempliċement sabiex din l-awtorità tkun tista' tidentifika d-detenturi ta' dawn l-indirizzi ssuspettati li jkunu responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fuq l-internet u tadotta miżuri fir-rigward tagħhom. F'tali każ, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tipprojbixxi lill-membri tal-persunal li jkollhom tali aċċess, l-ewwel nett, milli jiżvelaw taħt kwalunkwe forma informazzjoni dwar il-kontenut tal-fajls ikkonsultati minn dawn id-detenturi, ħlief sabiex jadixxu lill-prosekutur pubbliku, it-tieni nett, milli jwettqu kull traċċament tal-proċess ta' navigazzjoni ta' dawn id-detenturi u, it-tielet nett, milli jużaw dawn l-indirizzi IP għal finijiet differenti minn dak tal-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret b'mod partikolari li, minkejja li l-libertà ta' espressjoni u l-kunfidenzjalità tad-data personali jikkostitwixxu tħassib ewlieni, dawn id-drittijiet fundamentali ma humiex madankollu assoluti. Fil-fatt, skont l-ibbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi inkwistjoni, dawn għandhom xi drabi jitwarrbu fid-dawl ta'

drittijiet fundamentali oħra u rekwiżiti imperattivi ta’ interess ġenerali bħad-difiża tal-ordni u l-prevenzjoni ta’ reati kriminali jew il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta’ ħaddieħor. Dan ikun, b’mod partikolari, il-każ meta l-prevalenza mogħtija lill-imsemmi tħassib ewlieni tkun ta’ natura li tostakola l-effettività ta’ investigazzjoni kriminali, b’mod partikolari billi tirrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-identifikazzjoni effettiva tal-awtur ta’ reat kriminali u l-impożizzjoni ta’ sanzjoni fil-konfront tiegħu.

F’dan l-istess kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet ukoll għall-ġurisprudenza tagħha li fuq il-bażi tagħha, fir-rigward tal-ġlieda kontra r-reati kriminali li jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati mwettqa online, il-fatt li l-aċċess għall-indirizzi IP jista’ jikkostitwixxi l-uniku mezz ta’ investigazzjoni li jippermetti l-identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata jistabbilixxi li ż-żamma ta’ dawn l-indirizzi u l-aċċess għalihom ikunu strettament neċessarji għat-twettiq tal-għan imfittex u jissodisfaw għalhekk ir-rekwiżit ta’ proporzjonalità. Ir-rifjut tal-għoti ta’ tali aċċess jagħti lok, ukoll, għal riskju reali ta’ impunità sistemika ta’ reati kriminali mwettqa online jew li t-twettiq jew il-preparazzjoni tagħhom tiġi ffaċilitata mill-karatteristiċi stess tal-internet. Issa, l-eżistenza ta’ tali riskju tikkostitwixxi ċirkustanza rilevanti sabiex jiġi evalwat, fil-kuntest ta’ bbilanċjar tad-diversi drittijiet u interessi preżenti, jekk indħil fid-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata, għall-protezzjoni tad-data personali kif ukoll għal-libertà ta’ espressjoni jikkostitwixxix miżura proporzjonata fid-dawl tal-għan tal-ġlieda kontra r-reati kriminali.

Fit-tielet lok, meta tat deċiżjoni dwar jekk l-aċċess tal-awtorità pubblika għal data dwar l-identità ċivili li tikkorrispondi għal indirizz IP għandux ikun suġġett għal stħarriġ minn qabel minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-rekwiżit ta’ tali stħarriġ huwa meħtieġ meta, fil-kuntest ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali, dan l-aċċess ikun jinvolvi r-riskju ta’ ndħil serju fid-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata fis-sens li jista’ jippermetti lil din l-awtorità pubblika tislet konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata ta’ din il-persuna u, possibbilment, tistabbilixxi l-profil iddettaljat tagħha. Għall-kuntrarju, dan ir-rekwiżit ta’ stħarriġ minn qabel ma huwiex intiż li japplika meta l-indħil fid-drittijiet fundamentali ma jkunx jista’ jiġi kklassifikat bħala serju.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-każ fejn tiġi stabbilita sistema ta’ żamma li tiggarantixxi separazzjoni effettivament stretta u sigura tal-kategoriji differenti ta’ data miżmuma, l-aċċess tal-awtorità pubblika għad-data relatata mal-identità ċivili li tikkorrispondi mal-indirizzi IP ma jkunx, bħala prinċipju, suġġett għar-rekwiżit ta’ stħarriġ minn qabel. Fil-fatt, tali aċċess sabiex jiġi identifikat id-detentur ta’ indirizz IP ma jikkostitwixxix, bħala regola ġenerali, indħil serju fid-drittijiet imsemmija iktar ’il fuq.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx li, f’sitwazzjonijiet atipiċi, jeżisti riskju li, fil-kuntest ta’ proċedura bħall-proċedura ta’ risposta gradwata inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-awtorità pubblika tkun tista’ tislet konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuna kkonċernata, b’mod partikolari meta din il-persuna twettaq attivitajiet li jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati, fuq networks peer-to-peer, b’mod ripetut, jew saħansitra fuq skala kbira, b’rabta ma’ xogħlijiet protetti ta’ tipi

partikolari, li jiżvelaw informazzjoni, possibbilment sensittiva, dwar il-ħajja privata tal-imsemmija persuna.

F'dan il-każ, detentur ta' indirizz IP jista' jkun partikolarment espost għal tali riskju meta l-awtorità pubblika tintalab tiddeċiedi jekk tadixxix jew le lill-prosekutur pubbliku għall-prosekuzzjoni tiegħu. Fil-fatt, l-intensità tal-ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tista' tikber tul l-iżvolġiment tal-proċedura ta' risposta gradwata, li topera fuq il-bażi ta' proċess sekwenzjali, fl-istadji differenti li din tkun komposta minnhom. L-aċċess tal-awtorità kompetenti għad-data kollha dwar il-persuna kkonċernata u akkumulata tul id-diversi stadji ta' din il-proċedura jista' jippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja tagħha. Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tipprevedi stħarriġ minn qabel li għandu jitwettaq qabel l-awtorità pubblika ma tkun tista' tagħmel konnessjoni bejn id-data ta' identità ċivili u tali sett ta' data, u qabel l-eventwali trażmissjoni tal-ittra ta' notifika li tikkonstata li din il-persuna tkun wettqet fatti li jistgħu jikkostitwixxu reati kriminali. Dan l-istħarriġ għandu, barra minn hekk, jippreżerva l-effettività tal-proċedura ta' risposta gradwata billi jippermetti b'mod partikolari li jiġu identifikati l-każijiet ta' twettiq mill-ġdid possibbli tal-aġir li jikkostitwixxi reat inkwistjoni. Għal dan l-għan, din il-proċedura għandha tiġi organizzata u strutturata b'mod li d-data tal-identità ċivili ta' persuna li tikkorrispondi għal indirizzi IP miġbura minn qabel mill-internet ma tkunx awtomatikament tista' tintrabat, mill-persuni inkarigati mill-eżami tal-fatti fi ħdan l-awtorità pubblika kompetenti, ma' elementi li din tal-aħħar ikollha diġà għad-dispożizzjoni tagħha u li jistgħu jippermettu li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata ta' din il-persuna.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-għan tal-istħarriġ minn qabel, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fil-każijiet fejn il-persuna kkonċernata tkun issuspettata li wettqet reat li jaqa' taħt ir-reati kriminali b'mod ġenerali, il-qorti jew l-entità amministrattiva indipendenti inkarigata minn dan l-istħarriġ għandha tirrifjuta l-aċċess meta dan tal-aħħar ikun jippermetti lill-awtorità pubblika, tislet konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-imsemmija persuna. B'kuntrast ma' dan, anki aċċess li jippermetti li jinsiltu tali konklużjonijiet preċiżi għandu jiġi awtorizzat fil-każijiet fejn il-persuna kkonċernata tkun issuspettata li wettqet reati meqjusa mill-Istat Membru kkonċernat bħala li jippreġudikaw interess fundamentali tas-soċjetà u li għalhekk jaqgħu taħt forom ta' kriminalità serja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li stħarriġ minn qabel fl-ebda każ ma jista' jkun kompletament awtomatizzat peress li, fir-rigward ta' investigazzjoni kriminali, tali stħarriġ jeżiġi l-ibbilanċjar, minn naħa, tal-interessi leġittimi marbuta mal-ġlieda kontra l-kriminalità u, min-naħa l-oħra, tar-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni tad-data personali. Dan l-ibbilanċjar jeħtieġ l-intervent ta' persuna fiżika, li huwa iktar u iktar neċessarju peress li l-awtomatiċità u l-iskala kbira tal-ipproċessar tad-data inkwistjoni joħolqu riskji għall-ħajja privata.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-possibbiltà, għall-persuni inkarigati mill-eżami tal-fatti fi ħdan l-awtorità pubblika, li jagħmlu konnessjoni tad-data dwar l-identità

ċivili ta' persuna li tikkorrispondi għal indirizz IP mal-fajls li jinkludu elementi li jippermettu li jsir magħruf it-titolu ta' xogħlijiet protetti li t-tqegħid tiegħu għad-dispożizzjoni fuq l-internet iġġustifika l-ġbir tal-indirizzi IP minn organi tad-detenturi ta' drittijiet għandha tkun suġġetta, f'każijiet ta' twettiq mill-ġdid ta' attività li tippreġudika d-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet relatati mill-istess persuna, għal stħarriġ minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti. Dan l-istħarriġ ma jistax ikun kompletament awtomatizzat u għandu jsir qabel tali konnessjoni, li tista' f'tali każijiet tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-imsemmija persuna li l-indirizz IP tagħha jkun intuża għal attivitajiet li jistgħu jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati.

Fir-raba' u fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li s-sistema ta' pproċessar ta' data użata mill-awtorità pubblika kellha tkun suġġetta, f'intervalli regolari, għal kontroll minn organu indipendenti u li għandu l-kwalità ta' terz fir-rigward ta' din l-awtorità pubblika. Dan il-kontroll għandu l-għan li jivverifika l-integrità tas-sistema, inklużi l-garanziji effettivi kontra r-riskji ta' aċċess u ta' użu abbużiv jew illegali ta' din id-data, kif ukoll l-effikaċja u l-affidabbiltà tagħha sabiex jiġu identifikati eventwali nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, f'dan il-każ, l-ipproċessar awtomatizzat tad-data personali mwettaq mill-awtorità pubblika abbażi tal-informazzjoni dwar il-kontrafazzjonijiet ikkonstatati mill-organi tad-detenturi ta' drittijiet seta' jinvolvi ċertu numru ta' każijiet pożittivi foloz u fuq kollox ir-riskju li numru ta' data potenzjalment għoli ħafna jiġi ddevjat minn terzi għal finijiet abbużivi jew illegali, fatt li jispjega n-neċessità ta' tali kontroll. Barra minn hekk, hija żiedet li dan l-ipproċessar kellu josserva r-regoli speċifiċi ta' protezzjoni ta' data personali previsti fid-Direttiva 2016/680. Fil-fatt, f'dan lil-każ, għalkemm l-awtorità pubblika ma għandhiex setgħat deċiżjonali tagħha stess fil-kuntest tal-proċedura magħrufa bħala ta' "risposta gradwata", hija għandha tiġi kklassifikata bħala "awtorità pubblika" involuta fil-prevenzjoni u fl-identifikazzjoni tar-reati kriminali, u taqa' għalhekk fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Għalhekk, il-persuni involuti f'tali proċedura għandhom jibbenefikaw minn numru ta' garanziji sostantivi u proċedurali previsti mid-Direttiva 2016/680, li kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tivverifika li dawn ikunu previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

## 2. Ipproċessar ta' data personali f'materji kriminali

***Sentenza tat-12 ta' Mejju 2021 (Awla Manja), Bundesrepublik Deutschland (Avviż aħmar ta' Interpol) (C-505/19, EU:C:2021:376)***

Fl-2012, l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' Pulizija Kriminali (iktar 'il quddiem "Interpol") ippubblikat, fuq talba tal-Istati Uniti u abbażi ta' mandat ta' arrest maħruġ mill-awtoritajiet ta' dan il-pajjiż, avviż aħmar li kien jikkonċerna lil WS, ċittadin Ġermaniż, fid-

dawl tal-eventwali estradizzjoni tiegħu. Meta persuna li tkun is-suġġett ta’ tali avviż tiġi llokalizzata fi Stat Membru ta’ Interpol, dan għandu, bħala prinċipju, jipproċedi għall-arrest provviżorju tagħha jew jissorvelja jew jirrestrinġi l-movimenti tagħha.

Madankollu, anki qabel il-pubblikazzjoni ta’ dan l-avviż aħmar, proċedura ta’ investigazzjoni li kienet tirrigwarda, skont il-qorti tar-rinviju, l-istess fatti bħal dawk li minnhom oriġina dan l-avviż kienet inbdiet kontra WS fil-Ġermanja. Din il-proċedura ngħalqet definittivament fl-2010, wara l-ħlas ta’ somma flus minn WS, u dan konformement ma’ proċedura speċifika ta’ tranżazzjoni prevista fid-dritt kriminali Ġermaniż. Sussegwentement, il-Bundeskriminalamt (l-Uffiċċju Federali tal-Pulizija Kriminali, il-Ġermanja) informa lil Interpol li huwa kien iqis li, minħabba din il-proċedura preċedenti, il-prinċipju ta’ *ne bis in idem* kien applikabbli f’dan il-każ. Dan il-prinċipju, sanċit kemm fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta’ Schengen [68] kif ukoll fl-Artikolu 50 tal-Karta, jipprojbixxi b’mod partikolari li persuna li tkun diġà ġiet ikkundannata b’mod finali tiġi pproċessata mill-ġdid għall-istess reat.

Fl-2017, WS ippreżenta rikors kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja quddiem il-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta’ Wiesbaden, il-Ġermanja), sabiex tiġi ordnata tieħu l-miżuri neċessarji għall-irtirar ta’ dan l-avviż aħmar. F’dan ir-rigward, WS invoka, minbarra ksur tal-prinċipju ta’ *ne bis in idem*, ksur tad-dritt tiegħu għall-moviment liberu, iggarantit mill-Artikolu 21 TFUE, sa fejn huwa ma setax imur fi Stat li huwa parti mill-Ftehim ta’ Schengen jew fi Stat Membru mingħajr riskju li jiġi arrestat. Huwa qies ukoll li, minħabba dan il-ksur, l-ipproċessar tad-data personali tiegħu, li kienet tinsab fl-avviż aħmar, kien imur kontra d-Direttiva 2016/680, dwar il-protezzjoni tad-data personali f’materji kriminali [69].

Huwa f’dan il-kuntest li l-Qorti Amministrattiva ta’ Wiesbaden iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ *ne bis in idem* u, b’mod iktar preċiż, dwar il-possibbiltà li jsir l-arrest provviżorju ta’ persuna li tkun is-suġġett ta’ avviż aħmar f’sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni. Barra minn hekk, fil-każ tal-applikabbiltà ta’ dan il-prinċipju, din il-qorti fittxet li ssir taf liema huma l-konsegwenzi fuq l-ipproċessar, mill-Istati Membri, ta’ data personali li tinsab f’tali avviż.

Fis-sentenza tagħha mogħtija mill-Awla Manja, Il-Qorti tal-Ġustizzja, *inter alia,* iddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2016/680, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 54 tal-KFS u tal-Artikolu 50 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-ipproċessar ta’ data personali li tinsab f’avviż aħmar maħruġ minn Interpol, sakemm ma jkunx ġie stabbilit, permezz ta’ tali deċiżjoni ġudizzjarja, li l-prinċipju ta’ *ne bis in idem* japplika fir-

[68] Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen tal-14 ta’ Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta’ l-Istati ta’ l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta’ kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9) (iktar ’il quddiem il-“KFS”).

[69] Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta’ pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

rigward tal-fatti li fuqhom dan l-avviż huwa bbażat, sa fejn tali pproċessar jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti minn din id-direttiva.

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar id-data personali li tinsab f'avviż aħmar ta' Interpol, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li kull operazzjoni applikata għal din id-data, bħar-reġistrazzjoni tagħha fil-fajls tad-data ta' Stat Membru, tikkostitwixxi "ipproċessar" li jaqa' taħt id-Direttiva 2016/680 [70]. Minbarra dan, hija qieset, minn naħa, li dan l-ipproċessar kien isegwi skop leġittimu u, min-naħa l-oħra, li ma setax jitqies li kien illegali unikament minħabba li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* seta' japplika għall-fatti li fuqhom l-avviż aħmar kien ibbażat [71]. Dan l-ipproċessar, mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, seta' barra minn hekk jirriżulta indispensabbli, preċiżament sabiex jiġi vverifikat jekk l-imsemmi prinċipju japplikax.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, ukoll, li d-Direttiva 2016/680, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 54 tal-KFS u tal-Artikolu 50 tal-Karta, ma tipprekludix l-ipproċessar ta' data personali li tinsab f'avviż aħmar, sakemm deċiżjoni ġudizzjarja definittiva ma tkunx stabbilixxiet li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* japplika f'dan il-każ. Madankollu, tali pproċessar għandu josserva l-kundizzjonijiet previsti minn din id-direttiva. F'din il-perspettiva, dan għandu b'mod partikolari jkun neċessarju għall-eżekuzzjoni ta' missjoni, imwettqa minn awtorità nazzjonali kompetenti, għal finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali [72].

Għall-kuntrarju, meta l-prinċipju ta' *ne bis in idem* japplika, ir-reġistrazzjoni, fil-fajls tad-data tal-Istati Membri, ta' data personali li tinsab f'avviż aħmar ta' Interpol ma tkunx iktar neċessarja, peress li s-suġġett ta-data ma jistax ikun iktar is-suġġett ta' proċeduri kriminali għall-fatti koperti mill-imsemmi avviż u, b'konsegwenza, jiġi arrestat għal dawn l-istess fatti. Isegwi li s-suġġett tad-data għandu jkun jista' jitlob it-tħassir tad-data tiegħu. Jekk madankollu din ir-reġistrazzjoni tinżamm, din għandha jkollha l-indikazzjoni li s-suġġett tad-data ma jkunx jista' jiġi iktar ipproċessat fi Stat Membru jew fi Stat kontraenti għall-istess fatti, minħabba l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

***Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2022 (Awla Manja), Ligue des droits humains (C-817/19, [EU:C:2022:491](EU:C:2022:491))***

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsima I.1., intitolata "Konformità tad-dritt sekondarju tal-Unjoni mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali"), wara li kkonstatat il-validità tad-Direttiva PNR, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet preċiżazzjonijiet dwar l-interpretazzjoni ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha [73].

[70] Ara l-Artikolu 2(1) u l-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2016/680.
[71] Ara l-Artikolu 4(1)(b) u l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/680.
[72] Ara l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/680.
[73] B'mod partikolari, l-Artikolu 2 ("Applikazzjoni [tad-]Direttiva għal titjiriet ġewwa l-UE"), l-Artikolu 6 ("Ipproċessar tad-data tal-PNR"), u l-Artikolu 12 ("Perijodu ta' żamma tad-data u depersonalizzazzjoni"), tad-Direttiva PNR.

L-ewwel nett, hija rrilevat li d-Direttiva telenka l-għanijiet imfittxija mill-ipproċessar tad-data PNR b'mod eżawrjenti. Għaldaqstant, din id-direttiva tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza l-ipproċessar tad-data PNR għal finijiet oħra minbarra l-ġlieda kontra r-reati terroristiċi u l-forom serji ta' kriminalità. Għalhekk, leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti barra minn hekk, bħala għan tal-ipproċessar tad-data PNR, is-segwitu tal-attivitajiet previsti mis-servizzi tal-intelliġenza u tas-sigurtà tista' tmur kontra n-natura eżawrjenti ta' dan il-lista. Bl-istess mod, is-sistema stabbilita mid-Direttiva PNR ma tistax tkun prevista għall-finijiet tat-titjib tal-kontrolli fil-fruntieri u tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni klandestina. Minn dan isegwi wkoll li d-data PNR ma tistax tinżamm f'database unika li tkun tista' tiġi kkonsultata sabiex jiġu segwiti kemm l-iskopijiet tad-Direttiva PNR kif ukoll skopijiet oħra.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat il-kunċett ta' awtorità nazzjonali indipendenti, kompetenti sabiex tivverifika jekk il-kundizzjonijiet ta' komunikazzjoni tad-data PNR, għall-finijiet tal-evalwazzjoni sussegwenti tagħha, jiġux issodisfatti u sabiex tapprova tali komunikazzjoni. B'mod partikolari, l-awtorità stabbilita bħala UIP ma tistax tiġi kklassifikata bħala tali peress li hija ma għandhiex il-kwalità ta' terz fir-rigward tal-awtorità li titlob l-aċċess għad-data. Fil-fatt, peress li l-membri tal-persunal tagħha jistgħu jkunu membri tal-persunal ikkollokati mill-awtoritajiet awtorizzati sabiex jitolbu tali aċċess, jidher li l-UIP hija neċessarjament marbuta ma' dawn l-awtoritajiet. Għalhekk, id-Direttiva PNR tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-awtorità stabbilita bħala UIP ikollha wkoll il-kwalità ta' awtorità nazzjonali kompetenti, awtorizzata sabiex tapprova l-komunikazzjoni tad-data PNR mal-iskadenza tas-sitt xhur wara t-trasferiment ta' din id-data lill-UIP.

It-tielet nett, fir-rigward tal-perijodu ta' żamma tad-data PNR, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 12 tad-Direttiva PNR, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 u kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi perijodu ġenerali ta' żamma ta' din id-data ta' ħames snin, applikabbli għall-passiġġieri tal-ajru kollha mingħajr distinzjoni.

Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, wara l-iskadenza tal-perijodu ta' żamma inizjali ta' sitt xhur, ma jidhirx li ż-żamma tad-data PNR hija limitata għal dak li huwa strettament neċessarju f'dak li jirrigwarda l-passiġġieri tal-ajru li fir-rigward tagħhom la l-evalwazzjoni minn qabel, la l-eventwali verifiki mwettqa matul il-perijodu ta' żamma inizjali ta' sitt xhur, u lanqas ebda ċirkustanza oħra ma rrivelaw l-eżistenza ta' elementi oġġettivi, bħall-fatt li d-data PNR tal-passiġġieri kkonċernati tat lok għal konkordanza pożittiva vverifikata fil-kuntest tal-evalwazzjoni preliminari, ta' natura li jistabbilixxu riskju fil-qasam tar-reati terroristiċi jew ta' forom serji ta' kriminalità li għandhom rabta oġġettiva, tal-inqas indiretta, mal-vjaġġ tal-ajru ta' dawn il-passiġġieri. B'kuntrast ma' dan, hija qieset li, matul il-perijodu inizjali ta' sitt xhur, iż-żamma tad-data PNR tal-passiġġieri kollha tal-ajru suġġetti għas-sistema stabbilita minn din id-direttiva ma kinitx tidher, bħala prinċipju, li taqbeż il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju.

Ir-raba' nett, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet indikazzjonijiet dwar applikazzjoni eventwali tad-Direttiva PNR, għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati terroristiċi u l-forom serji ta' kriminalità, għal mezzi oħra ta' trasport li jġorru passiġġieri fl-Unjoni. Issa, id-Direttiva, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 3(2) TUE, tal-Artikolu 67(2) TFUE u tal-Artikolu 45 tal-Karta, tipprekludi sistema ta' trasferiment u ta' pproċessar tad-data PNR tat-trasport kollu mwettaq b'mezzi oħra fi ħdan l-Unjoni fl-assenza ta' theddida terroristika reali u attwali jew prevedibbli li l-Istat Membru kkonċernat jaffaċċja. F'sitwazzjoni bħal din, bħal fil-każ tat-titjiriet intra-UE, l-applikazzjoni tas-sistema stabbilita mid-Direttiva PNR għandha tkun limitata għad-data PNR tat-trasport relatata b'mod partikolari ma' ċerti rotot jew ma' skemi tal-ivvjaġġar jew ma' ċerti stazzjonijiet jew ċerti portijiet marittimi li għalihom ikun hemm indikazzjonijiet ta' natura li jiġġustifikaw din l-applikazzjoni. Huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu jagħżel it-trasporti li għalihom tali indikazzjonijiet jeżistu u li jeżamina mill-ġdid regolarment din l-applikazzjoni abbażi tal-evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet li ġġustifikaw l-għażla tagħhom.

## IV. Trasferiment ta' data personali lejn pajjiżi terzi

***Sentenza tas-6 ta' Novembru 2003 (Awla Manja), Lindqvist (C-101/01, EU:C:2003:596)***

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsima II.3., intitolata "Kunċett ta' 'ipproċessar ta' data personali'"), il-qorti tar-rinviju xtaqet tkun taf, b'mod partikolari, jekk B. Lindqvist kinitx wettqet trasferiment ta' data lejn pajjiż terz fis-sens tal-imsemmija direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma jkunx hemm "trasferiment ta' data lejn pajjiż terz", fis-sens tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46, meta persuna li tkun tinsab fi Stat Membru tniżżel data personali fuq paġna internet, maħżuna minn persuna fiżika jew ġuridika li tospita s-sit internet fejn tkun tista' tiġi kkonsultata l-paġna u li tkun stabbilita f'dan l-istess Stat jew fi Stat Membru ieħor, b'tali mod li b'hekk tagħmel din id-data aċċessibbli għal kull persuna b'konnessjoni mal-internet, inklużi persuni li jinsabu f'pajjiżi terzi.

Fil-fatt, fid-dawl, minn naħa, tal-istat tal-iżvilupp tal-internet fiż-żmien meta kienet ġiet redatta d-Direttiva 95/46 u, min-naħa l-oħra, tal-assenza ta' kriterji applikabbli għall-użu tal-internet fil-Kapitolu IV tagħha, li jinkludi l-imsemmi Artikolu 25, intiż li jiġi żgurat kontroll mill-Istati Membri tat-trasferimenti ta' data personali lejn pajjiżi terzi u li jiġu pprojbiti dawn it-trasferimenti meta dawn ma joffrux livell adegwat ta' protezzjoni, ma jistax jiġi preżunt li l-leġiżlatur Komunitarju kellu l-intenzjoni li jinkludi, b'mod prospettiv, fil-kunċett ta' "trasferiment ta' data lejn pajjiż terz" tali inklużjoni ta' data fuq paġna internet, anki jekk din id-data tkun b'hekk magħmula aċċessibbli għall-persuni ta' pajjiżi terzi li jkollhom il-mezzi tekniċi sabiex ikollhom aċċess għaliha.

***Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015 (Awla Manja), Schrems (C-362/14, EU:C:2015:650)***

M. Schrems, ċittadin Awstrijak u utent tan-network soċjali Facebook, kien ressaq ilment quddiem id-Data Protection Commissioner (il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data, l-Irlanda), għar-raġuni li Facebook Ireland kienet tittrasferixxi lejn l-Istati Uniti d-data personali tal-utenti tagħha u kienet iżżomm din id-data fuq servers li jinsabu f'dan il-pajjiż, fejn kienet tiġi pproċessata. Fil-fehma ta' M. Schrems, id-dritt u l-prattiki tal-Istati Uniti ma kinux joffru protezzjoni suffiċjenti kontra s-sorveljanza, mill-awtoritajiet pubbliċi, tad-data ttrasferita lejn dan il-pajjiż. Id-Data Protection Commissioner kien irrifjuta li jinvestiga dan l-ilment, b'mod partikolari għaliex fid-Deċiżjoni 2000/520/KE [74], il-Kummissjoni kienet qieset li, fil-kuntest tal-iskema msejħa ta' "port salv" (bl-Ingliż "safe harbour") [75], l-Istati Uniti kienu jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni għad-data personali ttrasferita.

Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita mill-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) b'talba għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46, li jipprovdi li l-Kummissjoni tista' tikkonstata li pajjiż terz jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-data ttrasferita, kif ukoll, essenzjalment, b'talba intiża li tiġi stabbilita l-validità tad-Deċiżjoni 2000/520 adottata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-imsemmi Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni invalida fl-intier tagħha, billi enfasizzat, l-ewwel nett, li l-adozzjoni tagħha kienet tirrikjedi konstatazzjoni debitament motivata mill-Kummissjoni li l-pajjiż terz ikkonċernat jiżgura effettivament livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali sostanzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Issa, sa fejn il-Kummissjoni, fid-Deċiżjoni 2000/520 tagħha, ma stabbilixxietx dan, l-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni jikser ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46, moqri fid-dawl tal-Karta, u għalhekk huwa invalidu. Fil-fatt, il-prinċipji ta' "port salv" japplikaw biss għall-organizzazzjonijiet Amerikani awto ċertifikati li jirċievu data personali mill-Unjoni, mingħajr ma huwa meħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi Amerikani jkunu suġġetti għall-osservanza tal-imsemmija prinċipji. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2000/520 tippermetti ndħil fid-drittijiet fundamentali tal-persuni li d-data personali tagħhom tkun ġiet jew tkun tista' tiġi ttrasferita mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti, mingħajr ma tinkludi konstatazzjoni dwar l-eżistenza, fl-Istati Uniti, ta' regoli ta' natura Statali intiżi li jillimitaw l-eventwali ndħil f'dawn id-drittijiet u mingħajr ma tistabbilixxi l-eżistenza ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva kontra ndħil ta' din in-natura.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2000/520 invalidu sa fejn dan iċaħħad lill-awtoritajiet nazzjonali superviżorji mis-setgħat tagħhom li jirriżultaw mill-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46, fil-każ fejn persuna tqajjem elementi li

---

[74] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/520/KE tas-26 ta' Lulju 2000 skond id-Direttiva 95/46/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-prinċipji ta' privatezza ta' port salv u li tirrigwarda mistoqsijiet li jsiru ta' spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 16, Vol. 1, p. 119).

[75] L-iskema ta' port salv tinkludi sensiela ta' prinċipji relatati mal-protezzjoni tad-data personali li għalihom l-impriżi Amerikani jistgħu jaderixxu volontarjament.

jistgħu jqiegħdu fid-dubju l-kompatibbiltà mal-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkun ikkonstatat li pajjiż terz jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-invalidità tal-Artikoli 1 u 3 tad-Deċiżjoni 2000/520 kienet taffettwa l-validità ta' din id-deċiżjoni kollha kemm hi.

Fir-rigward tal-impossibbiltà li tali ndħil jiġi ġġustifikat, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tinvolvi ndħil fid-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta għandha tipprevedi regoli ċari u preċiżi li jirregolaw il-portata u l-applikazzjoni ta' miżura u li jimponu minimu ta' rekwiżiti, b'tali mod li l-persuni li d-data personali tagħhom tkun ikkonċernata jkollhom garanziji suffiċjenti li jippermettu li tiġi protetta b'mod effikaċi d-data personali tagħhom kontra r-riskji ta' abbuż kif ukoll kontra kull aċċess u kull użu illegali ta' din id-data. In-neċessità li wieħed ikollu tali garanziji tkun ferm iżjed importanti meta d-data personali tkun suġġetta għal ipproċessar awtomatiku u meta jeżisti riskju kbir ta' aċċess illegali għal din id-data.

Barra minn hekk u fuq kollox, il-protezzjoni tad-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata fil-livell tal-Unjoni teżiġi li d-derogi għall-protezzjoni tad-data personali u l-limitazzjonijiet tagħha għandhom isiru fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju. Għaldaqstant, ma tkunx limitata għal dak li huwa strettament neċessarju leġiżlazzjoni li tawtorizza b'mod ġeneralizzat iż-żamma tad-data personali sħiħa tal-persuni kollha li d-data tagħhom tkun ġiet ittrasferita mill-Unjoni mingħajr ma ssir ebda distinzjoni, limitazzjoni jew eċċezzjoni skont l-għan imfittex u mingħajr ma jiġi previst kriterju oġġettiv li jippermetti li jiġu stabbiliti l-limiti tal-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-data u tal-użu ulterjuri tagħha għal għanijiet speċifiċi, strettament limitati u li jistgħu jiġġustifikaw l-indħil li jirriżulta kemm mill-aċċess kif ukoll mill-użu ta' din id-data. B'mod partikolari, leġiżlazzjoni li tippermetti li l-awtoritajiet pubbliċi jkollhom aċċess, b'mod ġeneralizzat, għall-kontenut tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tikkawża preġudizzju għall-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata. Bl-istess mod, leġiżlazzjoni li ma tipprevedi ebda possibbiltà li individwu jeżerċita rimedji legali sabiex ikollu aċċess għal data personali li tikkonċernah, jew sabiex ikun jista' jirrettifika jew iħassar tali data, ma tosservax il-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta.

***Opinjoni 1/15 (Ftehim PNR UE-Kanada) tas-26 ta' Lulju 2017 (Awla Manja) (EU:C:2017:592)***

Fis-26 ta' Lulju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni għall-ewwel darba dwar il-kompatibbiltà ta' abbozz ta' ftehim internazzjonali mal-Karta, u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet dwar ir-rispett tal-ħajja privata kif ukoll dwar il-protezzjoni ta' data personali.

L-Unjoni u l-Kanada nnegozjaw ftehim dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (Ftehim PNR) li ġie ffirmat fl-2014. Billi l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea talab lill-Parlament Ewropew japprovah, dan tal-aħħar iddeċieda li

jressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-kwistjoni ta’ jekk il-ftehim propost kienx konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Il-ftehim propost kien jippermetti t-trasferiment sistematiku u kontinwu tad-data PNR tal-passiġġieri tal-ajru kollha lil awtorità Kanadiża bil-għan li tintuża u li tinżamm, kif ukoll bil-għan li sussegwentement tiġi eventwalment ittrasferita lil awtoritajiet oħra u lil pajjiżi terzi oħra, għall-finijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra forom serji ta’ kriminalità transnazzjonali. Għal dan il-għan, il-ftehim propost kien jipprevedi, fost oħrajn, perijodu ta’ ħażna tad-data ta’ ħames snin u kien jimponi rekwiżiti speċifiċi ta’ sigurtà u ta’ integrità tal-PNR, bħas-satra immedjata ta’ data sensittiva, filwaqt li kien jipprevedi wkoll drittijiet ta’ aċċess għad-data, ta’ rettifika u ta’ tħassir u l-possibbiltà ta’ rimedji amministrattivi jew ġudizzjarji.

Id-data PNR koperta mill-ftehim propost kienet tinkludi, b’mod partikolari, minbarra l-isem u d-dettalji tal-passiġġier jew tal-passiġġieri tal-ajru, informazzjoni neċessarja għall-prenotazzjoni, bħad-dati previsti tal-vjaġġ u l-itinerarju tal-vjaġġ, informazzjoni dwar il-biljetti, il-gruppi ta’ persuni rreġistrati taħt l-istess numru ta’ prenotazzjoni, informazzjoni dwar il-mezzi ta’ ħlas jew il-ħruġ tal-fattura, informazzjoni dwar il-bagalji kif ukoll rimarki ġenerali dwar il-passiġġieri.

Fl-opinjoni li tat, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-ftehim PNR ma setax jiġi konkluż fil-forma attwali tiegħu minħabba l-inkompatibbiltà ta’ diversi dispożizzjonijiet tiegħu mad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fl-ewwel lok, li kemm it-trasferiment tad-data PNR mill-Unjoni lejn l-awtorità Kanadiża kompetenti kif ukoll il-qafas ta’ regoli nnegozjat mill-Unjoni mal-Kanada fir-rigward taż-żamma ta’ din id-data, tal-użu tagħha u tal-eventwali trasferimenti sussegwenti tagħha lil awtoritajiet Kanadiżi oħra, lill-Europol, lill-Eurojust, lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew tal-pulizija tal-Istati Membri jew lil awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi oħra, kienu jikkostitwixxu ndħil fid-dritt iggarantit mill-Artikolu 7 tal-Karta. Dawn l-operazzjonijiet kienu jikkostitwixxu wkoll indħil fid-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali ggarantit mill-Artikolu 8 tal-Karta, peress li jikkostitwixxu pproċessar ta’ data personali.

Barra minn hekk, hija enfasizzat li anki jekk ċerta data PNR, meħuda waħedha, ma kinitx tidher li tista’ tiżvela informazzjoni importanti dwar il-ħajja privata tas-suġġetti tad-data, kien jibqa’ l-fatt li, meħuda kumplessivament, l-imsemmija data setgħet, *inter alia*, tiżvela itinerarju ta’ vjaġġ sħiħ, drawwiet ta’ vvjaġġar, relazzjonijiet eżistenti bejn żewġ persuni jew iktar kif ukoll informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-passiġġieri tal-ajru, id-drawwiet tal-ikel tagħhom jew l-istat ta’ saħħa tagħhom, u setgħet wkoll tipprovdi informazzjoni sensittiva dwar dawn il-passiġġieri, kif iddefinita fl-Artikolu 2(e) tal-ftehim propost (informazzjoni li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż, eċċ.).

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, għalkemm l-indħil inkwistjoni seta’ kien iġġustifikat minn għan ta’ interess ġenerali (garanzija tas-sigurtà pubblika fil-kuntest tal-

ġlieda kontra reati terroristiċi u l-kriminalità transnazzjonali serja), diversi dispożizzjonijiet tal-ftehim ma kinux limitati għal dak li kien strettament neċessarju u ma kinux jipprevedu regoli ċari u preċiżi.

B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fid-dawl tar-riskju ta' pproċessar li jmur kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, trasferiment ta' data sensittiva lejn il-Kanada kien jeħtieġ ġustifikazzjoni preċiża u partikolarment solida, ibbażata fuq motivi differenti mill-protezzjoni tas-sigurtà pubblika kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja. Issa, f'dan il-każ, tali ġustifikazzjoni kienet nieqsa. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar it-trasferiment ta' data sensittiva lejn il-Kanada kif ukoll dwar l-ipproċessar u ż-żamma ta' din id-data kienu inkompatibbli mad-drittijiet fundamentali.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li wara t-tluq tal-passiġġieri tal-ajru mill-Kanada, il-ħażna kontinwa tad-data PNR tal-passiġġieri tal-ajru kollha li hija permessa mill-ftehim propost ma kinitx limitata għal dak li huwa strettament neċessarju. Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda l-passiġġieri tal-ajru li fir-rigward tagħhom ma jkunx ġie identifikat riskju relatat mat-terroriżmu jew mal-kriminalità transnazzjonali serja mal-wasla tagħhom fil-Kanada u sat-tluq tagħhom minn dan il-pajjiż, ma kienx jidher, ladarba jkunu telqu, li kienet teżisti rabta, imqar waħda indiretta, bejn id-data PNR tagħhom u l-għan li l-ftehim propost kien ifittex li jilħaq, li kienet tiġġustifika ż-żamma ta' din id-data. Għall-kuntrarju, ħażna tad-data PNR tal-passiġġieri tal-ajru li fir-rigward tagħhom jkunu ġew identifikati elementi oġġettivi li jippermettu li jitqies li huma jistgħu, anki wara t-tluq tagħhom mill-Kanada, jippreżentaw riskju f'termini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja hija ammissibbli lil hinn mis-soġġorn tagħhom f'dan il-pajjiż, anki għal perijodu ta' ħames snin.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata, stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta, jimplika li s-suġġett tad-data għandu jkun jista' jiżgura ruħu li d-data personali tiegħu tiġi pproċessata b'mod korrett u leġittimu. Sabiex ikun jista' jwettaq il-verifiki neċessarji, dan is-suġġett tad-data għandu jkollu dritt ta' aċċess għad-data li tikkonċernah u li tkun suġġetta għal ipproċessar.

F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li, fil-ftehim propost, il-passiġġieri tal-ajru kellhom jiġu informati bit-trasferiment tad-data PNR tagħhom lejn il-pajjiż terz ikkonċernat u bl-użu ta' din id-data hekk kif din il-komunikazzjoni ma tkunx għadha tista' tikkomprometti l-investigazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi msemmija fil-ftehim propost. Fil-fatt, tali informazzjoni hija effettivament neċessarja sabiex tippermetti lill-passiġġieri tal-ajru jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li jitolbu aċċess għad-data li tikkonċernahom u, jekk ikun il-każ, li jitolbu r-rettifika tagħha kif ukoll id-dritt tagħhom, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, għal rimedju effettiv quddiem qorti.

Għaldaqstant, fis-sitwazzjonijiet li fihom ikun hemm elementi oġġettivi li jiġġustifikaw l-użu tad-data PNR għall-finijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja u li jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel ta' awtorità ġudizzjarja jew

ta' entità amministrattiva indipendenti, jirriżulta li huwa neċessarju li l-passiġġieri tal-ajru jiġu informati individwalment. Dan japplika wkoll fil-każijiet fejn id-data PNR tiġi kkomunikata lil awtoritajiet pubbliċi oħra jew lil individwi. Madankollu, tali informazzjoni għandha tingħata biss hekk kif din il-komunikazzjoni ma tkunx għadha tista' tikkomprometti l-investigazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi msemmija fil-ftehim propost.

***Sentenza tas-16 ta' Lulju 2020 (Awla Manja), Facebook Ireland u Schrems (C-311/18, EU:C:2020:559)***

Il-GDPR jipprovdi li, bħala prinċipju, it-trasferiment ta' data personali lejn pajjiż terz jista' jitwettaq biss jekk il-pajjiż terz inkwistjoni jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni ta' din id-data. Skont dan ir-regolament, il-Kummissjoni tista' tikkonstata li pajjiż terz jiżgura, minħabba l-leġiżlazzjoni interna tiegħu jew minħabba l-impenji internazzjonali tiegħu, livell adegwat ta' protezzjoni [76]. Fl-assenza ta' tali deċiżjoni ta' adegwatezza, tali trasferiment jista' jitwettaq biss jekk l-esportatur tad-data personali, stabbilit fl-Unjoni, jipprevedi salvagwardji xierqa, li jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari minn klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data adottati mill-Kummissjoni, u jekk is-suġġetti tad-data jkollhom drittijiet infurzabbli u rimedji legali effettivi [77]. Barra minn hekk, il-GDPR jistabbilixxi, b'mod preċiż, il-kundizzjonijiet li fihom tali trasferiment jista' jseħħ fl-assenza ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jew ta' salvagwardji xierqa [78].

Maximillian Schrems, ċittadin Awstrijak li jirrisjedi fl-Awstrija, kien ilu juża Facebook mill-2008. Bħal fil-każ tal-utenti l-oħra li jirrisjedu fl-Unjoni, id-data personali ta' M. Schrems kienet tiġi ttrasferita, kompletament jew parzjalment, minn Facebook Ireland lejn is-servers ta' Facebook Inc., li jinsabu fit-territorju tal-Istati Uniti, fejn tkun is-suġġett ta' pproċessar. M. Schrems ippreżenta lment quddiem l-awtorità superviżorja Irlandiża intiż, essenzjalment, sabiex jiġu pprojbiti dawn it-trasferimenti. Huwa sostna li d-dritt u l-prassi tal-Istati Uniti ma joffrux protezzjoni suffiċjenti kontra l-aċċess, mill-awtoritajiet pubbliċi, għad-data ttrasferita lejn dan il-pajjiż. Dan l-ilment kien ġie miċħud għar-raġuni, b'mod partikolari li, fid-Deċiżjoni 2000/520 tagħha [79], il-Kummissjoni kienet ikkonstatat li l-Istati Uniti kienu jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni. Permezz ta' sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq domanda preliminari magħmula mill-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda), kienet iddeċidiet li din id-deċiżjoni kienet invalida (iktar 'il quddiem is-"sentenza Schrems I") [80].

Wara s-sentenza Schrems I u l-annullament konsekuttiv, mill-qorti Irlandiża, tad-deċiżjoni li ċaħdet l-ilment ta' M. Schrems, l-awtorità superviżorja Irlandiża stiednet lil dan tal-

---

[76] Artikolu 45 tal-GDPR.
[77] Artikolu 46(1) u (2)(c) tal-GDPR.
[78] Artikolu 49 tal-GDPR.
[79] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/520/KE tas-26 ta' Lulju 2000 skond id-Direttiva 95/46/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-prinċipji ta' privatezza ta' port salv u li tirrigwarda mistoqsijiet li jsiru ta' spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 16, Vol. 1, p. 119).
[80] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2015, Schrems, C-362/14, EU:C:2015:650.

aħħar jifformula mill-ġdid l-ilment tiegħu fid-dawl tal-invalidazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tad-Deċiżjoni 2000/520. Fl-ilment ifformulat mill-ġdid tiegħu, M. Schrems sostna li l-Istati Uniti ma joffrux protezzjoni suffiċjenti tad-data ttrasferita lejn dan il-pajjiż. Huwa talab is-sospensjoni jew il-projbizzjoni, fil-futur, tat-trasferimenti tad-data personali tiegħu mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti, li Facebook Ireland issa twettaq fuq il-bażi tal-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2010/87 [81]. Peress li qieset li l-ipproċessar tal-ilment ta' M. Schrems kien jiddependi, b'mod partikolari, mill-validità tad-Deċiżjoni 2010/87, l-awtorità superviżorja Irlandiża fetħet proċedura quddiem il-High Court (il-Qorti Għolja) bil-għan li din tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Wara l-ftuħ ta' din il-proċedura, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2016/1250 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Ħarsien tal-Privatezza UE-Stati Uniti [82].

Permezz tat-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tal-GDPR għal trasferimenti ta' data personali bbażati fuq il-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data li jinsabu fid-Deċiżjoni 2010/87, dwar il-livell ta' protezzjoni meħtieġ minn dan ir-regolament fil-kuntest ta' tali trasferiment u dwar l-obbligi tal-awtoritajiet superviżorji f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, il-High Court (il-Qorti Għolja) qajmet il-kwistjoni tal-validità kemm tad-Deċiżjoni 2010/87 u kemm tad-Deċiżjoni 2016/1250.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-eżami tad-Deċiżjoni 2010/87 fid-dawl tal-Karta ma żvela ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tagħha. Għall-kuntrarju, hija ddikjarat li d-Deċiżjoni 2016/1250 kienet invalida.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, l-ewwel nett, li d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-GDPR, japplika għal trasferiment ta' data personali mwettaq għal finijiet kummerċjali minn operatur ekonomiku stabbilit fi Stat Membru lejn operatur ekonomiku ieħor stabbilit f'pajjiż terz, anki jekk, matul jew wara dan it-trasferiment, din id-data tista' tiġi pproċessata għal finijiet ta' sigurtà pubblika, ta' difiża u ta' sigurtà tal-Istat mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat. Hija speċifikat li dan it-tip ta' pproċessar ta' data mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz ma jistax jeskludi tali trasferiment mill-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.

Fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni meħtieġ fil-kuntest ta' tali trasferiment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżiti previsti għal dan il-għan mid-dispożizzjonijiet tal-GDPR, li jikkonċernaw salvagwardji xierqa, drittijiet infurzabbli u rimedji legali effettivi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-persuni li d-data personali tagħhom tiġi ttrasferita lejn pajjiż terz fuq il-bażi ta' klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data, għandhom jibbenefikaw minn livell ta' protezzjoni sostanzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fi ħdan l-Unjoni

[81] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/87/UE tal-5 ta' Frar 2010 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2010, L 39, p. 5), kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2297 tas-16 ta' Diċembru 2016 (ĠU 2016, L 344, p. 100).

[82] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1250 tat-12 ta' Lulju 2016 skont id-Direttiva 95/46 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. (ĠU 2016, L 207, p. 1).

minn dan ir-regolament, moqri fid-dawl tal-Karta. F'dan il-kuntest, hija speċifikat li l-evalwazzjoni ta' dan il-livell ta' protezzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni kemm l-istipulazzjonijiet kuntrattwali miftiehma bejn l-esportatur tad-data stabbilit fl-Unjoni u d-destinatarju tat-trasferiment stabbilit fil-pajjiż terz ikkonċernat u kemm, fir-rigward ta' eventwali aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi ta' dan il-pajjiż terz għad-data hekk ittrasferita, l-elementi rilevanti tas-sistema legali tiegħu.

Fir-rigward tal-obbligi li għandhom l-awtoritajiet superviżorji fil-kuntest ta' tali trasferiment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni ta' adegwatezza adottata validament mill-Kummissjoni, dawn l-awtoritajiet huma b'mod partikolari obbligati jissospendu jew jipprojbixxu trasferiment ta' data personali lejn pajjiż terz meta jqisu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi kollha ta' dan it-trasferiment, li dawn il-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data ma jkunux jew ma jkunux jistgħu jiġu osservati f'dan il-pajjiż terz u li l-protezzjoni tad-data ttrasferita, meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni, ma tkunx tista' tiġi żgurata b'mezzi oħra, sakemm l-esportatur stabbilit fl-Unjoni ma jkunx issospenda jew temm tali trasferiment huwa stess.

Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat imbagħad il-validità tad-Deċiżjoni 2010/87. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-validità ta' din id-deċiżjoni ma tiddaħħalx inkwistjoni mis-sempliċi fatt li l-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data li jinsabu fiha ma jorbtux, minħabba n-natura kuntrattwali tagħhom, lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz li lejh jista' jitwettaq trasferiment ta' data. Għall-kuntrarju, hija speċifikat li din il-validità tiddependi mill-kwistjoni ta' jekk l-imsemmija deċiżjoni tinkludix mekkaniżmi effettivi li jippermettu, fil-prattika, li jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni jiġi osservat u li t-trasferimenti ta' data personali, ibbażati fuq tali klawżoli, jiġu sospiżi jew ipprojbiti fil-każ ta' ksur ta' dawn il-klawżoli jew fil-każ li jkun impossibbli li jiġu osservati. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Deċiżjoni 2010/87 tipprevedi tali mekkaniżmi. F'dan ir-rigward, hija enfasizzat, b'mod partikolari, li din id-deċiżjoni tistabbilixxi obbligu għall-esportatur tad-data u għad-destinatarju tat-trasferiment li jivverifikaw, minn qabel, li dan il-livell ta' protezzjoni jiġi osservat fil-pajjiż terz ikkonċernat u li din id-deċiżjoni tobbliga lil dan id-destinatarju jinforma lill-esportatur tad-data dwar l-eventwali inkapaċità tiegħu li jikkonforma ruħu mal-klawżoli standard ta' protezzjoni, f'liema każ dan tal-aħħar ikollu jissospendi t-trasferiment ta' data u/jew ixolji l-kuntratt konkluż ma' dak tal-ewwel.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja għaddiet sabiex teżamina l-validità tad-Deċiżjoni 2016/1250 fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-GDPR, moqri fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Karta li jiggarantixxu r-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li din id-deċiżjoni tirrikonoxxi, bħad-Deċiżjoni 2000/520, is-supremazija tar-rekwiżiti marbuta mas-sigurtà nazzjonali, mal-interess pubbliku u mal-osservanza tal-leġiżlazzjoni Amerikana, b'tali mod li tippermetti ndħil fid-drittijiet fundamentali tal-persuni li d-data tagħhom tiġi ttrasferita lejn dan il-pajjiż terz. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-limitazzjonijiet tal-protezzjoni tad-data personali li joħorġu mil-leġiżlazzjoni interna tal-Istati Uniti dwar l-aċċess u l-użu, mill-awtoritajiet

pubbliċi Amerikani, ta' tali data ttrasferita mill-Unjoni lejn dan il-pajjiż terz, u li l-Kummissjoni evalwat fid-Deċiżjoni 2016/1250, ma kinux iddefiniti b'mod li jissodisfa rekwiżiti sostanzjalment ekwivalenti għal dawk meħtieġa, fid-dritt tal-Unjoni, mill-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn il-programmi ta' sorveljanza bbażati fuq din il-leġiżlazzjoni ma jkunux limitati għal dak li huwa strettament neċessarju. Filwaqt li bbażat ruħha fuq il-konstatazzjonijiet magħmula f'din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fil-każ ta' ċerti programmi ta' sorveljanza, l-imsemmija leġiżlazzjoni bl-ebda mod ma kienet tindika l-eżistenza ta' limitazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni mogħtija minnha għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi, u lanqas ma kienet tindika l-eżistenza ta' salvagwardji għall-persuni mhux Amerikani potenzjalment ikkonċernati. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, għalkemm l-imsemmija leġiżlazzjoni kienet tipprevedi rekwiżiti li l-awtoritajiet Amerikani kellhom josservaw, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' sorveljanza kkonċernati, hija ma kinitx tagħti lis-suġġetti tad-data drittijiet infurzabbli fil-konfront tal-awtoritajiet Amerikani quddiem il-qrati.

Fir-rigward tar-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għall-kuntrarju ta' dak li qieset il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni 2016/1250, il-mekkaniżmu ta' Ombudsman previst f'din id-deċiżjoni ma kienx jagħti lil dawn il-persuni rimedju quddiem korp li joffri salvagwardji sostanzjalment ekwivalenti għal dawk meħtieġa fid-dritt tal-Unjoni, ta' natura li jiżguraw kemm l-indipendenza tal-Ombudsman previst minn dan il-mekkaniżmu u kemm l-eżistenza ta' normi li jawtorizzaw lill-imsemmi Ombudsman jadotta deċiżjonijiet vinkolanti fir-rigward tas-servizzi tal-intelligence Amerikani. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat id-Deċiżjoni 2016/1250 invalida.

# V. Il-protezzjoni tad-data personali fuq l-internet

## 1. Dritt ta' oġġezzjoni għall-ipproċessar tad-data personali ("dritt li wieħed jintesa")

***Sentenza tat-13 ta' Mejju 2014 (Awla Manja), Google Spain u Google (C-131/12, EU:C:2014:317)***

F'din is-sentenza (ara wkoll it-Taqsimiet II.1 u II.3, intitolati "Kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ġenerali", u "Kunċett ta' 'ipproċessar ta' data personali'"), il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat il-portata tad-drittijiet ta' aċċess u ta' oġġezzjoni għall-ipproċessar tad-data personali fuq l-internet, previsti mid-Direttiva 95/46.

B'hekk, meta qatgħet il-kwistjoni tal-portata tar-responsabbiltà tal-operatur ta' mutur ta' tfittxija fuq l-internet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li, sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet ta' aċċess u ta' oġġezzjoni ggarantiti mill-Artikolu 12(b) u mill-

punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46, u sakemm il-kundizzjonijiet previsti f'dawn l-artikoli jkunu ssodisfatti, dan l-operatur huwa obbligat ineħħi mil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem ta' persuna, il-links lejn paġni internet, ippubblikati minn terzi, li jinkludu informazzjoni dwar din il-persuna. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li tali obbligu jista' jeżisti wkoll fil-każ fejn dan l-isem jew din l-informazzjoni ma jkunux tneħħew preċedentement jew simultanjament minn dawn il-paġni internet, u dan, jekk ikun il-każ, anki meta l-pubblikazzjoni tagħhom fuq dawn il-paġni tkun, fiha nnifisha, leġittima.

Barra minn hekk, mistoqsija dwar il-kwistjoni ta' jekk id-Direttiva tippermettix lis-suġġett tad-data jitlob li l-links lejn paġni internet jitneħħew minn tali lista ta' riżultati għar-raġuni li jkun jixtieq li l-informazzjoni dwar il-persuna tiegħu li tidher fiha "tintesa"' wara ċertu żmien, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li anki pproċessar inizjalment leġittimu ta' data eżatta jista' jsir, biż-żmien, inkompatibbli ma' din id-direttiva meta din id-data ma tkunx għadha neċessarja fir-rigward tal-finijiet li għalihom tkun inġabret jew tkun ġiet ipproċessata, b'mod partikolari meta din id-data tidher li tkun inadegwata, li ma tkunx jew ma tkunx għadha rilevanti jew li tkun eċċessiva fir-rigward ta' dawn il-finijiet u taż-żmien li jkun għadda. Għalhekk, jekk jiġi kkonstatat, wara talba mis-suġġett tad-data, li l-inklużjoni ta' dawn il-links fil-lista tkun, attwalment, inkompatibbli mad-Direttiva, l-informazzjoni u l-links li jidhru f'din il-lista għandhom jitħassru. F'dan il-kuntest, sabiex issir il-konstatazzjoni ta' dritt tas-suġġett tad-data li l-informazzjoni dwar il-persuna tiegħu ma tibqax marbuta ma' ismu permezz ta' lista ta' riżultati ma huwiex meħtieġ li l-inklużjoni tal-informazzjoni inkwistjoni fil-lista ta' riżultati tikkawża preġudizzju għas-suġġett tad-data.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li billi s-suġġett tad-data jista', fid-dawl tad-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, jitlob li l-informazzjoni inkwistjoni ma tibqax imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali permezz tal-inklużjoni tagħha f'tali lista ta' riżultati, dawn id-drittijiet, bħala prinċipju, jipprevalu mhux biss fuq l-interess ekonomiku tal-operatur tal-mutur ta' tfittxija, iżda wkoll fuq l-interess ta' dan il-pubbliku li jsib l-imsemmija informazzjoni meta jwettaq tfittxija fuq il-bażi tal-isem ta' din il-persuna. Madankollu, dan ma jkunx il-każ jekk jidher, għal raġunijiet partikolari bħalma huwa r-rwol li l-imsemmi suġġett tad-data jkollu fil-ħajja pubblika, li l-indħil fid-drittijiet fundamentali tiegħu jkun iġġustifikat mill-interess superjuri tal-imsemmi pubbliku li jkollu, minħabba din l-inklużjoni, aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni.

## 2. Ipproċessar ta' data personali u drittijiet tal-proprjetà intellettwali

***Sentenza tad-29 ta' Jannar 2008 (Awla Manja), Promusicae (C-275/06, EU:C:2008:54)***

Promusicae, assoċjazzjoni Spanjola mingħajr skop ta' lukru li tiġbor fi ħdanha produtturi u edituri ta' reġistrazzjonijiet mużikali u awdjoviżivi, kienet ressqet kawża quddiem il-qrati Spanjoli sabiex Telefónica de España SAU (kumpannija kummerċjali li l-attività tagħha tikkonċerna prinċipalment il-provvista ta' servizzi ta' aċċess għall-internet) tiġi ordnata tiżvela l-identità u l-indirizz tad-dar ta' ċerti persuni li lilhom din tal-aħħar kienet tipprovdi servizz ta' aċċess għall-Internet u li l-indirizz IP tagħhom kif ukoll id-data u l-ħin tal-konnessjoni tagħhom kienu magħrufa. Skont Promusicae, dawn il-persuni kienu jużaw il-programm ta' skambju ta' files magħruf bħala "peer to peer" jew "P2P" (mezz trasparenti, indipendenti, deċentralizzat u mgħammar b'funzjonijiet ta' tfittxija u ta' tniżżil avvanzati, intiż li jiġi kondiviż kontenut) u kienu jippermettu l-aċċess, fir-repertorju kondiviż (shared folder) tal-kompjuter personali tagħhom, għal fonogrammi li fir-rigward tagħhom il-membri ta' Promusicae kellhom drittijiet ekonomiċi ta' użu. Għalhekk, hija kienet talbet li tingħata din l-informazzjoni sabiex tkun tista' tibda proċeduri ċivili kontra l-persuni kkonċernati.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Mercantil no 5 de Madrid (il-Qorti Kummerċjali Nru 5 ta' Madrid, Spanja) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni jekk il-leġiżlazzjoni Ewropea tobbligax lill-Istati Membri jipprevedu, bil-għan li jiżguraw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-awtur, l-obbligu li tiġi kkomunikata data personali fil-kuntest ta' proċeduri ċivili.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmija talba għal deċiżjoni preliminari qajmet il-kwistjoni tal-bżonn li jiġu rrikonċiljati r-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tad-diversi drittijiet fundamentali, jiġifieri, minn naħa, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet għall-protezzjoni tal-proprjetà u għal rimedju effettiv.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-Direttiva 2000/31, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) [83], id-Direttiva 2001/29, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni [84], id-Direttiva 2004/48, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali [85], u d-Direttiva 2002/58, ma jirrikjedux li l-Istati Membri, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, jipprevedu l-obbligu li data personali tiġi kkomunikata bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-awtur fil-kuntest ta' proċeduri ċivili.

---

[83] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

[84] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

[85] Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

Madankollu, id-dritt tal-Unjoni jeżiġi li, fit-traspożizzjoni ta' dawn id-direttivi, l-Istati Membri għandhom jibbażaw ruħhom fuq interpretazzjoni tagħhom li tippermetti li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet fundamentali protetti mill-ordinament ġuridiku Komunitarju. Sussegwentement, meta jiġu implimentati l-miżuri ta' traspożizzjoni tal-imsemmija direttivi, l-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri mhux biss għandhom jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom konformement ma' dawn l-istess direttivi, iżda għandhom jaraw ukoll li ma jibbażawx ruħhom fuq interpretazzjoni tagħhom li tkun kunfliġġenti mal-imsemmija drittijiet fundamentali jew mal-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt Komunitarju, bħall-prinċipju ta' proporzjonalità.

***Sentenza tad-19 ta' April 2012, Bonnier Audio et (C-461/10, EU:C:2012:219)***

Il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema, l-Isvezja) ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tingħata interpretazzjoni tad-Direttivi 2002/58 u 2004/48, fil-kuntest ta' tilwima bejn Bonnier Audio AB, Earbooks AB, Norstedts Förlagsgrupp AB, Piratförlaget AB u Storyside AB (iktar 'il quddiem "Bonnier Audio *et*") u Perfect Communication Sweden AB (iktar 'il quddiem "ePhone") dwar l-oġġezzjoni ta' din tal-aħħar għal talba għal ordni ta' komunikazzjoni ta' data mressqa minn Bonnier Audio *et*.

F'dan il-każ, Bonnier Audio *et* kienu kumpanniji ta' pubblikazzjoni, detenturi b'mod partikolari ta' drittijiet esklużivi ta' riproduzzjoni, ta' pubblikazzjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' 27 xogħol ippreżentat fil-forma ta' kotba rreġistrati f'format audio. Huma qiesu li d-drittijiet esklużivi tagħhom kienu ġew ippreġudikati minħabba t-tixrid pubbliku ta' dawn is-27 xogħol, mingħajr il-kunsens tagħhom, permezz ta' server FTP ("file transfer protocol") li kien jippermetti l-iskambju ta' fajls u t-trasferiment ta' data bejn kompjuters imqabbda mal-internet. Huma għalhekk ressqu quddiem il-qrati Svediżi talba intiża li tinkiseb ordni għall-finijiet tal-komunikazzjoni tal-isem u tal-indirizz tal-persuna li użat l-indirizz IP minn fejn kien maħsub li l-fajls inkwistjoni kienu ġew trażmessi.

F'dan il-kuntest, il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema), adita b'appell fil-kassazzjoni, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, stabbilita abbażi tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48, li, għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' abbonat, kienet tippermetti li fornitur ta' aċċess għall-internet jiġi ordnat jikkomunika lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur jew lill-aventi kawża tiegħu, fi proċeduri ċivili, l-identità tal-abbonat li lilu kien ġie allokat indirizz IP li jkun serva għall-ksur tal-imsemmija drittijiet. Kien ġie preżunt, minn naħa, li l-persuna li talbet l-ordni kienet ipproduċiet indizji reali tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur u, min-naħa l-oħra, li l-miżura mitluba kienet proporzjonata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2004/48, moqri flimkien mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, ma jipprekludix li l-Istati Membri jistabbilixxu obbligu ta' trażmissjoni lil persuni privati ta' data personali sabiex ikunu

jistgħu jinbdew proċeduri, quddiem il-qrati ċivili, kontra ksur tad-drittijiet tal-awtur, iżda dan l-artikolu lanqas ma jobbliga lil dawn l-Istati jipprevedu tali obbligu. Madankollu, l-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri għandhom mhux biss jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom konformement ma' dawn id-direttivi, iżda għandhom jiżguraw ukoll li ma jibbażawx ruħhom fuq interpretazzjoni ta' dawn id-direttivi li tidħol f'kunflitt mal-imsemmija drittijiet fundamentali jew mal-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt tal-Unjoni, bħalma huwa l-prinċipju ta' proporzjonalità.

F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li, sabiex tkun tista' tinħareġ l-ordni ta' komunikazzjoni tad-data inkwistjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kienet tirrikjedi, b'mod partikolari, li jkunu jeżistu indizji reali ta' preġudizzju għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuq xogħol, li l-informazzjoni mitluba tkun tista' tiffaċilita l-investigazzjoni fuq il-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew fuq il-preġudizzju għal tali drittijiet u li r-raġunijiet għal din l-ordni jkunu ta' interess superjuri għall-inkonvenjenzi jew għall-preġudizzji l-oħra li hija tkun tista' tikkawża lid-destinatarju tagħha jew għal kull interess li jkun tqajjem bħala oġġezzjoni għall-għoti ta' din l-ordni.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-Direttivi 2002/58 u 2004/48 ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn din il-leġiżlazzjoni tippermetti lill-qorti nazzjonali adita b'talba għal ordni sabiex tiġi kkomunikata data personali, imressqa minn persuna li jkollha *locus standi*, tibbilanċja, skont iċ-ċirkustanzi ta' kull każ u filwaqt li tieħu debitament inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità, l-interessi opposti involuti.

## 3. Tneħħija ta' referenza għal data personali

***Sentenza tal-24 ta' Settembru 2019 (Awla Manja), GC et (Tneħħija ta' referenza għal data sensittiva) (C-136/17, EU:C:2019:773)***

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat l-obbligi tal-operatur ta' mutur ta' tfittxija fil-kuntest ta' talba għat-tneħħija ta' referenza għal data sensittiva.

Google kienet irrifjutat li tilqa' t-talbiet ta' erba' persuni għat-tneħħija ta' referenza, fil-lista ta' riżultati li tintwera mill-mutur ta' tfittxija wara tfittxija mwettqa abbażi tal-isem rispettiv tagħhom, għal diversi links li jwasslu għal paġni internet ippubblikati minn terzi, b'mod partikolari artikli ta' gazzetti. Wara l-ilmenti ta' dawn l-erba' persuni, il-Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL) (il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Informatika u tal-Libertajiet, Franza) irrifjutat li tintima lil Google sabiex tipproċedi bit-tneħħija ta' referenzi mitluba. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), li ġie adit bil-kawża, talab lill-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat l-obbligi li jaqgħu fuq l-operatur ta' mutur ta'

tfittxija fil-kuntest tat-trattament ta' talba għat-tneħħija ta' referenza skont id-Direttiva 95/46.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ipproċessar ta' data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija f'sindakat, kif ukoll l-ipproċessar ta' data dwar is-saħħa u l-ħajja sesswali, huwa pprojbit [86], bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet u derogi. Fir-rigward tal-ipproċessar ta' data dwar reati, kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà, dan jista' jsir biss, bħala prinċipju, taħt il-kontroll tal-awtorità pubblika jew jekk tkun prevista protezzjoni speċifika xierqa mid-dritt nazzjonali [87].

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-projbizzjoni u r-restrizzjonijiet dwar l-ipproċessar ta' dawn il-kategoriji partikolari ta' data japplikaw għall-operatur ta' mutur ta' tfittxija, bħal kull persuna oħra responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali. Fil-fatt, l-iskop ta' dawn il-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet huwa li tiġi żgurata protezzjoni msaħħa fil-konfront ta' tali pproċessar li, minħabba s-sensittività partikolari ta' din id-data, ikun jista' jikkostitwixxi ndħil partikolarment serju fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali.

Madankollu, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija ma huwiex responsabbli għall-fatt li d-data personali tinsab fuq paġna internet ippubblikata minn terz, iżda għar-referenza għal din il-paġna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-projbizzjoni u r-restrizzjonijiet dwar l-ipproċessar ta' data sensittiva ma jistgħux japplikaw għal dan l-operatur ħlief minħabba din ir-referenza u, għalhekk, permezz ta' verifika li titwettaq, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, abbażi ta' talba mressqa mis-suġġett tad-data.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jirċievi talba għat-tneħħija ta' referenza dwar data sensittiva, huwa jkun obbligat, bħala prinċipju u bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet, jilqa' din it-talba. Fir-rigward ta' dawn l-eċċezzjonijiet, l-operatur jista' b'mod partikolari jirrifjuta li jilqa' tali talba meta jikkonstata li l-links iwasslu għal data li b'mod ċar tkun saret pubblika mis-suġġett tad-data [88], bil-kundizzjoni li r-referenza għal tali links tissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra għal-legalità tal-ipproċessar ta' data personali u sakemm dan is-suġġett tad-data ma jkollux id-dritt li joġġezzjona għall-imsemmija referenza għal raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu [89].

Fi kwalunkwe każ, meta jirċievi talba għat-tneħħija ta' referenza, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandu jivverifika jekk l-inklużjoni fil-lista ta' riżultati tal-link lejn paġna internet li fuqha tkun ġiet ippubblikata data sensittiva, li tintwera wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem ta' din il-persuna, tirriżultax li tkun strettament neċessarja sabiex tipproteġi l-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet potenzjalment interessati li jkollhom

[86] Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u Artikolu 9(1) tar-Regolament 2016/679.
[87] Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46 u Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679.
[88] Artikolu 8(2)(e) tad-Direttiva 95/46 u Artikolu 9(2)(e) tar-Regolament 2016/679.
[89] Il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46 u l-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2016/679.

aċċess għal din il-paġna internet permezz ta' tali tfittxija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali jipprevalu, b'mod ġenerali, fuq il-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet, dan il-bilanċ jista' madankollu jiddependi, f'każijiet partikolari, min-natura tal-informazzjoni inkwistjoni u min-natura sensittiva tagħha għall-ħajja privata tas-suġġett tad-data, kif ukoll mill-interess tal-pubbliku li jkollu din l-informazzjoni, li jista' jvarja b'mod partikolari skont ir-rwol li jkollu dan is-suġġett tad-data fil-ħajja pubblika.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest ta' talba għal tneħħija ta' referenza dwar data relatata ma' proċedura ġudizzjarja f'materji kriminali kontra s-suġġett tad-data, li tkun marbuta ma' stadju preċedenti ta' din il-proċedura u li ma tkunx għadha tikkorrispondi għas-sitwazzjoni attwali, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandu jevalwa jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, l-imsemmi suġġett tad-data għandux dritt li l-informazzjoni inkwistjoni ma tibqax, attwalment, marbuta ma' ismu permezz ta' lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi ta' dan l-isem. Madankollu, anki jekk dan ma jkunx il-każ minħabba l-fatt li l-inklużjoni tal-link inkwistjoni tkun strettament neċessarja għar-rikonċiljazzjoni tad-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data tas-suġġett tad-data mal-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet li jkunu potenzjalment interessati, l-operatur għandu, l-iktar tard meta ssir it-talba għat-tneħħija ta' referenza, jaġġusta l-lista ta' riżultati b'tali mod li l-istampa globali li tirriżulta għall-utent tal-internet tirrifletti s-sitwazzjoni ġudizzjarja attwali, li hija azzjoni li teħtieġ b'mod partikolari li l-links lejn paġni internet li jinkludu informazzjoni dwar dan is-suġġett jidhru l-ewwel f'din il-lista.

***Sentenza tal-24 ta' Settembru 2019 (Awla Manja), Google (Portata territorjali tat-tneħħija ta' referenza) (C-507/17, EU:C:2019:772)***

Il-Commission nationale de l'informatique et des libertés (il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Informatika u tal-Libertajiet, Franza) (iktar 'il quddiem iċ-"CNIL") intimat lil Google sabiex, meta din il-kumpannija tilqa' talba għat-tneħħija ta' referenza, tneħħi mil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem tas-suġġett tad-data, links li jwasslu għal paġni internet li jinkludu data personali dwar dan tal-aħħar, fuq l-estensjonijiet kollha tal-isem tad-dominju tal-mutur ta' tfittxija tagħha. Wara r-rifjut ta' Google li tikkonforma ruħha ma' din l-ittra ta' intimazzjoni, iċ-CNIL imponiet sanzjoni ta' EUR 100 000 fuq din il-kumpannija. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), adit minn Google, talab lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiżat il-portata territorjali tal-obbligu, għall-operatur ta' mutur tat-tfittxija, li jimplementa d-dritt għat-tneħħija ta' referenza skont id-Direttiva 95/46.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-possibbiltà għall-persuni fiżiċi li jinvokaw, abbażi tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt tagħhom għat-tneħħija ta' referenza fil-konfront tal-operatur ta' mutur ta' tfittxija li jkollu stabbiliment wieħed jew iktar fit-territorju tal-Unjoni, indipendentement minn jekk l-ipproċessar ta' data personali (f'dan il-każ, ir-

referenza għal links li jwasslu għal paġni internet li fihom ikun hemm data personali dwar il-persuna li tinvoka dan id-dritt) iseħħx jew le fl-Unjoni [90].

Fir-rigward tal-portata tad-dritt għat-tneħħija ta' referenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija ma huwiex obbligat iwettaq it-tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet kollha tal-mutur tiegħu iżda biss mill-verżjonijiet ta' dan il-mutur li jikkorrispondu għall-Istati Membri kollha. Hija osservat f'dan ir-rigward li, għalkemm tneħħija ta' referenza universali tkun, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-internet u tal-muturi ta' tfittxija, ta' natura li tilħaq b'mod sħiħ l-għan tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni kollha, mid-dritt tal-Unjoni [91] b'ebda mod ma jirriżulta madankollu li, għall-finijiet tat-twettiq ta' tali għan, il-leġiżlatur għażel li jagħti lid-dritt għat-tneħħija ta' referenza portata li tmur lil hinn mit-territorju tal-Istati Membri. B'mod partikolari, filwaqt li d-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri sabiex jaslu għal deċiżjoni komuni, ibbażata fuq ibbilanċjar bejn id-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali, minn naħa, u l-interess tal-pubbliku tal-Istati Membri differenti li jkollu aċċess għal informazzjoni, min-naħa l-oħra, attwalment tali mekkaniżmi ma humiex previsti f'dak li jirrigwarda l-portata ta' tneħħija ta' referenza barra mill-Unjoni.

Fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, huwa l-operatur ta' mutur ta' tfittxija li għandu jwettaq it-tneħħija ta' referenza mitluba, mhux biss mill-verżjoni tal-mutur li tikkorrispondi għall-Istat Membru ta' residenza tal-benefiċjarju ta' din it-tneħħija ta' referenza, iżda mill-verżjonijiet tal-mutur li jikkorrispondu għall-Istati Membri, u dan sabiex, b'mod partikolari, jiġi żgurat livell koerenti u għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha. Barra minn hekk, tali operatur għandu jieħu, jekk ikun neċessarju, miżuri suffiċjentement effettivi sabiex jipprekludi jew, tal-inqas, serjament jiskoraġġixxi lill-utenti tal-internet tal-Unjoni milli jkollhom aċċess, jekk ikun il-każ minn verżjoni tal-mutur li tikkorrispondi għal Stat terz, għal-links li jkunu s-suġġett tat-tneħħija ta' referenza, u hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk il-miżuri adottati mill-operatur jissodisfawx dan ir-rekwiżit.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jobbligax lill-operatur ta' mutur ta' tfittxija jneħħi referenza mill-verżjonijiet kollha tal-mutur tiegħu, huwa lanqas ma jipprojbixxi dan. Għaldaqstant, awtorità superviżorja jew awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru tibqa' kompetenti sabiex twettaq, fid-dawl tal-istandards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, ibbilanċjar, minn naħa, bejn id-dritt tas-suġġett tad-data għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardah, u, min-naħa l-oħra, id-dritt għal-libertà ta' informazzjoni, u sabiex tordna, fi tmiem dan l-ibbilanċjar, jekk ikun il-każ, lill-operatur ta' dan il-mutur ta' tfittxija jwettaq tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet kollha tal-imsemmi mutur.

---

[90] Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 95/46 u Artikolu 3(1) tar-Regolament 2016/679.

[91] Artikolu 12(b) u l-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46, u l-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2016/679.

***Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2022 (Awla Manja), Google (Tneħħija ta' referenza għal informazzjoni allegatament falza) (C-460/20, [EU:C:2022:962](EU:C:2022:962))***

Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, TU, li kien jokkupa karigi ta' responsabbiltà u li kellu ishma f'diversi kumpanniji, u RE, li kienet is-sieħba tiegħu u, sa Mejju 2015, kellha prokura biex tirrappreżenta waħda minn dawn il-kumpanniji, kienu l-protagonisti ta' tliet artikli ppubblikati f'sit internet fl-2015 minn G LLC, operatur tas-sit internet. Dawn l-artikli, li wieħed minnhom kien akkumpanjat minn erba' ritratti li juru lir-rikorrenti u li jissuġġerixxu li dawn tal-aħħar kellhom ħajja lussuża, kienu jippreżentaw b'mod kritiku l-mudell ta' investiment ta' wħud mill-kumpanniji tagħhom. L-aċċess għal dawn l-artikli kien possibbli billi jiddaħħlu, fil-magna ta' tiftix operata minn Google LLC (iktar 'il quddiem "Google"), l-ismijiet u l-kunjomijiet tar-rikorrenti, kemm waħedhom kif ukoll flimkien ma' ċerti ismijiet ta' kumpanniji. Il-lista ta' riżultati kienet tirreferi għal dawn l-artikli permezz ta' link, kif ukoll għar-ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails).

Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbu lil Google, bħala kontrollur tad-data personali pproċessata mill-magna ta' tiftix tagħha, minn naħa, tneħħi r-referenza tal-links lejn l-artikli inkwistjoni mil-lista tar-riżultati tat-tiftix minħabba li dawn kienu jinkludu allegazzjonijiet foloz u opinjonijiet diffamatorji, u, min-naħa l-oħra, tirtira l-immaġnijiet żgħar mil-lista tar-riżultati ta' tiftix. Google rrifjutat li taġixxi fuq din it-talba.

Peress li r-rikorsi tagħhom ġew miċħuda kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw rikors għal Reviżjoni quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), li fil-kuntest tiegħu il-Bundesgerichtshof ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-GDPR u tad-Direttiva 95/46 [92].

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija f'kulleġġ ġudikanti ta' Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat il-ġurisprudenza tagħha dwar il-kundizzjonijiet applikabbli għat-talbiet ta' tneħħija ta' referenza indirizzati lill-operatur ta' magna ta' tiftix fuq il-bażi tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali. B'mod partikolari, hija eżaminat, minn naħa, il-portata tal-obbligi u tar-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq l-operatur ta' magna ta' tiftix fl-ipproċessar ta' talba għal tneħħija ta' referenza bbażata fuq l-allegata falsità tal-informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat u, min-naħa l-oħra, l-oneru tal-prova impost fuq is-suġġett tad-data fir-rigward ta' din il-falsità. Barra minn hekk hija tat deċiżjoni dwar in-neċessità, għall-finijiet tal-eżami ta' talba għal tneħħija ta' ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar fil-lista ta' riżultati ta' tiftixa b'immaġnijiet, li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest inizjali tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-fotografiji fuq l-internet.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandu jsir bejn, minn naħa, id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data ta'

[92] Rispettivament, l-Artikolu 17(3)(a) tal-GDPR u l-punt (b) tal-Artikolu 12 u l-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46.

natura personali, u, min-naħa l-oħra, id-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni [93], għall-finijiet tal-eżami ta' talba għal tneħħija ta' referenza indirizzata lill-operatur ta' magna ta' tiftix u intiża li mil-lista ta' riżultati ta' tiftixa jitneħħa link lejn kontenut li jikkomporta informazzjoni allegatament falza, din it-tneħħija ta' referenza ma hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li l-kwistjoni tal-verità tal-kontenut irreferenzjat tkun ġiet riżolta, minn tal-inqas b'mod provviżorju, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra l-fornitur ta' dan il-kontenut mill-persuna li tressaq it-talba.

Preliminarjament, sabiex jiġi eżaminat taħt liema ċirkustanzi l-operatur ta' magna ta' tiftix għandu jaġixxi fuq talba għat-tneħħija ta' referenza u għalhekk li jħassar il-link lejn paġna internet li fuqha jkunu jinsabu allegazzjonijiet li din il-persuna tqis li jkunu foloz mil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tiftixa mwettqa fuq il-bażi tal-isem tas-suġġett tad-data, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret b'mod partikolari dan li ġej:

• sa fejn l-attività ta' magna ta' tiftix tista' taffettwa, b'mod sinjifikattiv u b'mod addizzjonali meta mqabbla ma' dik tal-edituri ta' siti internet, id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni ta' data personali, l-operatur ta' din il-magna, bħala l-persuna li tiddetermina l-għanijiet u l-mezzi ta' din l-attività għandu jiżgura, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, tal-kompetenzi tiegħu u tal-possibbiltajiet tiegħu, li l-garanziji previsti mid-Direttiva 95/46 u mill-GDPR jistgħu jiżviluppaw l-effetti kollha tagħhom u b'tali mod li tkun tista' effettivament tinkiseb protezzjoni effikaċi u kompleta tal-persuni kkonċernati;

• meta quddiemu titressaq talba għal tneħħija ta' referenza, l-operatur ta' magna ta' tiftix għandu jivverifika jekk l-inklużjoni ta' link lejn il-paġna internet inkwistjoni fil-lista ta' riżultati tkunx neċessarja għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet li potenzjalment ikollhom interess li jkollhom aċċess għal din il-paġna internet permezz ta' tali tiftixa, protetta mid-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni;

• il-GDPR jistabbilixxi espliċitament ir-rekwiżit ta' bbilanċjar bejn, minn naħa, id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali u, min-naħa l-oħra, id-dritt fundamentali għal-libertà ta' informazzjoni.

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali tas-suġġett tad-data jipprevalu, b'mod ġenerali, fuq l-interess leġittimu tal-utenti tal-internet li jkollhom aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni, dan il-bilanċ jista' madankollu jiddependi miċ-ċirkustanzi rilevanti ta' kull każ, b'mod partikolari min-natura ta' din l-informazzjoni u min-natura sensittiva tagħha għall-ħajja privata tas-suġġett tad-data, kif ukoll mill-interess tal-pubbliku li jkollu din l-informazzjoni, li jista' jvarja, b'mod partikolari, skont ir-rwol li għandha dan is-suġġett tad-data fil-ħajja pubblika.

---

[93] Drittijiet fundamentali ggarantiti rispettivament mill-Artikoli 7, 8 u 11 tal-Karta.

Il-kwistjoni tan-natura veritiera jew le tal-kontenut irreferenzjat jikkostitwixxi wkoll element rilevanti fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni. Huwa għalhekk li, f'ċerti ċirkustanzi, id-dritt għall-informazzjoni tal-utenti tal-internet u l-libertà ta' espressjoni tal-fornitur tal-kontenut jistgħu jipprevalu fuq id-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari meta s-suġġett tad-data jkollu rwol fil-ħajja pubblika. Madankollu, din ir-relazzjoni tinqaleb meta jirriżulta li mill-inqas parti mill-informazzjoni kkonċernata mit-talba għal tneħħija ta' referenza li ma tkunx ta' natura minuri fir-rigward tal-kontenut kollu tkun falza. F'ipoteżi bħal din, id-dritt li wieħed jinforma u d-dritt li wieħed jiġi informat ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni peress li dawn ma jistgħux jinkludu d-dritt ta' tixrid u ta' tali informazzjoni u ta' aċċess għaliha.

Sussegwentement, minn naħa, fir-rigward tal-obbligi dwar l-istabbiliment tan-natura veritiera jew le tal-informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-persuna li titlob it-tneħħija ta' referenza, minħabba l-falsità ta' tali informazzjoni, għandha tistabbilixxi l-falsità manifesta ta' din l-informazzjoni jew, minn tal-inqas, parti minn din l-informazzjoni li ma tkunx ta' natura minuri fir-rigward tal-kontenut kollu. Madankollu, sabiex jiġi evitat li din il-persuna jkollha oneru eċċessiv li jista' jippreġudika l-effett utli tad-dritt għal tneħħija ta' referenza, hija għandha biss tipproduċi provi li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni, jistgħu raġonevolment ikunu meħtieġa li din tiġbor. Bħala prinċipju, din il-persuna ma tistax tkun obbligata tipproduċi, sa mill-istadju prekontenzjuż, insostenn tat-talba tagħha ta' tneħħija ta' referenza, deċiżjoni ġudizzjarja miksuba kontra l-editur tas-sit internet inkwistjoni, anki taħt il-forma ta' deċiżjoni għal miżuri provviżorji.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-obbligi u tar-responsabbiltajiet li għandu l-operatur tal-magna ta' tiftix, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dan tal-aħħar għandu, għall-finijiet tal-verifika dwar jekk kontenut jistax ikompli jiġi inkluż fil-lista ta' riżultati tat-tiftix imwettqa permezz tal-magna ta' tiftix tiegħu wara talba għal tneħħija ta' referenza, jibbaża ruħu fuq id-drittijiet u l-interessi kollha preżenti kif ukoll fuq iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni. Madankollu, dan l-operatur ma jistax jiġi obbligat jinvestiga l-fatti u, għal dan il-għan, li jorganizza dibattitu mal-fornitur tal-kontenut intiż li jikseb elementi neqsin dwar in-natura veritiera tal-kontenut irreferenzjat. Obbligu li jikkontribwixxi għall-istabbiliment tan-natura veritiera jew le tal-kontenut irreferenzjat iqiegħed fuq l-imsemmi operatur oneru li jmur lil hinn minn dak li jista' raġonevolment ikun mistenni minnu fir-rigward tar-responsabbiltajiet, kompetenzi u possibbiltajiet tiegħu. Din is-soluzzjoni tkun tikkomporta riskju serju li titneħħa referenza ta' kontenut li jissodisfa ħtieġa ta' informazzjoni leġittima u preponderanti tal-pubbliku u li b'hekk issir diffiċli li din tinsab fuq l-internet. B'hekk, jeżisti riskju reali ta' effett dissważiv fuq l-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni jekk tali operatur kellu jipproċedi għal tali tneħħija ta' referenza b'mod kważi sistematiku bil-għan li jevita li jkollu jsostni l-oneru li jinvestiga l-fatti rilevanti sabiex jistabbilixxi n-natura veritiera jew le tal-kontenut irreferenzjat.

Konsegwentement, fil-każ fejn il-persuna li tressaq it-talba għal tneħħija ta’ referenza tipproduċi provi li jistabbilixxu n-natura manifestament falza tal-informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat jew, minn tal-inqas, ta’ parti minn din l-informazzjoni li ma tkunx ta’ natura minuri fir-rigward ta’ dan il-kontenut kollu, l-operatur tal-magna ta’ tiftix għandu jaġixxi fuqha. L-istess jgħodd meta din il-persuna li tkun ressqet it-talba tippreżenta deċiżjoni ġudizzjarja meħuda kontra l-editur tas-sit internet u li tistrieħ fuq il-konstatazzjoni li informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat, li ma tkunx ta’ natura minuri fir-rigward ta’ dan il-kontenut kollu, tkun, minn tal-inqas *prima facie*, falza. B’kuntrast ma’ dan, jekk in-natura falza ta’ tali informazzjoni ma toħroġx b’mod manifest fid-dawl tal-provi prodotti mill-persuna li tressaq it-talba għal tneħħija ta’ referenza, l-operatur tal-magna ta’ tiftix ma għandux, fl-assenza ta’ tali deċiżjoni ġudizzjarja, jaġixxi fuq it-talba għal tneħħija ta’ referenza. Meta l-informazzjoni inkwistjoni tkun tista’ tikkontribwixxi għal dibattitu ta’ interess ġenerali, hemm lok, fir-rigward taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni, li tingħata importanza partikolari għad-dritt għal-libertà ta’ espressjoni u ta’ informazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, meta l-operatur ta’ magna ta’ tiftix ma jiħux azzjoni fuq talba għal tneħħija ta’ referenza, is-suġġett tad-data għandu jkun jista’ jadixxi l-awtorità superviżorja jew l-awtorità ġudizzjarja sabiex dawn iwettqu l-verifiki neċessarji u jordnaw lil din il-persuna responsabbli tadotta l-miżuri mandatorji. F’dan ir-rigward, huma b’mod partikolari l-awtoritajiet ġudizzjarji li għandhom jiżguraw li jiġu pponderati l-interessi kunfliġġenti, inkwantu dawn huma fl-aħjar qagħda li jwettqu bbilanċjar kumpless u fil-fond li jieħu inkunsiderazzjoni l-kriterji kollha u l-elementi kollha stabbiliti mill-ġurisprudenza rilevanti.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandu jsir bejn id-drittijiet fundamentali msemmija iktar ’il fuq, għall-finijiet tal-eżami ta’ talba għal tneħħija ta’ referenza intiża li mir-riżultati ta’ tiftixa ta’ immaġnijiet imwettqa fuq il-bażi tal-isem ta’ persuna fiżika jitneħħew ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta’ immaġnijiet żgħar li jirrappreżentaw din il-persuna, jeħtieġ li jitqies il-valur informattiv ta’ dawn ir-ritratti indipendentement mill-kuntest inizjali tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-paġna internet li minnha jkunu ttieħdu. Madankollu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni kull element testwali li jakkumpanja direttament il-viżwalizzazzjoni ta’ dawn ir-ritratti fir-riżultati ta’ tiftix u li jista’ jitfa’ dawl fuq il-valur informattiv tagħhom.

Biex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li t-tiftix ta’ immaġnijiet imwettaq permezz ta’ magna ta’ tiftix fuq l-internet fuq il-bażi ta’ isem ta’ persuna huma suġġetti għall-istess prinċipji bħal dawk applikabbli għat-tiftix ta’ paġni internet u tal-informazzjoni li tinsab fihom. Hija indikat li l-viżwalizzazzjoni, wara tiftixa fuq il-bażi tal-isem, taħt il-forma ta’ immaġnijiet żgħar, ta’ ritratti tas-suġġett tad-data, hija ta’ natura li tikkostitwixxi ndħil partikolarment sostanzjali fid-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali ta’ din il-persuna.

Għalhekk, meta l-operatur ta’ magna ta’ tiftix jirċievi talba għal tneħħija ta’ referenza intiża li mir-riżultati ta’ tiftixa ta’ immaġnijiet imwettqa fuq il-bażi tal-isem ta’ persuna

jitneħħew ir-ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar li jirrappreżentaw din il-persuna, huwa għandu jivverifika jekk il-viżwalizzazzjoni tar-ritratti inkwistjoni hijiex neċessarja għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet potenzjalment interessati li jkollhom aċċess għal dawn ir-ritratti permezz ta' tali tiftixa.

Issa, sa fejn il-magna ta' tiftix tivviżwalizza ritratti tas-suġġett tad-data barra mill-kuntest li fih dawn huma ppubblikati fuq il-paġna internet murija, normalment biex jiġu illustrati l-elementi testwali li tinkludi din il-paġna, hemm lok li jiġi ddeterminat jekk dan il-kuntest għandux xorta waħda jittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-ibbilanċjar li għandu jitwettaq tad-drittijiet u tal-interessi kunfliġġenti. F'dan il-qafas, il-kwistjoni dwar jekk l-imsemmija evalwazzjoni għandhiex tinkludi wkoll il-kontenut tal-paġna internet li fiha jinsab ir-ritratt li l-viżwalizzazzjoni tiegħu taħt il-forma ta' immaġni żgħira qed tintalab li titneħħa tiddependi mis-suġġett u min-natura tal-ipproċessar inkwistjoni.

L-ewwel nett, fir-rigward tas-suġġett tal-ipproċessar inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-pubblikazzjoni ta' ritratti bħala mezz ta' komunikazzjoni mhux verbali jista' jkollha impatt iktar qawwi fuq l-utenti tal-internet milli l-pubblikazzjonijiet testwali. Fil-fatt ir-ritratti huma, fihom infushom, mezz importanti biex tinġibed l-attenzjoni tal-utenti tal-internet u jistgħu jqajmu interess biex jaċċedu għall-artikoli li għalihom iservu ta' illustrazzjoni. Issa, b'mod partikolari minħabba l-fatt li dawn ikunu ta' spiss suġġetti għal diversi interpretazzjonijiet, il-viżwalizzazzjoni tagħhom fil-lista tar-riżultati tat-tiftixa bħala immaġnijiet żgħar tista' tagħti lok għal indħil partikolarment serju fid-dritt tas-suġġett tad-data għall-protezzjoni tal-immaġni tiegħu, liema fatt għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-ibbilanċjar bejn id-drittijiet u l-interessi kunfliġġenti. Ibbilanċjar distint huwa neċessarju skont jekk ikunux inkwistjoni, minn naħa, artikli mogħnija b'ritratti ppubblikati mill-editur tal-paġna internet u li, imqiegħda fil-kuntest ta' oriġini tagħhom, jillustraw l-informazzjoni pprovduta f'dawn l-artikli u l-opinjonijiet li huma espressi fihom, u, min-naħa l-oħra, ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar fil-lista ta' riżultati mill-operatur ta' magna ta' tiftix barra mill-kuntest li fih dawn ġew ippubblikati fuq il-paġna internet li minnha joriġinaw.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li mhux biss ir-raġuni li tiġġustifika l-pubblikazzjoni ta' data personali fuq sit internet ma tikkoinċidix neċessarjament ma' dik li tapplika għall-attività tal-magni ta' tiftix iżda li, anki meta dan ikun il-każ, ir-riżultat tal-ibbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi inkwistjoni li għandu jitwettaq jista' jvarja skont jekk ikunx involut l-ipproċessar imwettaq mill-operatur ta' magna ta' tiftix jew l-ipproċessar imwettaq mill-editur ta' din il-paġna internet. Minn naħa, l-interessi leġittimi li jiġġustifikaw dawn l-istanzi ta' pproċessar jistgħu jkunu differenti u, min-naħa l-oħra, il-konsegwenzi tal-imsemmija istanzi ta' pproċessar għas-suġġett tad-data, u b'mod partikolari għall-ħajja privata tiegħu, ma humiex neċessarjament l-istess.

It-tieni nett, fir-rigward tan-natura tal-ipproċessar imwettaq mill-operatur tal-magna ta' tiftix, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, billi jtella' r-ritratti ta' persuni fiżiċi ppubblikati fuq l-internet u jirriproduċihom separatament, fir-riżultati ta' tiftix bl-immaġnijiet, taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar, l-operatur ta' magna ta' tiftix joffri servizz li jinvolvi

pproċessar ta' data personali awtonomu u distint mill-ipproċessar tal-editur ta' paġna internet li minnha jittieħdu r-ritratti kif ukoll mill-ipproċessar, li għalih dan l-operatur huwa wkoll responsabbli, relatat mar-referenzjar ta' din il-paġna.

Konsegwentement, hija meħtieġa evalwazzjoni awtonoma tal-attività tal-operatur tal-magna ta' tiftix li tikkonsisti fil-viżwalizzazzjoni tar-riżultati ta' tiftixa b'immaġnijiet taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar ġaladarba l-preġudizzju addizzjonali għad-drittijiet fundamentali li jirriżulta minn tali attività jista' jkun partikolarment intens minħabba l-ġabra, meta ssir tiftixa fuq il-bażi tal-isem, tal-informazzjoni kollha dwar is-suġġett tad-data li tinsab fuq l-internet. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni awtonoma, hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li din il-viżwalizzazzjoni tikkostitwixxi fiha nnifisha r-riżultat imfittex mill-utent tal-internet, indipendentement mid-deċiżjoni ulterjuri tiegħu jekk jaċċedix jew le għall-paġna internet ta' oriġini.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li tali bbilanċjar speċifiku, li jieħu inkunsiderazzjoni n-natura awtonoma tal-ipproċessar magħmul mill-operatur tal-magna ta' tiftix, huwa bla ħsara għar-rilevanza eventwali ta' elementi testwali li jistgħu jakkumpanjaw direttament il-viżwalizzazzjoni ta' ritratt fil-lista tar-riżultati ta' tiftixa, inkwatu tali elementi jistgħu jitfgħu dawl fuq il-valur informattiv ta' dan ir-ritratt għall-pubbliku u, għalhekk, jinfluwenzaw l-ibbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi preżenti.

## 4. Kunsens tal-utent ta' sit internet għall-ħażna ta' informazzjoni

***Sentenza tal-1 ta' Ottubru 2019 (Awla Manja), Planet49 (C-673/17, EU:C:2019:801)***

Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunsens għall-ħażna ta' informazzjoni jew għall-aċċess, permezz ta' cookies, għal informazzjoni diġà maħżuna fit-tagħmir terminali tal-utent ta' sit internet ma jingħatax validament meta l-awtorizzazzjoni tirriżulta minn kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel, u dan indipendentement minn jekk l-informazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxix jew le data personali. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-fornitur ta' servizzi għandu jindika lill-utent ta' sit internet it-tul ta' funzjonament tal-cookies kif ukoll jekk ikunx possibbli jew le li terzi jkollhom aċċess għal dawn il-cookies.

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tirrigwarda l-organizzazzjoni ta' lotterija promozzjonali minn Planet49 fis-sit internet www.dein-macbook.de. Sabiex jipparteċipaw, l-utenti tal-internet kellhom jikkomunikaw isimhom u l-indirizz tagħhom fuq paġna internet fejn kienu jinsabu kaxxi tal-immarkar. Il-kaxxa tal-immarkar li kienet tawtorizza l-installazzjoni tal-cookies kienet immarkata minn qabel. Adita b'rikors mill-Federazzjoni Ġermaniża tal-assoċjazzjonijiet ta' konsumaturi, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) kellha dubji rigward il-validità tal-ksib tal-

kunsens tal-utenti permezz tal-kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel kif ukoll dwar il-portata tal-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur ta' servizz.

It-talba għal deċiżjoni preliminari kienet tirrigwarda essenzjalment l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kunsens" previst mid-Direttiva 2002/58 [94], moqrija flimkien mad-Direttiva 95/46 [95], kif ukoll mal-GDPR [96].

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 95/46, li jirreferi għalih l-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 2002/58, jiddefinixxi l-kunsens bħala "indikazzjoni speċifika u infurmata tax-xewqa tiegħu mogħtija liberament li biha s-suġġett tad-data jaqbel li jsir l-ipproċessar ta' data personali dwaru". Hija osservat li r-rekwiżit ta' "indikazzjoni" tax-xewqa tas-suġġett tad-data jevoka b'mod ċar aġir attiv u mhux passiv. Issa, kunsens mogħti permezz ta' kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel ma jimplikax aġir attiv min-naħa tal-utent ta' sit internet. Barra minn hekk, l-oriġini tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2002/58, li mill-emenda tiegħu permezz tad-Direttiva 2009/136 jipprevedi li l-utenti għandhom ikunu "taw il-kunsens tagħhom" għat-tqegħid ta' cookies, tindika li l-kunsens tal-utent ma setax minn dak il-ħin 'il quddiem jibqa' jiġi preżunt u kellu jirriżulta minn aġir attiv ta' dan tal-aħħar. Fl-aħħar nett, kunsens attiv huwa issa previst mill-GDPR [97], li l-punt 11 tal-Artikolu 4 tiegħu jeżiġi indikazzjoni tax-xewqa li tieħu l-forma, b'mod partikolari, ta' "azzjoni affermattiva ċara" u li l-premessa 32 tiegħu teskludi b'mod espliċitu li jkun hemm kunsens "[fil-każ ta'] silenzju, kaxxi mmarkati minn qabel jew in-nuqqas ta' attività".

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunsens ma jingħatax validament meta l-ħażna ta' informazzjoni jew l-aċċess għal informazzjoni diġà maħżuna fit-tagħmir terminali tal-utent ta' sit internet jiġu awtorizzati permezz ta' kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel, li l-utent ikollu jneħħi l-marka minnha sabiex jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu. Hija żiedet li l-fatt li tali utent jattiva l-buttuna ta' parteċipazzjoni fil-lotterija promozzjonali inkwistjoni ma jistax ikun biżżejjed sabiex jitqies li huwa jkun ta validament il-kunsens tiegħu għat-tqegħid ta' cookies.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2002/58 huwa intiż li jipproteġi lill-utent minn kull indħil fil-ħajja privata tiegħu, irrispettivament minn jekk dan l-indħil jinvolvix data personali jew le. Minn dan jirriżulta li l-kunċett ta' kunsens ma għandux jiġi interpretat b'mod differenti skont jekk l-informazzjoni maħżuna jew ikkonsultata fit-tagħmir terminali tal-utent ta' sit internet tikkostitwixxix data personali jew le.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2002/58 jeżiġi li l-utent ikun ta l-kunsens tiegħu, wara li jkun irċieva informazzjoni ċara u kompleta, b'mod partikolari dwar l-għan tal-ipproċessar. Issa, informazzjoni ċara u kompleta għandha

94 Artikoli 2(f) u 5(3) tad-Direttiva 2002/58, kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241 p. 9).
95 Artikolu 2(h) tad-Direttiva 95/46.
96 Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament 2016/679.
97 *Idem*.

tippermetti lill-utent jiddetermina faċilment il-konsegwenzi tal-kunsens li huwa jista' jagħti u għandha tiggarantixxi li dan il-kunsens jingħata b'għarfien sħiħ tal-fatti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tul ta' funzjonament tal-cookies kif ukoll il-kwistjoni ta' jekk huwiex possibbli jew le li terzi jkollhom aċċess għal dawn il-cookies jagħmlu parti mill-informazzjoni ċara u kompleta li għandha tingħata lill-utent ta' sit internet mill-fornitur ta' servizzi.

## 5. Ipproċessar ta' data personali fuq in-networks soċjali online

***Sentenza tal-4 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), Meta Platforms et (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali) (C-252/21, EU:C:2023:537)***

Il-kumpannija Meta Platforms kienet il-proprjetarja tan-network soċjali online "Facebook", li huwa bla ħlas għall-utenti privati. Il-mudell ekonomiku ta' dan in-network soċjali kien ibbażat fuq il-finanzjament permezz tar-reklamar online, imfassal apposta għall-utenti individwali tiegħu. Tali reklamar kien isir teknikament possibbli permezz tal-istabbiliment awtomatizzat ta' profili ddettaljati tal-utenti tan-network u tas-servizzi online offruti fuq il-livell tal-grupp Meta. Għalhekk, sabiex ikunu jistgħu jużaw l-imsemmi network soċjali, l-utenti kellhom, fil-mument tal-abbonament tagħhom, jaċċettaw il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti minn Meta Platforms, li kienu jirreferu għall-politiki ta' użu tad-data u tal-cookies stabbiliti minn din il-kumpannija. Skont dawn il-politiki, minbarra d-data li dawn l-utenti kienu jipprovdu direttament meta huma jabbonaw, Meta Platforms kienet tiġbor ukoll data relatata mal-attivitajiet tal-imsemmija utenti fi ħdan in-network soċjali u barra minnu u tqiegħda f'korrelazzjoni mal-kontijiet Facebook tal-utenti kkonċernati. Fir-rigward ta' din l-aħħar data, imsejjħa wkoll "data off Facebook", din kienet tikkonsisti, minn naħa, f'data li tirrigwarda l-konsultazzjoni ta' paġni internet u ta' applikazzjonijiet terzi, u, min-naħa l-oħra, f'data relatata mal-użu ta' servizzi online oħra li jappartjenu lill-grupp Meta (fosthom Instagram u WhatsApp). Il-ħarsa ġenerali lejn id-data hekk miġbura kienet tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet iddettaljati dwar il-preferenzi u l-interessi ta' dawn l-istess utenti.

Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Frar 2019, il-Bundeskartellamt (l-Awtorità Federali tal-Kompetizzjoni, il-Ġermanja) ipprojbixxiet lil Meta Platforms, minn naħa, milli tissuġġetta, fil-kundizzjonijiet ġenerali fis-seħħ dak iż-żmien, l-użu tan-network soċjali Facebook minn utenti privati residenti fil-Ġermanja għall-ipproċessar tad-data off Facebook tagħhom u, min-naħa l-oħra, milli tipproċedi, mingħajr il-kunsens tagħhom, għall-ipproċessar ta' din id-data. Barra minn hekk, l-Awtorità Federali tal-Kompetizzjoni imponiet fuq Meta Platforms li tadatta dawn il-kundizzjonijiet ġenerali, b'tali mod li minnhom ikun jirriżulta b'mod ċar li l-imsemmija data ma tkunx ser tinġabar, titqiegħed f'korrelazzjoni mal-kontijiet ta' utenti Facebook u tintuża mingħajr il-kunsens tal-utenti kkonċernati. Fl-aħħar nett, din l-awtorità enfasizzat li tali kunsens ma kienx validu meta dan kien jikkostitwixxi

kundizzjoni għall-użu tan-network soċjali. Hija mmotivat id-deċiżjoni tagħha bil-fatt li l-ipproċessar tad-data inkwistjoni, li ma kienx konformi mal-GDPR, kien jikkostitwixxi operat abbużiv tal-pożizzjoni dominanti ta’ Meta Platforms fis-suq tan-networks soċjali online.

Meta Platforms ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem l-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta’ Düsseldorf, il-Ġermanja). Peress li kellha dubji, fost l-oħrajn, dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet tal-GDPR, il-Qorti Reġjonali Superjuri ta’ Düsseldorf ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Permezz tas-sentenza tagħha, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, hija għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-possibbiltà tal-ipproċessar, minn operatur ta’ network soċjali, ta’ data personali “sensittiva” tal-utenti tiegħu, dwar il-kundizzjonijiet għal-legalità tal-ipproċessar tad-data mwettaq minn tali operatur kif ukoll dwar il-validità tal-kunsens, mogħti għall-finijiet ta’ tali pproċessar minn dawn l-utenti, lil impriża f’pożizzjoni dominanti fis-suq nazzjonali tan-networks soċjali online.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ipproċessar ta’ kategoriji speċjali ta’ data personali [98], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fil-każ fejn utent ta’ network soċjali online jikkonsulta siti internet jew applikazzjonijiet relatati ma’ waħda jew iktar minn dawn il-kategoriji u, jekk ikun il-każ, idaħħal fihom data meta jabbona ruħu jew iwettaq ordnijiet online, l-ipproċessar ta’ data personali mill-operatur ta’ dan in-network soċjali online [99], għandu jitqies li jkun “[i]pproċessar ta’ kategoriji speċjali ta’ data personali”, fis-sens tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR, meta jkun jippermetti li tiġi żvelata informazzjoni li taqa’ taħt waħda minn dawn il-kategoriji speċjali, kemm jekk din l-informazzjoni tkun tikkonċerna utent ta’ dan in-network jew kwalunkwe persuna fiżika oħra. Tali pproċessar ta’ data huwa bħala prinċipju pprojbit, bla ħsara għal ċerti derogi [100].

F’dan l-aħħar rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta utent ta’ network soċjali online jikkonsulta siti internet jew applikazzjonijiet b’rabta ma’ waħda jew iktar mill-imsemmija kategoriji speċjali ta’ data, huwa ma jagħmilx manifestament pubblika [101] d-data relatata ma’ din il-konsultazzjoni, miġbura mill-operatur ta’ dan in-network soċjali online permezz ta’ cookies jew ta’ teknoloġiji ta’ reġistrazzjoni simili. Barra minn hekk,

---

[98] Imsemmija fl-Artikolu 9(1) tal-GDPR. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li “[l]-ipproċessar ta’ data personali, li jiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta’ data ġenetika, data bijometrika sabiex tidentifika b’mod uniku persuna fiżika, data dwar is-saħħa jew data dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta’ persuna fiżika huma projbiti.”

[99] Dan l-ipproċessar jikkonsisti fil-ġbir, permezz ta’ interfaċċi integrati, ta’ cookies jew ta’ teknoloġiji ta’ reġistrazzjoni simili, tad-data li tirriżulta mill-konsultazzjoni ta’ dawn is-siti u ta’ dawn l-applikazzjonijiet kif ukoll tad-data mdaħħla mill-utent, fil-korrelazzjoni ta’ din id-data kollha mal-kont tan-network soċjali tiegħu u fl-użu tal-imsemmija data minn dan l-operatur.

[100] Previsti fl-Artikolu 9(2) tal-GDPR. Din id-dispożizzjoni tipprovdi: “[i]l-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk japplika wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) is-suġġett tad-data jkun ta kunsens espliċitu għall-ipproċessar ta’ dik id-data personali għal fini speċifiku wieħed jew aktar, għajr fejn il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi ta’ Stat Membru tipprevedi li l-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tistax titneħħa mis-suġġett tad-data; […]

(e) l-ipproċessar ikun relatat ma’ data personali li b’mod ċar tkun saret pubblika mis-suġġett tad-data;

(f) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta’ talbiet legali jew kull darba li l-qrati jkunu qed jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom;

[…]”.

[101] Fis-sens tal-Artikolu 9(2)(e) tal-GDPR.

meta jdaħħal data f'tali siti internet jew f'tali applikazzjonijiet jew meta jattiva buttuni ta' selezzjoni integrati f'dawn is-siti u f'dawn l-applikazzjonijiet, bħall-buttuni "Like" jew "Share", jew il-buttuni li jippermettu lill-utent jidentifika ruħu f'dawn is-siti jew f' dawn l-applikazzjonijiet billi juża l-identifikaturi ta' konnessjoni marbuta mal-kont tiegħu ta' utent tan-network soċjali, in-numru tat-telefon tiegħu jew l-indirizz elettroniku tiegħu, tali utent jagħmel manifestament pubblika d-data hekk imdaħħla jew li tirriżulta mill-attivazzjoni ta' dawn il-buttuni biss fil-każ fejn huwa jkun esprima b'mod espliċitu l-għażla tiegħu minn qabel, jekk ikun il-każ abbażi ta' parametraġġ individwali mwettaq b'għarfien sħiħ tal-fatti, li jagħmel id-data li tikkonċernah pubblikament aċċessibbli għal numru illimitat ta' persuni.

Fir-rigward, b'mod iktar ġenerali, tal-kundizzjonijiet għal-legalità ta' pproċessar ta' data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-GDPR, l-ipproċessar ta' data jkun legali biss jekk, u sakemm, is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens tiegħu sabiex id-data tiegħu tiġi pproċessata għal skop speċifiku wieħed jew iktar [102]. Fl-assenza ta' tali kunsens, jew meta dan il-kunsens ma jkunx ingħata b'mod liberu, speċifiku, informat u inekwivoku, tali pproċessar ikun madankollu ġġustifikat meta dan ikun jissodisfa wieħed mir-rekwiżiti ta' neċessità [103], li għandhom jiġu interpretati b'mod strett. Issa, l-ipproċessar ta' data personali tal-utenti tiegħu mwettaq minn operatur ta' network soċjali online jista' jitqies li jkun neċessarju għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt li fih dawn l-utenti jkunu partijiet biss bil-kundizzjoni li dan l-ipproċessar ikun oġġettivament indispensabbli sabiex jintlaħaq skop li jagħmel parti integrali mis-servizz kuntrattwali intiż għall-imsemmija utenti, b'tali mod li l-għan prinċipali tal-kuntratt ma jkunx jista' jintlaħaq fl-assenza ta' dan l-ipproċessar.

Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ipproċessar ta' data inkwistjoni jista' jitqies li huwa neċessarju għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija mill-kontrollur jew minn terz biss bil-kundizzjoni li l-imsemmi operatur ikun indika lill-utenti li mingħandhom id-data tkun inġabret interess leġittimu mfittex mill-ipproċessar tagħha, li dan l-ipproċessar isir fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-interess leġittimu u li minn ibbilanċjar tal-interessi opposti jkun jirriżulta, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, li l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ta' dawn l-utenti ma jkunux jipprevalu fuq l-imsemmi interess leġittimu tal-kontrollur jew ta' terz. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset b'mod partikolari li, fl-assenza ta' kunsens min-naħa tagħhom, l-interessi u d-drittijiet fundamentali tal-imsemmija utenti jipprevalu fuq l-interess tal-operatur ta' network soċjali online fil-personalizzazzjoni tar-reklamar li permezz tiegħu huwa jiffinanzja l-attività tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-ipproċessar tad-data inkwistjoni jkun iġġustifikat meta dan ikun effettivament neċessarju għall-osservanza ta' obbligu legali li

---

[102] Skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR.

[103] Imsemmija fil-punti (b) sa (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-ipproċessar ikun legali biss jekk, u sa fejn, dan ikun, *inter alia*, neċessarju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt li s-suġġett tad-data jkun parti minnu (il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR), għall-osservanza ta' obbligu legali li għalih il-kontrollur huwa suġġett (il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR) jew għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija mill-kontrollur jew minn terz (il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR).

għalih ikun suġġett il-kontrollur, skont dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt tal-Istat Membru kkonċernat, meta din il-bażi legali tkun tissodisfa għan ta' interess pubbliku u tkun proporzjonata għall-għan leġittimu mfittex u meta dan l-ipproċessar isir fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju.

Fir-rigward tal-validità tal-kunsens tal-utenti kkonċernati għall-ipproċessar tad-data tagħhom skont il-GDPR, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li l-operatur ta' network soċjali online jokkupa pożizzjoni dominanti fis-suq tan-networks soċjali online ma jipprekludix, bħala tali, li l-utenti ta' tali network ikunu jistgħu validament jagħtu l-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom imwettaq minn dan l-operatur. Madankollu, peress li tali pożizzjoni tista' taffettwa l-libertà ta' għażla ta' dawn l-utenti u toħloq żbilanċ manifest bejnhom u l-imsemmi operatur, din tikkostitwixxi element importanti sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kunsens effettivament jkunx ingħata validament u, b'mod partikolari, liberament, fatt li jkollu jiġi pprovat mill-imsemmi operatur [104].

B'mod partikolari, l-utenti tan-network soċjali inkwistjoni għandhom ikollhom il-libertà li jirrifjutaw individwalment, fil-kuntest tal-proċess kuntrattwali, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal operazzjonijiet speċifiċi ta' pproċessar ta' data mhux neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt mingħajr madankollu ma jkunu obbligati jirrinunzjaw kompletament għall-użu ta' dan in-network soċjali online, fatt li jimplika li l-imsemmija utenti jiġu offruti, jekk ikun il-każ kontra ħlas xieraq, alternattiva ekwivalenti mhux akkumpanjata minn tali operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data. Barra minn hekk, għandu jkun jista' jingħata kunsens separat għall-ipproċessar tad-data off Facebook.

# VI. Awtoritajiet nazzjonali superviżorji

## 1. Portata tar-rekwiżit ta' indipendenza

***Sentenza tad-9 ta' Marzu 2010 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-518/07, EU:C:2010:125)***

Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46, billi ssuġġettat għall-iskrutinju tal-Istat l-awtoritajiet superviżorji kompetenti għas-superviżjoni tal-ipproċessar tad-data personali fis-settur mhux pubbliku fid-diversi Länder, u billi b'hekk ittrasponiet b'mod

104 Bis-saħħa tal-Artikolu 7(1) tal-GDPR.

żbaljat ir-rekwiżit ta' "indipendenza totali" tal-awtoritajiet responsabbli sabiex jiggarantixxu l-protezzjoni ta' din id-data.

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja qieset, min-naħa tagħha, li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46 kien jirrikjedi l-indipendenza funzjonali tal-awtoritajiet superviżorji, fis-sens li dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu indipendenti mis-settur mhux pubbliku suġġett għall-kontroll tagħhom u ma għandhomx jiġu esposti għal influwenzi esterni. Issa, fil-fehma tagħha, l-iskrutinju tal-Istat eżerċitat fil-Länder Ġermaniżi ma kienx jikkostitwixxi tali influwenza esterna, iżda mekkaniżmu ta' superviżjoni interna għall-amministrazzjoni, implimentat minn awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess struttura amministrattiva bħall-awtoritajiet superviżorji u li huma marbuta, bħal dawn tal-aħħar, li jissodisfaw l-għanijiet tad-Direttiva 95/46.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-garanzija ta' indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali superviżorji prevista mid-Direttiva 95/46 hija intiża li tiżgura l-effikaċja u l-affidabbiltà tas-superviżjoni tal-osservanza tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u għandha tiġi interpretata fid-dawl ta' dan l-għan. Hija ma ġietx stabbilita bil-għan li tagħti status partikolari lil dawn l-awtoritajiet innifishom kif ukoll lill-aġenti tagħhom, iżda bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-persuni u tal-korpi kkonċernati mid-deċiżjonijiet tagħhom, bil-konsegwenza li, meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawn l-awtoritajiet superviżorji kompetenti għas-superviżjoni tal-ipproċessar tad-data personali fis-settur mhux pubbliku għandhom igawdu minn indipendenza li tippermettilhom jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom mingħajr influwenza esterna. Din l-indipendenza teskludi mhux biss kull influwenza eżerċitata mill-korpi li jaqgħu taħt superviżjoni, iżda wkoll kull ordni u kull influwenza esterna oħra, kemm jekk diretta jew indiretta, li tista' tmur kontra t-twettiq, minn dawn l-awtoritajiet, tal-kompitu tagħhom li jistabbilixxu bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u l-moviment liberu tad-data personali. Is-sempliċi riskju li l-awtoritajiet ta' skrutinju jistgħu jeżerċitaw influwenza politika fuq id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti huwa biżżejjed sabiex l-eżerċizzju indipendenti tad-dmirijiet tagħhom jiġi ostakolat. Minn naħa, jista' jkun hemm "ubbidjenza mistennija" min-naħa ta' dawn l-awtoritajiet fid-dawl tal-prassi deċiżjonali tal-awtorità ta' skrutinju. Min-naħa l-oħra, ir-rwol tal-gwardjani tad-dritt għall-ħajja privata li jassumu dawn l-awtoritajiet superviżorji jeżiġi li d-deċiżjonijiet tagħhom, u għaldaqstant huma stess, ikunu 'l fuq minn kull suspett ta' parzjalità. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-iskrutinju tal-Istat eżerċitat fuq l-awtoritajiet nazzjonali superviżorji ma kienx għalhekk kompatibbli mar-rekwiżit ta' indipendenza.

***Sentenza tas-16 ta' Ottubru 2012 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-614/10, EU:C:2012:631)***

Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi ma ħaditx il-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fl-Awstrija tissodisfa l-kriterju ta' indipendenza fir-rigward tad-Datenschutzkommission (il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-Data), imwaqqfa bħala awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data personali, l-Awstrija kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat nuqqas min-naħa tal-Awstrija, billi qieset, essenzjalment, li ma jkunx qed jissodisfa l-kriterju ta' indipendenza tal-awtorità superviżorja, stabbilit permezz tad-Direttiva 95/46, dak l-Istat Membru li jistabbilixxi qafas regolamentari li permezz tiegħu l-membru amministratur tal-imsemmija awtorità jkun uffiċjal tal-Istat suġġett għal skrutinju dipartimentali, l-uffiċċju ta' din l-awtorità jkun integrat mad-dipartimenti tal-gvern nazzjonali, u fil-konfront tagħha l-kap tal-gvern nazzjonali jkollu dritt inkundizzjonat għall-informazzjoni fuq l-aspetti kollha tat-tmexxija tal-imsemmija awtorità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li l-kliem "b'indipendenza sħiħa", li jinsab fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46, jimplika li l-awtoritajiet superviżorji għandhom igawdu minn indipendenza li tippermettilhom jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom mingħajr influwenza esterna. F'dan ir-rigward, il-fatt li tali awtorità jkollha indipendenza funzjonali, billi l-membri tagħha jkunu indipendenti u ma jieħdu ebda istruzzjoni fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom, ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex din l-awtorità superviżorja tkun protetta minn kull influwenza esterna. Madankollu, l-indipendenza meħtieġa f'dan il-kuntest hija intiża li teskludi mhux biss l-influwenza diretta, fil-forma ta' istruzzjonijiet, iżda wkoll kwalunkwe forma ta' influwenza indiretta li tista' tinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-awtorità superviżorja. Barra minn hekk, fid-dawl tar-rwol ta' gwardjani tad-dritt għall-ħajja privata li jassumu l-awtoritajiet superviżorji, id-deċiżjonijiet tagħhom, u għaldaqstant huma stess, għandhom ikunu 'l fuq minn kull suspett ta' parzjalità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex tkun tista' tissodisfa l-kriterju ta' indipendenza stabbilit fid-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq tad-Direttiva 95/46, ma huwiex meħtieġ li awtorità nazzjonali superviżorja jkollha allokazzjoni baġitarja awtonoma, bħal dik prevista fl-Artikolu 43(3) tar-Regolament Nru 45/2001. L-Istati Membri, fil-fatt, ma humiex meħtieġa jinkludu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet simili għal dawk tal-Kapitolu V tar-Regolament Nru 45/2001 sabiex jiżguraw indipendenza totali għall-awtorità (awtoritajiet) tagħhom ta' superviżjoni u għalhekk jistgħu jipprovdu li, f'termini ta' baġit, l-awtorità superviżorja tiddependi minn dipartiment ministerjali speċifiku. Madankollu, l-allokazzjoni tar-riżorsi umani u materjali meħtieġa għal tali awtorità ma għandhiex iżżommha milli teżerċita d-dmirijiet tagħha "b'indipendenza sħiħa" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46.

***Sentenza tat-8 ta' April 2014 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-288/12, EU:C:2014:237)***

F'din il-kawża, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi tterminat b'mod antiċipat il-mandat tal-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data personali, l-Ungerija kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 95/46.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru li jittermina b'mod antiċipat il-mandat tal-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data personali jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva 95/46.

Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-indipendenza li għandhom igawdu minnha l-awtoritajiet superviżorji kompetenti għas-superviżjoni tal-ipproċessar tal-imsemmija data teskludi b'mod partikolari kull ordni u kull influwenza esterna oħra fi kwalunkwe forma, indipendentement minn jekk din tkunx diretta jew indiretta, li jkunu jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom u li b'hekk ikunu jistgħu jmorru kontra t-twettiq, minn dawn l-awtoritajiet, tal-kompitu tagħhom li jistabbilixxu bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u l-moviment liberu tad-data personali.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li peress li l-indipendenza funzjonali ma hijiex suffiċjenti, waħedha, sabiex l-awtoritajiet superviżorji jkunu protetti minn kull influwenza esterna, is-sempliċi riskju li l-awtoritajiet ta' skrutinju ta' Stat jistgħu jeżerċitaw influwenza politika fuq id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji huwa biżżejjed sabiex jiġi ostakolat l-eżerċizzju indipendenti tad-dmirijiet tagħhom. Issa, li kieku kien permess li kull Stat Membru jittermina l-mandat ta' awtorità superviżorja qabel it-terminu previst inizjalment ta' din tal-aħħar mingħajr ma josserva r-regoli u l-garanziji stabbiliti minn qabel għal dan il-għan mil-leġiżlazzjoni applikabbli, it-theddida ta' tali terminazzjoni antiċipata li tkun għalhekk suġġetta għaliha din l-awtorità matul l-eżerċizzju tal-mandat tagħha tista' twassal għal forma ta' ubbidjenza ta' din tal-aħħar għall-poter politiku, li hija inkompatibbli mal-imsemmi rekwiżit ta' indipendenza. Barra minn hekk, f'tali sitwazzjoni, l-awtorità superviżorja ma tistax titqies li tkun tista' topera, fi kwalunkwe ċirkustanza, 'il fuq minn kull suspett ta' parzjalità.

## 2. Determinazzjoni tad-dritt applikabbli u tal-awtorità superviżorja kompetenti

***Sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, Weltimmo (C-230/14, EU:C:2015:639)***

In-Nemzeti Adatvédelmi és Információszabadság Hatóság (l-Awtorità Nazzjonali Responsabbli għall-Protezzjoni tad-Data u għal-Libertà ta' Informazzjoni, l-Ungerija) kienet imponiet multa fuq il-kumpannija Weltimmo, li hija rreġistrata fis-Slovakkja u li topera siti internet b'reklami dwar proprjetà immobbli fir-rigward ta' beni li jinsabu fl-Ungerija, għar-raġuni li kienet naqset milli tħassar id-data personali tal-persuni li

rreklamaw fuq dawn is-siti, minkejja t-talba tagħhom f'dan is-sens, u kienet ikkomunikat din id-data lil aġenziji li jispeċjalizzaw fl-irkupru ta' ammonti dovuti sabiex tikseb il-ħlas ta' fatturi mhux imħallsa. Skont l-awtorità superviżorja Ungeriża, il-kumpannija Weltimmo kienet b'hekk kisret il-liġi Ungeriża li tittrasponi d-Direttiva 95/46.

Adita b'appell fil-kassazzjoni, il-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) esprimiet dubji dwar id-determinazzjoni tad-dritt applikabbli u dwar is-setgħat li għandha l-awtorità superviżorja Ungeriża taħt l-Artikoli 4(1) u 28 tad-Direttiva 95/46. Konsegwentement, hija għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi preliminari.

Fir-rigward tad-dritt nazzjonali applikabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 95/46 jippermetti l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali ta' Stat Membru li ma jkunx dak li fih il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar ta' din id-data jkun irreġistrat, sakemm dan il-kontrollur jeżerċita, permezz ta' arranġament stabbli fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, attività effettiva u reali, anki minima, li fil-kuntest tagħha jsir dan l-ipproċessar. Sabiex tiddetermina jekk dan huwiex il-każ, il-qorti tar-rinviju tista', b'mod partikolari, tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt, minn naħa, li l-attività tal-kontrollur responsabbli għall-imsemmi pproċessar, li fil-kuntest tagħha jsir dan l-ipproċessar, tikkonsisti fl-amministrazzjoni ta' siti internet b'reklami dwar proprjetà immobbli fir-rigward ta' beni immobbli li jinsabu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u redatti bil-lingwa tiegħu u li din l-attività hija għaldaqstant diretta prinċipalment, jekk mhux kompletament, lejn l-imsemmi Stat Membru. Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tista' tieħu inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li dan il-kontrollur għandu rappreżentant fl-imsemmi Stat Membru, li huwa responsabbli għall-irkupru tal-ammonti dovuti li jirriżultaw minn din l-attività kif ukoll sabiex jirrappreżentah fil-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji relatati mal-ipproċessar tad-data kkonċernata. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kwistjoni tan-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati minn dan l-ipproċessar ta' data hija irrilevanti.

Għal dak li jirrigwarda l-kompetenza u s-setgħat tal-awtorità superviżorja li sarulha lmenti, skont l-Artikolu 28(4) tad-Direttiva 95/46, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din l-awtorità tista' teżamina dawn l-ilmenti irrispettivament mid-dritt applikabbli u anki qabel ma tkun taf liema huwa d-dritt nazzjonali applikabbli għall-ipproċessar inkwistjoni. Madankollu, jekk hija tasal għall-konklużjoni li d-dritt ta' Stat Membru ieħor huwa applikabbli, hija ma tkunx tista' timponi sanzjonijiet barra mit-territorju tal-Istat Membru tagħha. F'tali sitwazzjoni, hija għandha, sabiex jiġi eżegwit l-obbligu ta' kooperazzjoni previst fl-Artikolu 28(6) ta' din id-direttiva, titlob lill-awtorità superviżorja ta' dan l-Istat Membru l-ieħor tikkonstata ksur eventwali ta' dan id-dritt u timponi sanzjonijiet jekk dan id-dritt jippermetti dan, billi tibbaża ruħha, jekk ikun meħtieġ, fuq l-informazzjoni li hija tkun ittrażmettitilha.

## 3. Setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali superviżorji

***Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015 (Awla Manja), Schrems (C-362/14, EU:C:2015:650)***

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsima IV, intitolata "Trasferiment ta' data personali lejn pajjiżi terzi"), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet nazzjonali superviżorji huma kompetenti sabiex iwettqu superviżjoni tat-trasferimenti ta' data personali lejn pajjiżi terzi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel nett, li l-awtoritajiet nazzjonali superviżorji għandhom firxa wiesgħa ta' setgħat, elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46, li jikkostitwixxu mezzi meħtieġa sabiex iwettqu dmirijiethom. B'dan il-mod, l-imsemmija awtoritajiet għandhom, b'mod partikolari, setgħat ta' investigazzjoni, bħas-setgħa li jiġbru l-informazzjoni kollha neċessarja għat-twettiq tal-missjoni ta' superviżjoni tagħhom, setgħat effettivi li jintervjenu, bħas-setgħa li jipprojbixxu temporanjament jew definittivament ipproċessar ta' data, kif ukoll *locus standi in judicio*.

Fir-rigward tas-setgħa ta' superviżjoni tat-trasferimenti ta' data personali lejn pajjiżi terzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa minnu li mill-Artikolu 28(1) u (6) tad-Direttiva 95/46 jirriżulta li s-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali superviżorji jirrigwardaw l-ipproċessar ta' data personali mwettaq fit-territorju tal-Istat Membru fejn jinsabu dawn l-awtoritajiet, b'tali mod li huma ma għandhomx setgħat, abbażi ta' dan l-Artikolu 28, fir-rigward tal-ipproċessar ta' tali data mwettaq fit-territorju ta' pajjiż terz.

Madankollu, l-operazzjoni li tikkonsisti fit-trasferiment tad-data personali minn Stat Membru lejn pajjiż terz tikkostitwixxi, bħala tali, ipproċessar ta' data personali mwettaq fit-territorju ta' Stat Membru. Konsegwentement, peress li l-awtoritajiet nazzjonali superviżorji huma, skont l-Artikolu 8(3) tal-Karta u l-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46, inkarigati mis-superviżjoni tal-osservanza tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, kull waħda minnhom hija kompetenti li tivverifika jekk trasferiment ta' data personali mill-Istat Membru fejn hija stabbilita lejn pajjiż terz josservax ir-rekwiżiti imposti minn din id-direttiva.

***Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018 (Awla Manja), Wirtschaftsakademie Schleswig-Holstein (C-210/16, EU:C:2018:388)***

F'din is-sentenza (ara wkoll it-Taqsima II.5, intitolata "Kunċett ta' 'kontrollur responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali'") li kienet tikkonċerna, *inter alia*, l-interpretazzjoni tal-Artikoli 4 u 28 tad-Direttiva 95/46, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-portata tas-setgħat ta' intervent li għandhom l-awtoritajiet superviżorji fir-rigward ta' pproċessar ta' data personali li jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' diversi operaturi.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta impriża stabbilita barra mill-Unjoni (bħalma hija l-kumpannija Amerikana Facebook) jkollha diversi stabbilimenti fi Stati Membri differenti, l-awtorità superviżorja ta' Stat Membru hija awtorizzata teżerċita s-setgħat mogħtija lilha mill-Artikolu 28(3) ta' din id-direttiva fir-rigward ta' stabbiliment ta' din l-impriża li jkun jinsab fit-territorju ta' dan l-Istat Membru (f'dan il-każ, Facebook Germany), minkejja li, skont it-tqassim tal-kompiti fi ħdan il-grupp, minn naħa, dan l-istabbiliment ikun responsabbli biss għall-bejgħ ta' spazji ta' reklami u għal attivitajiet oħra ta' kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru u, min-naħa l-oħra, ir-responsabbiltà esklużiva għall-ġbir u għall-ipproċessar tad-data personali taqa', fir-rigward tat-territorju kollu tal-Unjoni, fuq stabbiliment li jinsab fi Stat Membru ieħor (f'dan il-każ, Facebook Ireland).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, meta l-awtorità superviżorja ta' Stat Membru jkollha l-intenzjoni teżerċita, fil-konfront ta' organu stabbilit fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, is-setgħat ta' intervent previsti fl-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46 minħabba ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali mwettaq minn terz li jkun il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar ta' din id-data u li jkollu s-sede tiegħu fi Stat Membru ieħor (f'dan il-każ, Facebook Ireland), din l-awtorità superviżorja tkun kompetenti sabiex tevalwa, b'mod awtonomu fil-konfront tal-awtorità superviżorja ta' dan l-aħħar Stat Membru (l-Irlanda), il-legalità ta' tali pproċessar ta' data u tkun tista' teżerċita s-setgħat ta' intervent tagħha fil-konfront tal-organu stabbilit fit-territorju tagħha mingħajr ma titlob l-intervent minn qabel tal-awtorità superviżorja tal-Istat Membru l-ieħor.

***Sentenza tal-15 ta' Ġunju 2021 (Awla Manja), Facebook Ireland et (C-645/19, EU:C:2021:483)***

Fil-11 ta' Settembru 2015, il-President tal-Commissie ter bescherming van de persoonlijke levenssfeer (il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Ħajja Privata, il-Belġju) (iktar 'il quddiem il-"KPĦP") fetaħ, quddiem in-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Olandiża, il-Belġju), kawża għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Facebook Ireland, Facebook Inc. u Facebook Belgium, intiża li jintemm ksur, allegatament imwettaq minn Facebook, tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Dan il-ksur kien jikkonsisti b'mod partikolari fil-ġabra u fl-użu ta' informazzjoni dwar l-aġir tan-navigazzjoni tal-utenti tal-internet Belġjani, detenturi jew le ta' kont Facebook, permezz ta' diversi teknoloġiji bħalma huma l-cookies, il-plugins soċjali [105] jew il-pixels.

Fis-16 ta' Frar 2018, dik il-qorti ddikjarat li kellha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar din il-kawża u, fil-mertu, iddeċidiet li n-network soċjali Facebook ma kienx informa b'mod suffiċjenti lill-utenti tal-internet Belġjani bil-ġbir u bl-użu tal-informazzjoni

[105] Pereżempju, il-buttuni "Like" jew "Share".

kkonċernata. Barra minn hekk, il-kunsens mogħti mill-utenti tal-internet għall-ġbir u għall-ipproċessar tal-imsemmija informazzjoni tqies li ma kienx validu.

Fit-2 ta’ Marzu 2018, Facebook Ireland, Facebook Inc. u Facebook Belgium appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Hof van beroep te Brussel (il-Qorti tal-Appell ta’ Brussell, il-Belġju), li hija l-qorti tar-rinviju f’din il-kawża. Quddiem dik il-qorti, il-Gegevensbeschermingsautoriteit (l-Awtorità għall-Protezzjoni ta-d-Data, il-Belġju) (iktar ’il quddiem l-“APD”) aġixxiet bħala s-suċċessur legali tal-President tal-KPĦP. Il-qorti tar-rinviju ddikjarat li kellha ġurisdizzjoni biss sabiex tiddeċiedi fuq l-appell ippreżentat minn Facebook Belgium.

Il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar l-impatt tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ “punt uniku ta’ servizz” previst fil-GDPR [106] fuq il-kompetenzi tal-APD u qajmet, b’mod iktar partikolari, il-kwistjoni dwar jekk, għall-fatti sussegwenti għad-dħul fis-seħħ tal-GDPR, jiġifieri fil-25 ta’ Mejju 2018, l-APD kinitx tista’ taġixxi kontra Facebook Belgium, peress li kienet Facebook Ireland li kienet ġiet identifikata bħala l-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar tad-data kkonċernata. Fil-fatt, minn din id-data u b’mod partikolari skont il-prinċipju ta’ “punt uniku ta’ servizz” previst fil-GDPR, huwa biss id-Data Protection Commissioner (il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data, l-Irlanda) li huwa kompetenti sabiex jiftaħ kawża għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni, taħt l-istħarriġ tal-qrati Irlandiżi.

Fis-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fil-kuntest tal-GDPR. F’dan is-sens, hija ddeċidiet b’mod partikolari li dan ir-regolament jawtorizza, taħt ċerti kundizzjonijiet, lil awtorità superviżorja ta’ Stat Membru teżerċita s-setgħa tagħha li tressaq kwalunkwe ksur tal-GDPR quddiem qorti ta’ dan l-Istat u tiftaħ proċeduri ġudizzjarji fir-rigward ta’ pproċessar transkonfinali ta’ data [107], anki meta hija ma tkunx l-awtorità ewlenija fir-rigward ta’ dan l-ipproċessar.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kundizzjonijiet li fihom awtorità superviżorja nazzjonali, li ma jkollhiex il-kwalità ta’ awtorità ewlenija fir-rigward ta’ pproċessar transkonfinali, għandha teżerċita s-setgħa tagħha li tressaq kull allegat ksur tal-GDPR quddiem qorti ta’ Stat Membru u, jekk ikun il-każ, li tiftaħ proċeduri ġudizzjarji sabiex tiżgura l-applikazzjoni ta’ dan ir-regolament. B’hekk, minn naħa, il-GDPR għandu jagħti lil din l-awtorità superviżorja kompetenza sabiex tadotta deċiżjoni li tikkonstata li dan l-ipproċessar jikser ir-regoli previsti f’dan ir-regolament u, min-naħa l-oħra, din is-setgħa għandha tiġi eżerċitata b’osservanza tal-proċeduri ta’ kooperazzjoni u ta’ konsistenza previsti f’dan ir-regolament [108].

---

106 Skont l-Artikolu 56(1) tal-GDPR: “Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 55, l-awtorità superviżorja tal-istabbiliment ewlieni jew tal-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew il-proċessur għandha tkun kompetenti biex taġixxi bħala l-awtorità superviżorja ewlenija għall-ipproċessar transkonfinali li jsir minn dak il-kontrollur jew proċessur”.

107 Fis-sens tal-punt 23 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

108 Previsti fl-Artikoli 56 u 60 tal-GDPR.

Fil-fatt, fir-rigward tal-ipproċessar transkonfinali, il-GDPR jipprevedi l-mekkaniżmu ta' "punt uniku ta' servizz" [109], li huwa bbażat fuq tqassim tal-kompetenzi bejn "awtorità superviżorja ewlenija" u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kkonċernati l-oħra. Dan il-mekkaniżmu jeżiġi kooperazzjoni mill-qrib, leali u effettiva bejn dawn l-awtoritajiet, sabiex tiġi żgurata protezzjoni konsistenti u omoġenea tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali u b'hekk sabiex jinżamm l-effett utli tiegħu. F'dan ir-rigward, il-GDPR jistabbilixxi l-kompetenza bħala prinċipju tal-awtorità superviżorja ewlenija sabiex tadotta deċiżjoni li tikkonstata li ppproċessar transkonfinali jikser ir-regoli previsti f'dan ir-regolament [110], filwaqt li l-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali l-oħra sabiex jadottaw tali deċiżjoni, anki b'mod provviżorju, tikkostitwixxi l-eċċezzjoni [111]. Madankollu, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha, l-awtorità superviżorja ewlenija ma tistax tevita djalogu indispensabbli kif ukoll kooperazzjoni leali u effettiva mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra. Għalhekk, fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, l-awtorità superviżorja ewlenija ma tistax tinjora l-fehmiet tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra u kull oġġezzjoni rilevanti u motivata magħmula minn waħda minn dawn l-awtoritajiet tal-aħħar ikollha l-effett li twaqqaf, tal-inqas temporanjament, l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-fatt li awtorità superviżorja ta' Stat Membru li ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija fir-rigward ta' pproċessar transkonfinali ta' data ma tkunx tista' teżerċita s-setgħa li tressaq kull allegat ksur tal-GDPR quddiem qorti ta' dan l-Istat u ma tkunx tista' tibda proċeduri ġudizzjarji sakemm ma tosservax ir-regoli dwar it-tqassim tal-kompetenzi deċiżjonali bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji l-oħra [112] huwa konformi mal-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta, li jiggarantixxu lis-suġġett tad-data, rispettivament, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tagħha u d-dritt għal rimedju effettiv.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-każ ta' pproċessar transkonfinali ta' data, għall-eżerċizzju tas-setgħa ta' awtorità superviżorja ta' Stat Membru, li ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija, li tibda proċeduri ġudizzjarji [113], ma huwiex meħtieġ li l-kontrollur jew il-proċessur fir-rigward tal-ipproċessar transkonfinali ta' data personali li kontrihom jinbdew dawn il-proċeduri jkollhom stabbiliment ewlieni jew stabbiliment ieħor fit-territorju ta' dan l-Istat Membru. Madankollu, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa għandha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR [114], li jeħtieġ li l-kontrollur jew il-proċessur fir-rigward tal-ipproċessar transkonfinali jkollu stabbiliment fit-territorju tal-Unjoni.

---

[109] Artikolu 56(1) tal-GDPR.
[110] Artikolu 60(7) tal-GDPR.
[111] L-Artikolu 56(2) u l-Artikolu 66 tal-GDPR jistabbilixxu l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' kompetenza deċiżjonali tal-awtorità superviżorja ewlenija.
[112] Previsti fl-Artikoli 55 u 56 tal-GDPR, moqrija flimkien mal-Artikolu 60 tiegħu.
[113] Skont l-Artikolu 58(5) tal-GDPR.
[114] L-Artikolu 3(1) tal-GDPR jipprevedi li dan ir-regolament japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq "fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbilment ta' kontrollur jew proċessur fl-Unjoni, indipendentement minn jekk l-ipproċessar iseħħx fl-Unjoni jew le".

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-każ ta' pproċessar transkonfinali ta' data, is-setgħa ta' awtorità superviżorja ta' Stat Membru, li ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija, li tressaq kull allegat ksur tal-GDPR quddiem qorti ta' dan l-Istat u, jekk ikun il-każ, tibda proċeduri ġudizzjarji tista' tiġi eżerċitata kemm fir-rigward tal-istabbiliment ewlieni tal-kontrollur li jkun jinsab fl-Istat Membru li taħtu taqa' din l-awtorità u kemm fir-rigward ta' stabbiliment ieħor ta' dan il-kontrollur, sakemm il-proċeduri ġudizzjarji jkunu jikkonċernaw ipproċessar ta' data mwettaq fil-kuntest tal-attivitajiet ta' dan l-istabbiliment u sakemm l-imsemmija awtorità tkun kompetenti sabiex teżerċita din is-setgħa.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-eżerċizzju ta' din is-setgħa jeżiġi li l-GDPR ikun applikabbli. F'dan il-każ, peress li l-attivitajiet tal-istabbiliment tal-grupp Facebook li jinsab fil-Belġju kienu marbuta b'mod indiviżibbli mal-ipproċessar ta' data personali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li Facebook Ireland kienet il-kontrollur responsabbli għalih fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni, dan l-ipproċessar kien jitwettaq "fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbiliment tal-kontrollur" u għalhekk kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta awtorità superviżorja ta' Stat Membru li ma tkunx l-"awtorità superviżorja ewlenija" tkun bdiet, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-GDPR, proċeduri ġudizzjarji dwar ipproċessar transkonfinali ta' data personali, dawn il-proċeduri jistgħu, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, jinżammu abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46, li tibqa' applikabbli fir-rigward tal-ksur tar-regoli previsti fiha mwettaq sad-data li fiha tħassret din id-direttiva. Barra minn hekk, l-imsemmija proċeduri jistgħu jinbdew minn din l-awtorità fir-rigward ta' ksur imwettaq wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-GDPR, sakemm tkun f'waħda mis-sitwazzjonijiet li fihom, bħala eċċezzjoni, dan ir-regolament jagħti lil din l-istess awtorità kompetenza sabiex tadotta deċiżjoni li tikkonstata li l-ipproċessar ta' data kkonċernat jikser ir-regoli previsti f'dan ir-regolament u b'osservanza tal-proċeduri ta' kooperazzjoni u ta' konsistenza previsti fl-istess regolament.

Fil-ħames u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-effett dirett tad-dispożizzjoni tal-GDPR li tipprovdi li kull Stat Membru għandu jipprevedi, b'liġi, li l-awtorità superviżorja tiegħu għandu jkollha s-setgħa li tressaq kull ksur ta' dan ir-regolament għall-attenzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji u, jekk ikun il-każ, tiftaħ proċeduri ġudizzjarji. Għaldaqstant, tali awtorità tista' tinvoka din id-dispożizzjoni sabiex tiftaħ jew tkompli kawża kontra individwi, anki jekk din id-dispożizzjoni ma tkunx ġiet implimentata b'mod speċifiku fil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

***Sentenza tas-16 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), Österreichische Datenschutzbehörde (C-33/22, EU:C:2024:46)***

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsima II.1., intitolata "Kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ġenerali"), il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-dispożizzjonijiet tal-GDPR dwar il-kompetenza

tal-awtoritajiet ta' superviżjoni nazzjonali u dwar id-dritt ta' lment [115] ma jeħtiġux l-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali ta' applikazzjoni u huma suffiċjentement ċari, preċiżi u inkundizzjonati sabiex jipproduċu effett dirett. Dan ifisser li, għalkemm il-GDPR jagħti marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri fir-rigward tan-numru ta' awtoritajiet ta' superviżjoni li għandhom jiġu stabbiliti [116], huwa, b'kuntrast ma' dan, jistabbilixxi l-portata tal-kompetenzi tagħhom sabiex jissorveljaw l-applikazzjoni tal-GDPR. B'hekk, fil-każ fejn Stat Membru jiddeċiedi li jistabbilixxi awtorità ta' superviżjoni nazzjonali waħda, din tal-aħħar neċessarjament ikollha il-kompetenzi previsti minn dan ir-regolament fl-intier tagħhom. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra tqiegħed f'dubju l-effett utli ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tirriskja li ddgħajjef l-effett utli tad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-GDPR li jistgħu jkunu s-suġġett ta' lment.

Fir-rigward tal-fatt li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' natura kostituzzjonali jeskludu l-possibbiltà għal awtorità ta' superviżjoni li tiddependi mill-poter eżekuttiv li tissorvelja l-applikazzjoni tal-GDPR minn korp li jaqa' taħt il-poter leġiżlattiv, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li huwa preċiżament b'osservanza tal-istruttura kostituzzjonali tal-Istati Membri li l-GDPR jeżiġi biss li dawn tal-aħħar jistabbilixxu tal-inqas awtorità ta' superviżjoni waħda, filwaqt li toffrilhom il-possibbiltà li jistabbilixxu diversi minn dawn l-awtoritajiet. Dan ir-regolament jagħti, b'hekk, lil kull Stat Membru marġni ta' diskrezzjoni li tippermettilu jwaqqaf daqstant awtoritajiet ta' superviżjoni daqskemm jeħtieġu, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti relatati mal-istruttura kostituzzjonali tiegħu.

Barra minn hekk, il-fatt li jiġu invokati dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali minn Stat Membru ma jistax jqiegħed f'perikolu l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, l-effetti tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jorbtu lill-korpi kollha ta' Stat Membru, mingħajr, b'mod partikolari, ma d-dispożizzjonijiet interni, inkluż dawk ta' natura kostituzzjonali, jistgħu jostakolaw dan il-prinċipju.

B'hekk, peress li Stat Membru għażel li jistabbilixxi awtorità ta' superviżjoni waħda, huwa ma jistax jinvoka dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, anki jekk ta' natura kostituzzjonali, sabiex jeżenta mis-superviżjoni ta' din l-awtorità l-ipproċessar ta' data personali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.

[115] Rispettivament, l-Artikolu 55(1) u l-Artikolu 77(1) tal-GDPR.
[116] Konformement mal-Artikolu 51(1) tal-GDPR.

## 4. Kundizzjonijiet għall-impożizzjoni ta' multi amministrattivi

***Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Nacionalinis visuomenės sveikatos centras (C-683/21, EU:C:2023:949)***

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsimiet II.3., II.5. u II.6., intitolati "Kunċett ta' 'ipproċessar ta' data personali'", "Kunċett ta' 'kontrollur responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali'" u "Kunċett ta' "kontrollur konġunt tal-ipproċessar ta' data personali"), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, bis-saħħa tal-Artikolu 83 tal-GDPR, multa amministrattiva tista' tiġi imposta fuq kontrollur biss jekk jiġi stabbilit li huwa jkun wettaq, deliberatament jew b'negliġenza, ksur tar-regoli li jinsabu f'dan ir-regolament [117].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħalliex lill-Istati Membri setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-kundizzjonijiet sostantivi li għandhom jiġu osservati minn awtorità ta' superviżjoni meta hija tiddeċiedi li timponi multa amministrattiva fuq kontrollur skont din id-dispożizzjoni. Il-fatt li l-GDPR jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jipprevedu eċċezzjonijiet fir-rigward tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-korpi pubbliċi stabbiliti fit-territorju tagħhom [118] kif ukoll rekwiżiti dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-awtoritajiet superviżorji sabiex tiġi imposta multa amministrattiva [119] bl-ebda mod ma jfisser li huma wkoll awtorizzati jipprevedu tali kundizzjonijiet sostantivi.

Fir-rigward ta' dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li fost l-elementi elenkati fil-GDPR li fid-dawl tagħhom l-awtorità ta' superviżjoni timponi multa amministrattiva fuq il-kontrollur hemm "il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur" [120]. B'kuntrast ma' dan, ebda wieħed minn dawn l-elementi ma jsemmi xi possibbiltà li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-kontrollur fl-assenza ta' aġir żbaljat min-naħa tiegħu. Għalhekk, huwa biss il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR imwettaq mill-kontrollur intenzjonalment jew b'negliġenza li jista' jwassal għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq dan tal-aħħar skont l-Artikolu 83 ta' dan ir-regolament.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-istruttura ġenerali u mill-għan tal-GDPR. F'dan il-kuntest, hija ppreċiżat li l-eżistenza ta' sistema ta' sanzjonijiet skont il-GDPR li tippermetti li tiġi imposta, meta ċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ jiġġustifikaw dan, multa amministrattiva, toħloq, għall-kontrolluri u għas-subappaltaturi, inċentiv sabiex jikkonformaw ruħhom ma' dan ir-regolament u li, permezz tal-effett dissważiv tagħhom, il-multi amministrattivi jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-persuni kkonċernati. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma qiesx li kien neċessarju li jipprevedi l-impożizzjoni ta' multi amministrattivi fl-assenza ta' ħtija.

---

[117] Ksur imsemmi fl-Artikolu 83(4) sa (6).

[118] Bis-saħħa tal-Artikolu 83(7) tal-GDPR, li jipprevedi li "kull Stat Membru jista' jistipula r-regoli dwar jekk u sa fejn multi amministrattivi jistgħu jiġu imposti fuq awtoritajiet jew korpi pubbliċi stabbiliti f'dak l-Istat Membru".

[119] Bis-saħħa tal-Artikolu 83(8) tal-GDPR, moqri fid-dawl tal-premessa 129 tiegħu.

[120] Artikolu 83(2)(b) tal-GDPR.

Fid-dawl tal-fatt li l-GDPR għandu livell ta' protezzjoni kemm ekwivalenti kif ukoll omoġenju u li, għal dan l-għan, għandu jiġi applikat b'mod koerenti fl-Unjoni kollha, ikun kuntrarju għal dan l-għan li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu tali sistema għall-impożizzjoni ta' multa.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li tali multa tista' tiġi imposta fuq kontrollur fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data personali mwettqa minn proċessur f'ismu, ħlief jekk, fil-kuntest ta' dawn l-operazzjonijiet, dan il-proċessur ikun wettaq ipproċessar għal finijiet tiegħu stess jew ikun ipproċessa din id-data b'mod inkompatibbli mal-kuntest jew mal-modalitajiet tal-ipproċessar kif kienu ddeterminati mill-kontrollur jew b'mod li ma jistax raġonevolment jitqies li dan il-kontrollur ta l-kunsens tiegħu. F'dan il-każ, il-proċessur għandu jitqies li jkun il-kontrollur ta' tali pproċessar.

***Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Deutsche Wohnen (C-807/21, EU:C:2023:950)***

Deutsche Wohnen SE (iktar 'il quddiem "DW") kienet kumpannija immobiljari li kellha indirettament, permezz ta' holdings f'kumpanniji differenti, diversi unitajiet kummerċjali u ta' akkomodazzjoni. Hija kienet tipproċessa, fil-kuntest tal-attivitajiet kummerċjali tagħha, data personali tal-kerrejja ta' dawn l-unitajiet.

Wara żewġ kontrolli mwettqa fl-2017 u fl-2019, il-Berliner Beauftragte für den Datenschutz (l-Awtorità Superviżorja f'Berlin, il-Ġermanja) ikkonstatat serje ta' ksur tal-GDPR imwettqa minn DW. Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru 2019, din l-awtorità superviżorja, abbażi ta' dan, imponiet fuqha multi amministrattivi.

DW ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Landgericht Berlin (il-Qorti Reġjonali ta' Berlin, il-Ġermanja), li għalqet il-proċedura mingħajr segwitu. Din il-qorti rrilevat li, bis-saħħa tal-liġi Ġermaniża [121], ksur amministrattiv jista' jiġi kkonstatat biss fil-konfront ta' persuna fiżika u mhux kontra persuna ġuridika. Barra minn hekk, fil-każ ta' responsabbiltà ta' persuna ġuridika, kienu biss l-atti tal-membri tal-korpi tagħha jew tar-rappreżentanti tagħha li setgħu jiġu imputati lilha. L-iStaatsanwaltschaft Berlin (l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Berlin, il-Ġermanja) ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin, il-Ġermanja). F'dan il-kuntest, din il-qorti ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-GDPR.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni ta' multi amministrattivi skont il-GDPR. Fl-ewwel lok, hija eżaminat il-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri jistgħux jissuġġettaw l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq persuna ġuridika għall-kundizzjoni li l-ksur ta' dan ir-regolament jiġi imputat minn qabel lil persuna fiżika identifikata. Fit-tieni lok, hija

[121] Gesetz über Ordnungswidrigkeiten (il-Liġi dwar il-Ksur Amministrattiv), tal-24 ta' Mejju 1968 (BGBl. 1968 I, p. 481), fil-verżjoni tal-komunikazzjoni tad-19 ta' Frar 1987 (BGBl. 1987 I, p. 602), kif emendata bil-Liġi tad-19 ta' Ġunju 2020, (BGBl. 2020 I, p. 1350).

indirizzat il-kwistjoni bħas-sentenza Nacionalinis visuomenės sveikatos centras (ara iktar 'il fuq) dwar jekk il-ksur issanzjonat tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR għandux jitwettaq intenzjonalment jew b'negliġenza.

Fir-rigward tal-impożizzjoni ta' multa amministrattiva skont il-GDPR fuq persuna ġuridika, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, qabelxejn, li l-prinċipji, projbizzjonijiet u obbligi previsti mill-GDPR huma indirizzati, b'mod partikolari, lill-"kontrolluri", li r-responsabbiltà tagħhom testendi għal kull ipproċessar ta' data personali li jwettqu huma stess jew li jitwettaq f'isimhom. Hija din ir-responsabbiltà li tikkostitwixxi, fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, il-bażi għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq il-kontrollur skont l-Artikolu 83 ta' dan ir-regolament. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' tali responsabbiltà, ma għamilx distinzjoni bejn il-persuni fiżiċi u l-persuni ġuridiċi, peress li din ir-responsabbiltà hija suġġetta biss għall-kundizzjoni li dawn, waħedhom jew flimkien ma' oħrajn, jiddeterminaw il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali [122]. Għaldaqstant, bħala prinċipju, kull persuna li tissodisfa din il-kundizzjoni hija b'mod partikolari responsabbli għal kull ksur tal-GDPR, imwettaq minnha stess jew f'isimha. Dan jimplika, minn naħa, li l-persuni ġuridiċi huma responsabbli mhux biss għall-ksur imwettaq mir-rappreżentanti, mid-diretturi jew mill-amministraturi tagħhom, iżda wkoll minn kull persuna oħra li taġixxi fil-kuntest tal-attività kummerċjali ta' dawn il-persuni ġuridiċi u f'isimhom. Min-naħa l-oħra, il-multi amministrattivi previsti mill-GDPR fil-każ ta' tali ksur għandhom ikunu jistgħu jiġu imposti direttament fuq persuni ġuridiċi meta dawn ikunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala kontrolluri.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ebda dispożizzjoni tal-GDPR ma tippermetti li jitqies li l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq persuna ġuridika bħala kontrollur hija suġġetta għall-konstatazzjoni minn qabel li dan il-ksur twettaq minn persuna fiżika identifikata. Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħalliex lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward. Il-fatt li l-GDPR jagħtihom il-possibbiltà li jipprevedu rekwiżiti dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-awtoritajiet superviżorji sabiex tiġi imposta multa amministrattiva [123] bl-ebda mod ma jfisser li huma wkoll awtorizzati jipprevedu kundizzjonijiet sostantivi addizzjonali għal dawk stabbiliti mill-GDPR.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżiġu, b'mod unilaterali u bħala kundizzjoni neċessarja għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva skont l-Artikolu 83 tal-GDPR fuq kontrollur li huwa persuna ġuridika, li l-ksur inkwistjoni jiġi imputat jew imputabbli, minn qabel, lil persuna fiżika identifikata jmur kontra dan l-għan tal-GDPR. Barra minn hekk, tali rekwiżit addizzjonali jirriskja, fl-aħħar mill-aħħar, li jdgħajjef l-effettività u l-effett dissważiv tal-multi amministrattivi imposti fuq persuni ġuridiċi bħala kontrolluri.

---

122 Skont il-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

123 Kif jirriżulta mill-Artikolu 58(4) u mill-Artikolu 83(8) tal-GDPR, moqrija fid-dawl tal-premessa 129 tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-kunċett ta' "impriża", fis-sens tal-Artikoli 101 u 102 TFUE [124], ma għandux effett fuq il-punt dwar jekk u f'liema kundizzjonijiet tista' tiġi imposta multa amministrattiva skont il-GDPR fuq kontrollur li jkun persuna ġuridika u huwa rilevanti biss għad-determinazzjoni tal-ammont ta' tali multa.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-GDPR [125] jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha multa amministrattiva tkun tista' tiġi imposta fuq persuna ġuridika fil-kwalità tagħha ta' kontrollur għal ksur ta' dan ir-regolament [126] biss sa fejn dan il-ksur ikun ġie imputat qabel lil persuna fiżika identifikata.

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri jistgħux jipprevedu l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva anki meta l-ksur issanzjonat ma jkunx twettaq intenzjonalment jew b'negliġenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li l-kundizzjonijiet sostantivi li awtorità ta' superviżjoni għandha tosserva meta hija timponi tali multa fuq kontrollur jaqgħu biss taħt id-dritt tal-Unjoni u li l-Istati Membri ma għandhom ebda marġni ta' manuvra f'dan ir-rigward. Billi segwiet raġunament identiku għal dak adottat fis-sentenza Nacionalinis visuomenės sveikatos centras iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, bis-saħħa tal-Artikolu 83 tal-GDPR, multa amministrattiva tista' tiġi imposta biss jekk jiġi stabbilit li l-kontrollur, li jkun kemm persuna ġuridika kif ukoll impriża, iwettaq, intenzjonalment jew b'negliġenza, ksur tar-regoli li jinsabu f'dan ir-regolament.

## 5. Rabta tal-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali superviżorji mal-kompetenzi ta' awtoritajiet nazzjonali oħra

***Sentenza tal-4 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), Meta Platforms et (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali) (C-252/21, EU:C:2023:537)***

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsima V.5., intitolata, "Ipproċessar ta' data personali fuq in-networks soċjali online"), fejn tat deċiżjoni fir-rigward tal-kompetenza ta' awtorità tal-kompetizzjoni sabiex tikkonstata n-nuqqas ta' konformità mal-GDPR ta' pproċessar ta' data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, bla ħsara għall-osservanza tal-obbligu tagħha ta' kooperazzjoni leali [127] mal-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-protezzjoni tad-data, tali awtorità tista' tikkonstata, fil-kuntest tal-eżami ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti min-naħa ta' impriża [128], li l-kundizzjonijiet ġenerali għall-użu stabbiliti minn din l-impriża fil-qasam tal-ipproċessar ta' data personali u l-implimentazzjoni tagħhom ma kinux

124 Li għaliha jsir riferiment fil-premessa 150 tal-GDPR.
125 Artikolu 58(2)(i) u Artikolu 83(1) sa (6) tal-GDPR.
126 Imsemmi fl-Artikolu 83(4) sa (6) tal-GDPR.
127 Sanċit fl-Artikolu 4(3) TUE.
128 Fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

konformi ma' dan ir-regolament, meta din il-konstatazzjoni tkun neċessarja sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali abbuż. Madankollu, meta awtorità tal-kompetizzjoni tirrileva ksur tal-GDPR fil-kuntest tal-konstatazzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, hija ma tissostitwixxix lill-awtoritajiet ta' superviżjoni.

Għalhekk, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, meta l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jkollhom, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom, jeżaminaw il-konformità ta' aġir ta' impriża mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, huma għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw lealment mal-awtoritajiet ta' superviżjoni nazzjonali jew mal-awtorità ta' superviżjoni ewlenija. Dawn l-awtoritajiet kollha huma għalhekk obbligati josservaw is-setgħat u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod li l-obbligi li jirriżultaw mill-GDPR kif ukoll l-għanijiet ta' dan ir-regolament jiġu osservati u jiġi ppreżervat l-effett utli tagħhom. Minn dan isegwi li, meta, fil-kuntest tal-eżami intiż li jikkonstata abbuż minn pożizzjoni dominanti min-naħa ta' impriża, awtorità tal-kompetizzjoni tqis li jkun neċessarju li tiġi eżaminata l-konformità ta' aġir ta' din l-impriża mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, l-imsemmija awtorità għandha tivverifika jekk dan l-aġir jew aġir simili kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni mill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali kompetenti jew mill-awtorità ta' superviżjoni ewlenija jew inkella mill-Qorti tal-Ġustizzja. Jekk dan ikun il-każ, l-awtorità tal-kompetizzjoni ma tistax titbiegħed minnhom, filwaqt li tibqa' libera li tislet minnhom il-konklużjonijiet tagħha stess mill-perspettiva tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Meta jkollha dubji dwar il-portata tal-evalwazzjoni mwettqa mill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali kompetenti jew mill-awtorità ta' superviżjoni ewlenija, meta l-aġir inkwistjoni jew aġir simili jkun, fl-istess ħin, is-suġġett ta' eżami min-naħa ta' dawn l-awtoritajiet, jew inkella meta, fl-assenza ta' investigazzjoni mill-imsemmija awtoritajiet, hija tkun tqis li aġir ta' impriża ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, l-awtorità tal-kompetizzjoni għandha tikkonsulta lil dawn l-awtoritajiet u titlob il-kooperazzjoni tagħhom, sabiex tneħħi d-dubji tagħha jew sabiex tiddetermina jekk ikunx hemm lok li tistenna l-adozzjoni ta' deċiżjoni min-naħa tal-awtorità ta' superviżjoni kkonċernata qabel ma tibda l-evalwazzjoni tagħha stess. Fl-assenza ta' oġġezzjoni min-naħa tagħhom jew ta' tweġiba fi żmien raġonevoli, l-awtorità tal-kompetizzjoni tista' tkompli l-investigazzjoni tagħha stess.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat tar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

Lulju 2024